

2024

Rapport Annwali dwar l-Impriżi Konġunti tal-UE għas-sena finanzjarja 2024



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

MT

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/contact

Sit web: eca.europa.eu

Media soċjali: @EUauditors

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet. Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (<http://europa.eu>).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025

Werrej

Kapitolu 1 L-Impriżi Konġunti tal-UE u l-awditu tal-QEA	5
Introduzzjoni	6
L-Impriżi Konġunti tal-UE	8
Il-JUs huma sħubijiet pubbliċi-privati stabbiliti biex irawmu innovazzjoni kummerċjabbli	8
Żdied l-għadd ta' JUs għar-riċerka u l-innovazzjoni taħt l-aħħar tliet QFP	8
L-attivitajiet tal-JUs għar-riċerka u l-innovazzjoni huma ffinanzjati b'mod konġunt mill-UE u minn membri oħra	9
L-F4E timmaniġġja l-kontribuzzjonijiet tal-UE li jsiru għall-proġett ITER	13
FI-2024, kien hemm bidliet sinifikanti fil-baġit u l-persunal tal-JUs	14
Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jaqdu rwol kritiku fl-arranġamenti baġitarji u ta' kwittanza tal-JUs	15
L-awditu li wettaqna	17
Dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni għal kull JU	17
Riskji ewlenin	17
Approċċ tal-awditjar u użu minn xogħol ta' awdituri indipendenti oħra	19
Kapitolu 2 Ħarsa ġenerali lejn ir-riżultati tal-awditjar	27
Introduzzjoni	28
Opinjonijiet tal-awditjar	29
Opinjonijiet dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet	29
Opinjonijiet dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet	30
Opinjonijiet dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet	30

Osservazzjonijiet oħra	33
Problemi relatati mal-ġestjoni tal-baġit tal-JUs għall-2024	33
Problemi rigward il-ġestjoni tar-riżorsi umani	36
Problemi rigward il-kontribuzzjonijiet ta' membri oħra għall-programmi ta' riċerka u innovazzjoni tal-JUs	36
Dgħufijiet fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll	40
Segwitu għall-osservazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet mis-snin preċedenti	43
Il-JUs indirizzaw inqas minn nofs l-osservazzjonijiet tagħna tas-snin preċedenti	43
Il-JUs implimentaw il-biċċa l-kbira mir-rakkomandazzjonijiet tagħna	43
Rapporti speċjali reċenti oħra li jittrattaw mal-JUs	51
Kapitolu 3 Dikjarazzjonijiet ta' Assigurazzjoni dwar l-Impriżi Konġunti tal-UE	54
3.1. Informazzjoni li tappoġġa d-dikjarazzjonijiet ta' assicurazzjoni	55
Impriżi Konġunti li jimplementaw il-programmi qafas tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni	59
3.2. L-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR 3)	60
3.3. L-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa (CA JU)	68
3.4. L-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva (IHI)	77
3.5. L-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif (Clean H2)	85
3.6. L-Impriża Konġunta taċ-Ċipep	94
3.7. L-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika (CBE)	102
3.8. L-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea (EU-Rail)	110
3.9. L-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew (EuroHPC)	117
3.10. L-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti (SNS JU)	128
3.11. L-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3	135
3.12. Iċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà (ECCC)	143

Impriża Konġunta li topera taħt l-Euratom	149
3.13. L-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (F4E)	150
Abbrevjazzjonijiet	161



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

Kapitolu 1

L-Impriżi Konġunti tal-UE u l-awditu tal-QEA

Introduzzjoni

1.1. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) hija l-awditur estern tal-finanzi tal-UE¹. F'din il-kapaċità, bħala l-gwardjan indipendenti tal-interessi finanzjarji taċ-ċittadini tal-UE, ngħinu fit-titjib tal-ġestjoni finanzjarja tal-UE. Aktar informazzjoni dwar ix-xogħol li nwettqu tista' tinstab fir-rapporti tal-attività tagħna, fir-rapporti annwali tagħna dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE, fir-rapporti speċjali tagħna, u fir-rapporti analitiċi tagħna, kif ukoll fl-opinjoni tagħna dwar liġijiet ġodda jew liġijiet aġġornati tal-UE jew deċiżjonijiet oħra b'implikazzjonijiet għall-ġestjoni finanzjarja.

1.2. Parti mill-mandat tagħna huwa li neżaminaw il-kontijiet annwali u t-tranżazzjonijiet ta' bażi tal-Impriżi Konġunti tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni, l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (F4E), u ċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza fil-qasam taċ-Ċibersigurtà (ECCC) (kollettivament imsejja "JUs"). Dawn huma 12-il korp tal-UE stabbiliti mill-Artikolu 187 sa 188 tat-[Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea \(TFUE\)](#) u, fil-każ tal-F4E, mill-Artikoli 45 sa 51 tat-[Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika](#). L-ECCC ġie stabbilit taħt l-[Artikoli 173 u 188 tat-TFUE](#), prinċipalment biex irawwem l-innovazzjoni flimkien mal-Istati Membri.

1.3. Dan ir-rapport jippreżenta r-riżultati tal-awditu li wettaqna tal-JUs għas-sena finanzjarja 2024. Ir-rapport huwa strutturat kif ġej:

- il-Kapitolu 1 jiddeskrivi l-JUs u l-approċċ tal-awditjar tagħna.
- Il-Kapitolu 2 jagħti ħarsa ġenerali lejn ir-riżultati tal-awditu annwali li wettaqna tal-JUs għas-sena finanzjarja 2024, kif ukoll ta' xogħol ieħor tal-awditjar dwar il-JUs kollha li twettaq minna matul is-sena. Abbażi ta' dawn ir-riżultati tal-awditjar, aħna nagħmlu rakkomandazzjonijiet u nistabbilixxu dati ta' skadenza għall-implimentazzjoni tagħhom.
- il-Kapitolu 3 fih dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni għal kull waħda mit-12-il JU, dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul u l-pagamenti ta' bażi. Nenfassizzaw ukoll oqsma ta' importanza għall-qarrej u nagħmlu osservazzjonijiet li fihom nidentifikaw oqsma fejn jista' jsir titjib.

¹ L-Artikoli 285 sa 287 tat-[Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea \(TFUE\)](#).

1.4. B'mod ġenerali, l-awditu li wettaqna tal-JUs għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024 ta riżultati li huma simili għal dawk ta' snin preċedenti. Fid-dikjarazzjonijiet ta' assigurazzjoni tagħna, aħna ħriġna:

- o opinjonijiet mhux kwalifikati tal-awditjar dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet għall- JUs kollha;
- o opinjonijiet mhux kwalifikati tal-awditjar dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għall-JUs kollha.

L-Impriżi Konġunti tal-UE

Il-JUs huma sħubijiet pubbliċi-privati stabbiliti biex irawmu innovazzjoni kummerċjabbli

1.5. Il-JUs (għajr l-ECCC) huma sħubijiet bejn l-UE (irrappreżentata mill-Kummissjoni) u membri privati mill-industrija u r-riċerka. Kwalunkwe organizzazzjoni privata jew pubblika interessata li tappoġġa l-oġġettivi ta' JU tista' tapplika biex issir membru assoċjat jew sieħeb kontribwenti mingħajr status ta' sħubija sħiħa. F'xi każijiet, il-membri jinkludu organizzazzjonijiet intergovernattivi u Stati parteċipanti. Il-JUs huma stabbiliti bħala korpi tal-UE b'personalitajiet legali separati taħt il-programmi tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) tal-UE.

1.6. Il-missjoni primarja tagħhom hija li jrawmu t-trasformazzjoni tal-għarfien xjentifiku f'innovazzjonijiet rivoluzzjonarji kummerċjabbli fi ħdan viżjoni strateġika komuni. Jenħtieġ li jirrispondu wkoll għal sfidi soċjali meta l-industrija tkun għadha qed taqdihom b'mod dgħajfef.


1.7. Meta jagħmlu dan, jippromwovu kollaborazzjoni bejn l-UE, l-industrija u l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u/jew l-Istati parteċipanti biex joħolqu riċerka u innovazzjoni ta' kwalità għolja u jaċċelleraw l-adozzjoni mis-suq ta' soluzzjonijiet diġitali, ekoloġiċi u soċjetali innovattivi f'setturi strateġiċi. Kull JU tadotta l-aġenda speċifika tagħha ta' riċerka u innovazzjoni f'qasam strateġiku — bħat-trasport, l-enerġija, is-saħħa, l-ekosistemi ċirkolari b'bażi bijoloġika, is-semikondutturi, is-supercomputing, is-sistemi tan-network jew iċ-ċibersigurtà — u timplimentaha permezz ta' sejħiet għal proposti jew akkwist.

1.8. L-ECCC ġie stabbilit biex jippromwovi l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Istati Membri, aktar milli bħala sħubija pubblika-privata ma' membri mhux tal-Istat li jkunu ġejjin mill-industrija u r-riċerka. Għalhekk l-ECCC jikkombina l-karatteristiċi ta' JU ma' daww ta' aġenzija deċentralizzata. Dan huwa rifless fl-istruttura ta' governanza tiegħu, fl-istruttura baġitarja tiegħu, u fil-mudell operazzjonali tiegħu.

Żdied l-għadd ta' JUs għar-riċerka u l-innovazzjoni taħt l-aħħar tliet QFP

1.9. Il-[Figura 1.1](#) turi l-progressjoni tal-JUs għar-riċerka u l-innovazzjoni taħt l-aħħar tliet programmi qafas pluriennali tar-riċerka. L-ewwel sitt JUs ġew stabbiliti taħt is-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku (FP7) matul il-perjodu 2007–2013. L-għadd żdied għal sebgħa taħt il-programmi [Orizzont 2020](#) u [Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa \(FNE 1\)](#) matul il-perjodu 2014–2020. Taħt il-QFP attwali 2021–2027, hemm 11-il JU għar-riċerka u l-innovazzjoni li joperaw taħt il-programmi [Orizzont Ewropa](#), [Ewropa Diġitali](#) u [FNE2](#).

Figura 1.1 — JUs għar-Riċerka u l-Innovazzjoni taħt l-aħħar tliet programmi qafas



Sors: il-QEA, abbażi tar-regolamenti tal-Kunsill li jistabbilixxu l-JUs.

1.10. It-*Tabella 1.1* fi tmiem dan il-kapitolu tipprovdi informazzjoni aktar dettaljata dwar il-bażi legali, id-durata, l-oġġettivi speċifiċi u l-kompiti ta' kull waħda mill-11-il JU għar-riċerka u l-innovazzjoni li joperaw taħt il-QFP 2021–2027.

L-attivitajiet tal-JUs għar-riċerka u l-innovazzjoni huma ffinanzjati b'mod konġunt mill-UE u minn membri oħra

Kontribuzzjonijiet tal-membri lill-JUs għar-riċerka u l-innovazzjoni

1.11. Il-membri kollha ta' JU jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni tagħha. F'kull każ, il-Kummissjoni tipprovdi kontribuzzjonijiet fi flus kontanti ffinanzjati mingħand il-programmi ta' riċerka u innovazzjoni tal-UE biex tikkofinanzja l-aġenda speċifika ta' riċerka u innovazzjoni tal-JU. Minbarra dan, il-membri privati mill-organizzazzjonijiet tal-industrija u r-riċerka nazzjonali huma meħtieġa jipprovdu livell minimu

ta' "kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet operazzjonali tal-JU" (IKOP) u "kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet addizzjonali" (IKAA). Il-JU nnifisha hija responsabbli biex tilħaq il-miri tal-kontribuzzjonijiet minimi stabbiliti fir-regolament fundatur tagħha. L-IKAA ma jaqgħux taħt il-proċeduri baġitarji tal-JU u lanqas taħt il-proċeduri tagħha għas-sejħiet, iżda jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-oġġettivi tagħha relatati ma' proġetti jew ma' programmi. Għal informazzjoni aktar dettaljata, ara l-**Kaxxa 1.1**.

Kaxxa 1.1

Kontribuzzjonijiet *in natura* tal-membri privati għall-attivitajiet operazzjonali tal-JUs (IKOP)

Kif previst fir-regolamenti fundaturi tal-JUs, il-membri privati kollha jeħtiġilhom jikkontribwixxu ammont minimu għall-kostijiet tal-proġetti ta' riċerka u innovazzjoni tal-JUs. Taħt Orizzont 2020, l-IKOP huma l-kostijiet totali mġarrba mill-membri privati fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ta' riċerka u innovazzjoni tal-JUs, li minnhom titnaqqas il-kontribuzzjoni mogħtija mill-membri l-oħra tal-JU (kofinanzjament mill-UE, kontribuzzjoni minn Stati Parteċipanti jew organizzazzjonijiet intergovernattivi), kif ukoll kwalunkwe kontribuzzjoni oħra mill-UE għal dawk il-kostijiet. Taħt il-programmi Orizzont Ewropa u Ewropa Diġitali, l-IKOP jikkonsistu f'kostijiet eliġibbli mġarrba mill-membri privati fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet tal-JU, li minnhom jitnaqqas l-kontribuzzjonijiet mogħtija mill-JU, mill-Istati Parteċipanti jew kwalunkwe kontribuzzjoni oħra mill-UE għal dawk il-kostijiet. L-ammont totali ta' IKOP iċċertifikati u vvalidati jiġi rikonossut fil-kontijiet annwali tal-JU.

Kontribuzzjonijiet *in natura* tal-membri privati għall-attivitajiet addizzjonali (IKAA)


Taħt Orizzont 2020, il-membri privati ta' xi JUs (is-CA, il-CleanH2, is-CBE, l-EU-Rail) jeħtiġilhom jipprovdu wkoll ammont minimu ta' kontribuzzjonijiet *in natura* fir-rigward tal-kostijiet imġarrba għal "attivitajiet addizzjonali" barra mill-programm ta' ħidma u l-baġit tal-JU, iżda li jaqgħu fi ħdan l-ambitu tal-oġġettivi ġenerali tal-JU. Taħt Orizzont Ewropa, il-membri privati tal-JUs taħt l-Att Bażiku Uniku jistgħu jikkontribwixxu l-IKAA. Dawn l-IKAA jinkludu kostijiet mhux eliġibbli tal-attivitajiet iffinanzjati direttament minn dawn il-JUs, wara li titnaqqas kwalunkwe kontribuzzjoni oħra mill-UE għal dawk il-kostijiet. Il-membri privati tal-JU jeħtiġilhom jipprovdu IKAA flimkien mal-IKOP biex jaqblu mal-kontribuzzjonijiet mill-UE. L-ammonti tal-IKAA huma stabbiliti fil-pjan annwali ta' attivitajiet addizzjonali tal-JUs. L-ammont totali ta' IKAA vvalidati u iċċertifikati jiġi ddivulgat fin-noti tal-kontijiet annwali tal-JU. Għalhekk, l-IKAA mhumex suġġetti għall-awditjar mill-QEA. Għall-kuntrarju tal-IKOP u tal-IKAA relatati mal-proġetti, l-IKAA relatati mal-programmi mhumex marbuta bl-istess regoli dwar l-evalwazzjoni kompetittiva bħal dawk imwassla permezz ta' sejħiet. Għalhekk, dawn jaf ikunu inqas effettivi biex jilħqu l-oġġettivi tal-programm tal-JU.

1.12. Fil-każ ta' erba' JUs, l-Istati parteċipanti (il-JU taċ-Ċipep, l-EuroHPC, l-ECCC) jew l-organizzazzjonijiet intergovernattivi (is-SESAR 3) jikkontribwixxu wkoll finanzjarjament jew *in natura* għall-attivitajiet. Fil-każ tal-JU Saħħa Globali EDCTP3, l-uniku membru l-ieħor minbarra l-UE huwa l-assoċjazzjoni tal-EDCTP, assoċjazzjoni privata ta' Stati Ewropej u Stati Afrikani, li tikkontribwixxi finanzjarjament u *in natura*. Fil-każ tal-ECCC, il-kontribuzzjonijiet li l-Istati Membri jagħmlu għall-azzjonijiet konġunti huma volontarji.

1.13. Fl-aħħar nett, l-UE terfa' l-kostijiet amministrattivi kollha għal żewġ JUs (l-EuroHPC u l-JU Saħħa Globali EDCTP3). Għall-JUs l-oħra kollha, kemm l-UE kif ukoll il-membri l-oħra jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-kostijiet amministrattivi.

1.14. Il-*Figura 1.2* turi l-miri kollha tal-kontribuzzjonijiet tal-membri lill-JUs taħt il-QFP 2014–2020 u l-QFP 2021–2027, kif stabbiliti fir-regolamenti fundaturi rispettivi. L-aktar żidiet sinifikanti fil-baġit għall-QFP 2021–2027 kienu jikkonċernaw l-EuroHPC u l-KDT (li saret il-JU taċ-Ċipep fl-2024).

Figura 1.2 — Miri tal-kontribuzzjonijiet tal-membri lill-JUs għar-riċerka u l-innovazzjoni (f'miljun EUR)



Sors: il-QEA, abbażi tar-regolamenti tal-Kunsill li jistabbilixxu l-JUs.

1.15. Kif jidher fil-*Figura 1.3*, il-baġit tal-JUs għall-kofinanzjament tal-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni tagħhom jammonta għal madwar EUR 17.2-il biljun taħt il-QFP 2021–2027. Dan huwa aktar mid-doppju tal-kontribuzzjonijiet mogħtija mill-UE taħt il-QFP preċedenti (EUR 7.6 biljun). B'mod partikolari, il-JUs jistgħu jużaw sa EUR 11.6-il biljun tal-baġit totali ta' Orizzont Ewropa ta' EUR 93.5 biljun (madwar 12 %). Barra minn hekk, l-EuroHPC, il-JU taċ-Ċipep u l-ECCC jirċievu ammont ikkombinat ta' EUR 5.1 biljun mingħand Ewropa Diġitali (madwar 63 % tal-baġit totali ta' EUR 8.1 biljun) biex jimplementaw proġetti kbar ta' bini tal-kapaċitajiet, ta' implimentazzjoni u ta' investiment rigward l-*istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali Ewropew* u l-*Att dwar iċ-Ċipep*.

1.16. Meħuda flimkien, taħt il-QFP 2021–2027, il-11-il JU għar-riċerka u l-innovazzjoni se jkollhom riżorsi finanzjarji ta' madwar EUR 38.5 biljun għad-dispożizzjoni tagħhom (ara l-*Figura 1.3*). Dan l-ammont iqis ukoll l-effett finanzjarju ta' EUR 0.4 biljun, li jirriżulta għal diversi JUs, mill-kontribuzzjonijiet tar-Renju Unit u t-tnaqqis tar-rieżami ta' nofs it-terminu ta' Orizzont Ewropa. Dan huwa kważi d-doppju tal-ammont taħt il-QFP preċedenti (madwar EUR 19.6-il biljun). Madankollu, dan huwa konsistenti maż-żieda minn 8 għal 11-il JU u mal-


espansjoni sinifikanti tal-mandati ta' diversi JUs, meta mqabbla mal-QFP 2014–2020 (inpartikolari tal-EuroHPC u tal-JU taċ-Ċipep).

Figura 1.3 — Total tal-kontribuzzjonijiet tal-UE u dawk mhux tal-UE, lill-JUs

(EUR biljun)

QFP 2014–2020

QFP 2021–2027



Sors: il-QEA, abbażi tar-regolamenti tal-Kunsill li jistabbilixxu l-JUs.

1.17. Madankollu, naqas is-sehem ippjanat ta' kontribuzzjonijiet mhux tal-UE għall-attivitajiet tal-JUs meta mqabbel mal-QFP preċedenti. L-oġġettiv għall-QFP 2014–2020 kien li l-finanzjament ta' EUR 7.6 biljun mill-UE jiġi ingranat b'EUR 12.0-il biljun addizzjonali (158 %) f'kontribuzzjonijiet mingħand membri privati, Stati parteċipanti u organizzazzjonijiet internazzjonali, b'total ta' madwar EUR 19.6-il biljun (ara t-[Tabella 2.2](#)). Il-pjan għall-QFP 2021–2027 huwa li l-finanzjament ta' EUR 17.2-il biljun mill-UE jingrana EUR 21.3 biljun addizzjonali (123 %) f'kontribuzzjonijiet oħra (ara l-[Figura 1.3](#)).

Mudelli ta' governanza tal-JUs għar-riċerka u l-innovazzjoni

1.18. L-istruttura ta' governanza tal-biċċa l-kbira mill-JUs tinkludi bord ta' tmexxija, korp konsultattiv xjentifiku, grupp tar-rappreżentanti tal-Istati, u gruppi ta' partijiet ikkonċernati li huma attivi fil-qasam speċifiku tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-JU. Il-biċċa l-kbira mill-JUs jieħdu mudell bipartitiku, li fih il-Kummissjoni u l-membri privati (bil-membri assoċjati inklużi) mill-industrija u r-riċerka huma rrappreżentati fuq il-Bord ta' Tmexxija (is-CA, l-IHI, il-Clean H2, is-CBE, l-EU-Rail, l-SNS). Fil-każ tal-JU Saħħa Globali EDCTP3, l-uniku membru tal-Bord ta' Tmexxija, minbarra l-UE, huwa l-assoċjazzjoni EDCTP, li tirrappreżenta l-Istati Ewropej u l-Istati Afrikani li jieħdu sehem fil-programm tal-JU. Xi JUs japplikaw mudell tripartitiku, li fih jew l-Istati Parteċipanti (il-JU taċ-Ċipep u l-EuroHPC) jew inkella organizzazzjoni intergovernattiva ewlenija (is-SESAR 3) huma rrappreżentati wkoll fuq il-Bord ta' Tmexxija.

L-F4E timmaniġġja l-kontribuzzjonijiet tal-UE li jsiru għall-proġett ITER

1.19. Il-Ftehim dwar ir-Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali (ITER) daħal fis-seħħ fl-24 ta' Ottubru 2007, meta l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER (ITER-IO) ġiet legalment stabbilita. L-ITER-IO tissorvelja l-implimentazzjoni tal-proġett ITER, li jiffoka fuq il-kostruzzjoni ta' faċilitajiet ta' fużjoni f'Cadarache (Franza).

1.20. Il-proġett ITER jinvolvi sebat isħab globali: l-UE (li hija rrappreżentata mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) f'isem l-Istati Membri tal-UE), l-Istati Uniti, ir-Russja, il-Ġappun, iċ-Ċina, il-Korea t'Isfel u l-Indja. L-UE tkopri madwar 45 % tal-kostijiet tal-kostruzzjoni, u l-membri l-oħra tal-ITER jikkontribwixxu madwar 9 % kull wieħed. Id-distribuzzjoni tal-kostijiet se tinbidel fil-fażi ta' ttestjar tal-fużjoni operazzjonali, meta l-Euratom se tkopri 34 % tal-kostijiet operatorji.

1.21. Permezz tal-aġenziji domestiċi tagħhom, il-membri tal-ITER-IO jikkontribwixxu prinċipalment *in natura* għall-proġett billi jwasslu komponenti, tagħmir, materjali, bini, u servizzi direttament lill-ITER-IO. Jipprovdu wkoll kontribuzzjonijiet fi flus kontanti għall-baġit tal-ITER-IO. Il-membri tal-ITER jaqsmu r-responsabbiltà għall-manifattura tal-komponenti ewlenin tar-reatturi — l-allokazzjoni tal-kompiti ta' manifattura kienet ibbażata kemm fuq l-interessi kif ukoll fuq il-kapaċità teknika u industrijali ta' kull membru².

1.22. Il-JU Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (F4E) ġiet stabbilita f'April 2007, bħala "aġenzija domestika" tal-UE, għal perjodu ta' 35 sena. Wieħed mill-kompiti prinċipali tagħha huwa li timmaniġġja l-kontribuzzjoni tal-UE għall-proġett ITER. Hija tikkordina attivitajiet u twettaq l-akkwist meħtieġ b'rabta mal-kostruzzjoni ta' reattur dimostrattiv tal-enerġija mill-fużjoni u ta' faċilitajiet. L-F4E hija prinċipalment iffinanzjata mill-Euratom (madwar 80 %) u minn Franza, li hija l-Istat ospitanti tal-ITER (madwar 20 %).

1.23. Fl-2017, il-Kummissjoni stmat li n-nefqa totali tal-UE għall-obbligi tagħha taħt il-Ftehim ITER u l-attivitajiet assoċjati sal-2035 (il-bidu tal-fażi operattiva) tkun ta' EUR 18.2-il biljun (f'valuri tal-2017). Din kellha tiġi ffinanzjata minn baġit totali tal-Euratom li jammonta għal EUR 15-il biljun, u Franza u l-Istati Membri l-oħra tal-Euratom jkunu jipprovdu EUR 3.2 biljun addizzjonali (kollha f'valuri tal-2017). L-istimi jinsabu fid-dettall fil-[Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM\(2017\) 319](#) u d-[dokument ta' ħidma tal-persunal SWD\(2017\) 232](#), it-Tabella 4, relatat.

1.24. Ir-Renju Unit ilu minn Settembru 2023 jipparteċipa fl-Euratom bħala Stat assoċjat, għalkemm għadu barra mill-programm ta' fużjoni tal-Euratom.


² ITER.org.

FI-2024, kien hemm bidliet sinifikanti fil-baġit u l-persunal tal-JUs

1.25. Il-*Figura 1.4* tagħti ħarsa ġenerali lejn il-baġits għall-pagamenti u r-riżorsi umani tal-JUs għas-snin finanzjarji 2023 u 2024. FI-2024, il-JUs għar-riċerka u l-innovazzjoni implimentaw baġit totali għall-pagamenti li kien jammonta għal EUR 2.5 biljun (2023: EUR 3.3 biljun). It-tnaqqis fi-2024 huwa spjegat mill-fatt li, fi-2023, il-biċċa l-kbira mill-JUs għamlu pagamenti kbar ta' prefinanzjamenti għal ftehimiet ta' għotja taħt l-ewwel sejħiet għal proposti taħt Orizzont Ewropa u Ewropa Diġitali. B'kuntrast ma' dan, il-baġit totali tal-F4E għall-pagamenti għall-2024 żdied marġinalment għal EUR 0.7 biljun (2023: EUR 0.6 biljun).

1.26. Sa tmiem l-2024, l-għedud tal-persunal fil-JUs għar-riċerka u l-innovazzjoni kienu żdiedu b'20 % sa 358. Il-biċċa l-kbira minn din iż-żieda kienet tirrigwarda r-reklutaġġ ta' persunal ġdid mill-JUs stabbiliti taħt il-QFP attwali (l-SNS, il-JU Saħħa Globali EDCTP3, l-ECCC), kif ukoll mis-SESAR 3, -EuroHPC u l-IHI, li komplaw jimla l-postijiet vakanti li kien jifdal fit-tabelli tal-persunal tagħhom. FI-2024, l-F4E impjegat 442 membru tal-persunal (2023: 426) — żieda primarjament minħabba r-ristrutturazzjoni organizzattiva tal-JU biex jiġu ssodisfati rekwiżiti ġodda fil-linji bażi riveduti tal-ITER. Iċ-ċifri kollha jinkludu uffiċjali, persunal temporanju u bil-kuntratti, u esperti nazzjonali sekondati (ara l-*Figura 1.4*).

Figura 1.4 — Baġits għall-pagamenti u riżorsi umani tal-JUs (2023 u 2024)




Sors: il-QEA, abbażi ta' data pprovduta mill-JUs.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jaqdu rwol kritiku fl-arranġamenti baġitarji u ta' kwittanza tal-JUs

1.27. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill huma responsabbli mill-proċeduri annwali baġitarji u ta' kwittanza tal-JUs. Il-kronoloġija tal-proċedura ta' kwittanza tidher fil-[Figura 1.5](#).

Figura 1.5 — Proċedura annwali ta' kwittanza



Sors: il-QEA, abbażi tar-regolamenti fundaturi u finanzjarji tal-JU.

L-awditu li wettaqna

Dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni għal kull JU

1.28. Kif meħtiegħ mill-Artikolu 287 TFUE, aħna awditjajna:

- (a) il-kontijiet annwali tat-12-il JU għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024; u
- (b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet (dħul u pagamenti) li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

1.29. Abbażi tar-riżultati tal-awditu li wettaqna, għal kull JU aħna nipprovdu dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Fejn ikun xieraq u rilevanti, aħna nissupplimentaw id-dikjarazzjonijiet ta' assigurazzjoni b'osservazzjonijiet oħra (ara l-[Kapitolu 3](#)). Dawn l-osservazzjonijiet ma jixħtux dubju fuq l-opinjonijiet tal-awditjar tagħna.

1.30. Din hija l-ewwel sena li fiha awditjajna ċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza fil-qasam taċ-Ċibersigurtà (ECCC), li kiseb awtonomija finanzjarja fl-24 ta' Settembru 2024.

Riskji ewlenin

1.31. L-awditu li wettaqna tal-kontijiet annwali u tat-tranżazzjonijiet ta' bażi tal-JUs kien maħsub biex jindirizza r-riskji ewlenin li identifikajna fil-valutazzjoni tar-riskju li konna wettaqna għall-2024, li hija ppreżentata fil-[Figura 1.6](#).

Figura 1.6 — Valutazzjoni tar-riskji ewlenin

	Riskju GĦOLI Riskju MEDJU Riskju BAXX
	Affidabbiltà tal-kontijiet Il-JUs kollha qabbdut ditta tal-awditjar estern għall-awditu tal-affidabbiltà tal-kontijiet annwali tagħhom. L-awditu li sar mid-ditti tal-awditjar estern, li sussegwentement aħna nirrieżaminaw, ikkonferma l-kwalità ta' xogħolhom. Għalhekk qisna li r-riskju għall-affidabbiltà tal-kontijiet kien baxx għall-JUs kollha.
	Legalità u regolarità tad-dħul Billi d-dħul tal-JUs fl-2024 kien jikkonsisti prinċipalment f'kontribuzzjonijiet finanzjarji mingħand il-fondi tar-riċerka tal-Kummissjoni (Orizzont Ewropa u Orizzont 2020) u mingħand il-baġit tal-Euratom, qisna li r-riskju għal-legalità u r-regolarità tad-dħul kien baxx b'mod ġenerali.
	Legalità u regolarità tan-nefqa amministrattiva In-nefqa amministrattiva tikkonsisti prinċipalment f'salarji u f'pagamenti ta' rutina. - Is-salarji jiġu amministrati mill-Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Ħlas tal-Intitolamenti Individwali tal-Kummissjoni, li aħna nawditjaw bħala parti mill-valutazzjoni speċifika li nwettqu tar-rapport annwali dwar l-infiq għall-amministrazzjoni. - Fir-rigward tal-proċeduri ta' akkwist għal servizzi amministrattivi oħra, u l-pagamenti kuntrattwali relatati, l-awditi preċedenti wrew li r-riskju ġenerali huwa baxx billi l-JUs jużaw fil-biċċa l-kbira kuntratti qafas tal-Kummissjoni li diġà jeżistu.
	Legalità u regolarità tan-nefqa operazzjonali Pagamenti ta' għotjiet Aħna vvalutajna r-riskju għall-pagamenti u l-approvazzjonijiet ta' għotjiet <i>interim</i> u finali tal-JUs bħala għoli b'mod ġenerali minħabba li d-dikjarazzjonijiet tal-kostijiet tal-benefiċjarji normalment ikunu kumplessi għall-programmi kollha ta' riċerka u innovazzjoni, u l-awditi li wettaqna qabel żvelaw dgħufijiet kemm fiċ-ċertifikazzjoni tar-rapporti finanzjarji li jservu ta' kontroll <i>ex ante</i> kif ukoll fl-awditi <i>ex post</i> imwettqa mis-Servizz tal-Awditjar Komuni.
	Pagamenti ta' kuntratti Aħna nqisu li r-riskju għan-nefqa tal-kuntratti operazzjonali huwa baxx. Fl-2024, dan laqat prinċipalment lill-F4E u lill-EuroHPC. Minkejja l-kumplessità tal-proċeduri ta' akkwist tagħhom, aħna ma sibniex żbalji materjali fil-pagamenti ta' kuntratti operazzjonali u lanqas fil-proċeduri ta' akkwist relatati tagħhom mill-2018 'il hawn.
	Ġestjoni tal-baġit u implimentazzjoni tal-programmi Aħna vvalutajna r-riskju għall-ġestjoni tal-baġit u l-implimentazzjoni li tirriżulta tal-programmi bħala baxx għall-JUs kollha, flimkien għal żewġ JUs: - I-EuroHPC: għollejniet sa livell medju minħabba r-riskju li l-membri privati jaf ma jilhqax il-mira tal-kontribuzzjonijiet li kienet ferm akbar skont ir-regolament fundatur il-ġdid. - I-F4E: għollejniet sa livell medju minħabba li d-dewmien u ż-żidiet fil-kostijiet li jirriżultaw mil-linja bażi l-ġdida ppjanata u minn fatturi importanti oħra barra mill-kontroll tal-JU jaf jirriżultaw f'rati aktar baxxi ta' implimentazzjoni tal-baġit.

Sors: il-QEA.

Approċċ tal-awditjar u użu minn xogħol ta' awdituri indipendenti oħra

1.32. B'kont meħud tar-riskji deskritti hawn fuq, aħna wettaqna ttestjar sostantiv xieraq, użajna x-xogħol tal-awditjar ta' awdituri indipendenti oħra, u vvalutajna l-prestazzjoni tas-sistemi ta' kontroll.

1.33. L-Artikolu 70(6) tar-[Regolament Finanzjarju](#) tal-UE jiddikjara li awditur indipendenti estern jeħtiegħu jivverifika l-kontijiet annwali tal-JUs. Filwaqt li l-JUs kollha esternalizzaw l-awditu tal-affidabbiltà tal-kontijiet lil privati, l-aspetti kollha ta' dak l-awditu u r-rapporti tal-awditjar speċifiċi li rriżultaw (inkluża dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni għal kull JU) jibqgħu taħt ir-responsabbiltà sħiħa tal-QEA. Irrieżaminajna l-kwalità tax-xogħol li sar mid-ditti tal-awditjar esterni skont l-istandards internazzjonali tal-awditjar, u ksibna aċċertament suffiċjenti li stajna noqogħdu fuq ix-xogħol tagħhom meta fassalna l-opinjonijiet tal-awditjar tagħna stess dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali tal-JUs għall-2024.

1.34. Għall-opinjonijiet tagħna dwar in-nefqa operazzjonali, permezz ta' għotjiet, tal-JUs għar-riċerka u l-innovazzjoni, awditjajna kampjun ta' 33 tranżazzjoni magħżula b'mod aleatorju (pagamenti *interim*/finali u approvazzjonijiet ta' pagamenti bil-quddiem) mill-2024, fil-livell tal-benefiċjarji finali. L-opinjoni tagħna dwar l-F4E kienet ibbażata fuq l-ittestjar sostantiv ta' kampjun ta' 30 tranżazzjoni magħżula b'mod aleatorju (approvazzjonijiet ta' pagamenti bil-quddiem, u pagamenti *interim*/finali relatati man-nefqa amministrattiva u operazzjonali) mill-2024.

1.35. Fil-każ tal-pagamenti finali ta' għotjiet, il-benefiċjarji jrid ikollhom ir-rapporti finanzjarji ċċertifikati. Dan isir fil-għamla ta' rapport fattwali, prodott minn awditur indipendenti jew uffiċjal pubbliku, li jagħti aċċertament lill-Kummissjoni jew lil korp tal-UE li jaġġudika l-għotjiet li l-kostijiet iddikjarati fir-rapporti finanzjarji finali huma eliġibbli. Barra minn hekk is-Servizz tal-Awditjar Komuni (CAS) fid-DĠ RTD tal-Kummissjoni jwettaq awditi *ex post* ta' kampjuni — aleatorji u bbażati fuq ir-riskju — ta' pagamenti *interim* u finali ta' għotjiet. Dawn il-pagamenti jkunu saru mill-JUs meta dawn kienu qed jimplementaw attivitajiet ta' riċerka, li qabel kienu taħt Orizzont 2020 u issa taħt Orizzont Ewropa.

1.36. Meta nabbozzaw l-opinjonijiet tal-awditjar tagħna dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti ta' bażi, aħna nieħdu kont tar-riżultati tal-awditi mwettqa mis-CAS.

- (a) Fir-rigward tan-nefqa fuq l-għotjiet tal-JUs taħt Orizzont 2020, l-istrateġija tal-awditjar *ex post* tal-Kummissjoni kienet tirrikjedi li s-CAS jiġġenera kampjun rappreżentattiv (aleatorju) separat għal kull JU. Dawn intużaw għall-kalkolu tar-rati ta' żball rappreżentattivi u r-rati tal-iżball residwu speċifiċi għall-ĠU. Ir-rata tal-iżball residwu tirrifletti l-effett potenzjali ta' tindif li nħoloq meta l-benefiċjarji kkoreġew l-iżbalji kollha li kienu nqabdu fil-pagamenti tal-għotjiet li kienu ġew awditjati *ex post*, flimkien ma' żbalji sistematiċi li laqtu wkoll il-pagamenti ta' għotjiet tagħhom li ma ġewx awditjati. Skont il-

proposta tal-Kummissjoni għal regolament dwar Orizzont 2020, l-oġġettiv kien li tinkiseb rata tal-iżball residwu ta' inqas minn 2 % tan-nefqa totali matul il-ħajja tal-programm.

- (b) Fir-rigward tan-nefqa fuq l-għotjiet taħt Orizzont Ewropa, is-CAS għadu responsabbli mill-awditi *ex post* iżda qaleb għal approċċ tal-awditjar ibbażat fuq ir-riskju. Għal Ewropa Diġitali, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali (HaDEA) tiegħu approċċ tal-awditjar *ex post* simili. Il-bidla għal approċċ ibbażat fuq ir-riskju għal din il-parti tan-nefqa operazzjonali tfisser li r-rata ta' żball rappreżentattiva u r-rata tal-iżball residwu speċifiċi għall-JUs ma għadhomx disponibbli.

1.37. L-aspett finali tal-awditu li wettaqna kien li neżaminaw kampjun ta' proċeduri ta' reklutaġġ, ta' akkwist u ta' sejħiet għal għotjiet u li nivvalutaw l-elementi ewlenin tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll. Aħna eżaminajna wkoll dak li qalu r-rapporti l-aktar reċenti mis-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS) tal-Kummissjoni, abbażi ta' valutazzjonijiet tar-riskju regolari, rigward l-effettività tal-kontrolli interni tal-JUs fuq proċeduri amministrattivi ewlenin.

Aħna nirrapportaw frodi suspettata lill-korpi rilevanti tal-UE

1.38. Nikkooperaw mal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) fi kwistjonijiet rigward frodi suspettata u rigward attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-UE, u mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) fi kwistjonijiet rigward reati suspettati kontra l-interessi finanzjarji tal-UE. Ninnotifikaw lill-OLAF u/jew lill-UPPE rigward kwalunkwe suspett li jinqala' matul xogħolna, minkejja li l-awditi li nwettqu mhumix maħsuba speċifikament biex jidentifikaw il-frodi. L-ebda waħda mis-sejbiet tagħna għas-sena finanzjarja 2024 ma kienet tirrikjedi notifika lill-OLAF jew lill-UPPE.

Tabella 1.1 — Il-bażi legali, id-durata, l-oġġettivi speċifiċi u l-kompiti tal-JUs għar-Riċerka u l-Innovazzjoni

Isem il-JU taħt il-QFP 2021–2027	Akronimu	Bażi legali	Tul tal-ħajja	Proġrammi ta' riċerka u innovazzjoni	Oġġettivi u kompiti speċifiċi ta' riċerka u innovazzjoni
L-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew	SESAR 3	Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa (Att Bażiku Uniku)	10 snin sal-31 ta' Diċembru 2031	Orizzont 2020, Orizzont Ewropa	— Tavvanza l-kapaċità Ewropea tar-riċerka u l-innovazzjoni għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru, biex b'hekk din issir aktar sostenibbli u skalabbli. — Tħaffef l-adozzjoni mis-suq ta' soluzzjonijiet innovattivi biex jiġi stabbilit l-Ajru Diġitali Ewropew uniku bħala l-aktar spazju tal-ajru effiċjenti fid-dinja. — Issaħħaħ il-kompetittività u s-sostenibbiltà tat-trasport bl-ajru Ewropew.
L-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa	CA	Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa (Att Bażiku Uniku)	10 snin sal-31 ta' Diċembru 2031	Orizzont 2020, Orizzont Ewropa	— Tavvanza l-kapaċità tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-industrija tal-avjazzjoni Ewropea għal teknoloġiji tal-avjazzjoni newtrali għall-klima biex titnaqqas l-impronta tal-karbonju tal-avjazzjoni. — Issaħħaħ, permezz tal-innovazzjoni ajrunawtika, il-kompetittività tal-industrija tal-avjazzjoni Ewropea, bl-inklużjoni kemm tas-settur tal-avjazzjoni tradizzjonali kif ukoll ta' dak emerġenti.
L-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva	IHI	Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunti fil-qafas ta'	10 snin sal-31 ta' Diċembru 2031	Orizzont 2020, Orizzont Ewropa	— Tavvanza r-riċerka u l-innovazzjoni Ewropea dwar is-saħħa u ssarraf l-għarfien xjentifiku dwar is-saħħa f'innovazzjonijiet sikuri u kosteffettivi fl-Ewropa.

Isem il-JU taħt il-QFP 2021–2027	Akronimu	Bażi legali	Tul tal-ħajja	Programmi ta' riċerka u innovazzjoni	Objettivi u kompiti speċifiċi ta' riċerka u innovazzjoni
		Orizzont Ewropa (Att Bażiku Uniku)			— Tiżviluppa strateġija industrijali u farmaċewtika għall-Ewropa, immexxija mill-innovazzjoni, li tindirizza ħtiġijiet kritiċi iżda mhux issodisfati tas-saħħa pubblika. — Issaħħaħ il-kompetittività tal-industrija tas-saħħa Ewropea.
L-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif	Clean H2	Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa (Att Bażiku Uniku)	10 snin sal-31 ta' Diċembru 2031	Orizzont 2020, Orizzont Ewropa	— Tawvanza l-kapaċità Ewropea tar-riċerka u l-innovazzjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra permezz tal-istrateġija tal-idroġenu għall-2020 biex l-Ewropa ssir newtrali għall-klima. — Tħaffef l-adozzjoni mis-suq ta' teknoloġiji bbażati fuq l-idroġenu biex tiġi stabbilita katina tal-valur tal-idroġenu nadif għal sistema tal-enerġija dekarbonizzata. — Issaħħaħ il-kompetittività tal-industrija Ewropea tal-idroġenu nadif.
L-Impriża Konġunta taċ-Ċipep	KDT/Ċipep	Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa (l-Att Bażiku Uniku), emendat bir-Regolament	10 snin sal-31 ta' Diċembru 2031	Orizzont 2020; Orizzont Ewropa; Ewropa Diġitali	— Tawvanza l-kapaċità Ewropea tar-riċerka u l-innovazzjoni għat-tfassil u l-iżvilupp ta' teknoloġiji tas-semikondutturi mill-aktar avvanzati tal-ġenerazzjoni li jmiss. — Toħloq kapaċitajiet ta' inġinerija għal ċipep kwantistiċi mill-aktar avvanzati u teknoloġiji tas-semikondutturi assoċjati madwar l-Ewropa. — Tiffaċilita l-aċċess għall-finanzjament tad-dejn u l-ekwità taħt il-Fond InvestEU u l-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni, b'mod partikolari għan-negozji ġodda fil-katina tal-valur tas-semikondutturi.

Isem il-JU taħt il-QFP 2021–2027	Akronimu	Bażi legali	Tul tal-ħajja	Programmi ta' riċerka u innovazzjoni	Objettivi u kompiti speċifiċi ta' riċerka u innovazzjoni
		tal-Kunsill (UE) 2023/1782 li lill-JU Teknoloġiji Diġitali Ewlenin (KDT) jagħtiha l-isem ġdid ta' JU taċ-Ċipep			
L-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika	CBE	Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa (Att Bażiku Uniku)	10 snin sal-31 ta' Diċembru 2031	Orizzont 2020, Orizzont Ewropa	— Tavvanza l-kapaċità Ewropea tar-riċerka u l-innovazzjoni għal soluzzjonijiet b'bażi bijoloġika, u tħaffef l-adozzjoni tagħhom mis-suq biex titnaqqas id-dipendenza minn materjali bbażati fuq il-fjuwils fossili fl-Ewropa. — Issaħħaħ is-sostenibbiltà u l-effiċjenza fir-riżorsi tal-industrija ċirkolari b'bażi bijoloġika fl-Ewropa.
L-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea	EU-Rail	Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa (Att Bażiku Uniku)	10 snin sal-31 ta' Diċembru 2031	Orizzont 2020, Orizzont Ewropa	— Tavvanza l-kapaċitajiet Ewropej tar-riċerka u l-innovazzjoni biex tinkiseb Żona Ferrovjarja Unika Ewropea. — Tħaffef l-adozzjoni mis-suq ta' teknoloġiji innovattivi għal sistema ferrovjarja Ewropea li tkun integrata, sostenibbli, multimodali u ta' kapaċità għolja. — Issaħħaħ il-kompetittività tal-industrija ferrovjarja Ewropea.

Isem il-JU taħt il-QFP 2021–2027	Akronimu	Bażi legali	Tul tal-ħajja	Programmi ta' riċerka u innovazzjoni	Objettivi u kompiti speċifiċi ta' riċerka u innovazzjoni
L-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti	SNS	Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085 li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta fil-qafas ta' Orizzont Ewropa (Att Bażiku Uniku)	10 snin sal-31 ta' Diċembru 2031	Orizzont Ewropa	— Tavvanza r-riċerka u l-innovazzjoni Ewropej biex tinkiseb tmexxija xjentifika għas-sistemi 6G, infrastruttura diġitali avvanzata u soluzzjonijiet ta' network intelliġenti fl-Ewropa. — Tħaffef l-adozzjoni mis-suq ta' soluzzjonijiet ta' konnettività mill-aktar avvanzati biex tappoġġa t-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika tal-Ewropa.
L-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3	JU Saħħa Globali EDCTP3	Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085 li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta fil-qafas ta' Orizzont Ewropa (Att Bażiku Uniku)	10 snin sal-31 ta' Diċembru 2031	Orizzont Ewropa	— Tippromwovi teknoloġiji tas-saħħa innovattivi u aċċessibbli għall-prevenzjoni u t-trattament tal-mard infettiv biex jitnaqqas il-piż soċjoekonomiku tal-mard infettiv fl-Afrika sub-Saħarjana. — Issaħħaħ it-tnejn u r-rispons għall-mard infettiv fl-Ewropa u globalment.
L-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew	EuroHPC	Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/1173 dwar l-istabbiliment tal-Impriża Konġunta għall-Computing ta'	12-il sena sal-31 ta' Diċembru 2033	Orizzont Ewropa; Ewropa Diġitali; Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa	— Tiżviluppa supercomputing sigur u iperkonness mad-dinja kollha, computing kwantistiku, soluzzjonijiet tal-IA mill-aktar avvanzati permezz ta' sistema Ewropea ta' fabbriki tal-IA u infrastruttura tad-<i>data</i>. — Issaħħaħ il-kompetittività u l-ħiliet tal-industrija Ewropea tas-supercomputing u tal-IA.

Isem il-JU taħt il-QFP 2021–2027	Akronimu	Bażi legali	Tul tal-ħajja	Programmi ta' riċerka u innovazzjoni	Objettivi u kompiti speċifiċi ta' riċerka u innovazzjoni
		Prestazzjoni Għolja Ewropew u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/1488, emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/1732 biex jinkludi pilastru tal-“intelliġenza artifiċjali”.			— Tħaffef l-adozzjoni mis-suq ta' sistemi avanzati u kompetittivi tas-supercomputing u tal-computing kwantistiku u soluzzjonijiet tal-IA fl-Ewropa. — Tiftaħ l-infrastruttura tas-supercomputing għal spettru wiesa' ta' utenti pubbliċi u privati biex tiżviluppa ħiliet diġitali għax-xjenza u l-industrija Ewropea.
Iċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza fil-qasam taċ-Ċibersigurtà	ECCC	Ir-Regolament (UE) 2021/887 li jistabbilixxi ċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà u n-Network ta'	8 snin sal-31 ta' Diċembru 2029	Ewropa Diġitali; Orizzont Ewropa	— Tavvanza l-kapaċità u l-ħiliet Ewropej tar-riċerka u l-innovazzjoni biex jissaħħu r-reżiljenza u s-sigurtà tal-infrastruttura tas-Suq Uniku Diġitali permezz ta' teknoloġiji taċ-ċibersigurtà mill-aktar avanzati. — Tiżviluppa komunità taċ-ċibersigurtà b'saħħitha fl-Ewropa biex trawwem il-kollaborazzjoni, il-kondiviżjoni tal-għarfien u standards għoljin ta' sigurtà madwar l-Ewropa. — Tbidel iċ-ċibersigurtà f'vantaġġ kompetittiv għall-industrija Ewropej.

Isem il-JU taħt il-QFP 2021–2027	Akronimu	Bażi legali	Tul tal-ħajja	Programmi ta' riċerka u innovazzjoni	Objettivi u kompiti speċifiċi ta' riċerka u innovazzjoni
		Ċentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni.			



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

Kapitolu 2

Ħarsa ġenerali lejn ir-riżultati tal-awditjar

Introduzzjoni

2.1. Dan il-kapitolu jagħti ħarsa ġenerali lejn ir-riżultati tal-awditu annwali li wettaqna fir-rigward tal-JUs għas-sena finanzjarja 2024, inkluża l-valutazzjoni li għamilna tas-sistema ta' kontrolli bbażati fuq ir-riskju li tintuża mill-JUs għall-implimentazzjoni ta' għotjiet, u r-riżultati ta' xogħol ieħor tal-awditjar dwar il-JUs kollha li wettaqna matul is-sena. Abbażi ta' dawn ir-riżultati tal-awditjar, aħna nagħmlu rakkomandazzjonijiet u nistabbilixxu dati ta' skadenza għall-implimentazzjoni tagħhom.

Opinjonijiet tal-awditjar

Opinjonijiet dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

Opinjonijiet mhux kwalifikati dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet għall- JUs kollha

2.2. Aħna noħorġu opinjonijiet mhux kwalifikati tal-awditjar dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali tat-12-il JU. Fl-opinjoni tagħna, il-kontijiet tagħhom għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħhom, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħhom u l-flussi tal-flus tagħhom, u l-bidliet fl-assi netti tagħhom, skont ir-regolamenti finanzjarji tagħhom u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni. Dawn huma bbażati fuq standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment.

Osservazzjonijiet rigward il-kontijiet annwali tal-F4E

2.3. Aħna niġbdu l-attenzjoni għal żewġ problemi fil-kontijiet annwali tal-F4E għall-2024.

- o L-F4E JU tivvaluta l-kost totali għat-tlestija tal-obbligi ta' konsenja tagħha għall-proġett ITER ("stima mat-tlestija") f'ammont ta' EUR 25.8 biljun (f'valuri tal-2024). Din l-istima tirrifletti żieda fil-kostijiet li tirriżulta mil-linji bażi riveduti tal-ITER, li ġew proposti mill-ITER-IO f'Lulju 2024 iżda li għadhom ma ġewx adottati formalment mill-Kunsill ITER.
- o L-F4E tistma li l-impatt inflazzjonarju fuq l-operazzjonijiet tagħha ta' problemi bil-katina tal-provvista u żidiet fil-prezzijiet wara l-kriżi tal-COVID-19 u l-invażjoni Russa tal-Ukrajna se jkun ta' EUR 246 miljun (b'valuri tal-2008).

Osservazzjonijiet rigward il-kontijiet annwali tal-EuroHPC

2.4. Niġbdu l-attenzjoni għall-valutazzjoni tar-riskji tal-EuroHPC b'rabta mal-avvanzi mħallsa lil fornitur sinifikanti li qed jiffaċċja diffikultajiet finanzjarji, fejn l-impatt finanzjarju potenzjali għall-JU huwa stmat li jilħaq EUR 88.4 miljun.

Osservazzjonijiet rigward il-kontijiet annwali tal-ECCC

2.5. Niġbdu l-attenzjoni għall-fatt li l-ECCC ma kisibx awtonomija finanzjarja qabel Settembru 2024. Qabel dik id-data, il-Kummissjoni kienet responsabbli mill-istabbiliment u l-operat inizjali tal-ECCC. Mit-total ta' EUR 276.2 miljun f'pagamenti ta' prefinanzjamenti għall-

attivitajiet operazzjonali, għalhekk, madwar EUR 195.6 miljun ġew awtorizzati mill-Kummissjoni qabel ma l-ECCC kiseb l-awtonomija finanzjarja.

2.6. Niġbdu l-attenzjoni wkoll għall-fatt li, sal-31 ta' Diċembru 2024, l-Istati Membri għadhom ma għamlux il-kontribuzzjonijiet volontarji għall-azzjonijiet konġunti u l-baġit amministrattiv tal-ECCC.

Osservazzjonijiet rigward il-kontijiet annwali tas-CA

2.7. Niġbdu l-attenzjoni għall-fatt li s-CA qed tagħmel il-migrazzjoni lejn sistema baġitarja, kontabilistika u finanzjarja ġdida (SUMMA), bħala proġett pilota biex il-Kummissjoni tiżviluppa u tittestja din is-sistema. Xi funzjonijiet fis-SUMMA għadhom qed jiġu żviluppati u jirrikjedu proċessar manwali u verifiki tal-affidabbiltà biex id-*data* tkun korretta żgur.

Kwistjonijiet oħra rigward il-kontijiet annwali tal-JU Saħħa Globali EDCTP3

2.8. Niġbdu l-attenzjoni għal avvenimenti importanti li seħħew mill-perjodu ta' rappurtar 'il hawn u li jaf ikollhom impatt sinifikanti fuq l-attivitajiet tal-JU. B'mod partikolari, dawn l-avvenimenti jirreferu għall-eskalazzjoni rapida tal-kunflitt fil-Lvant tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) li tista' thedded diversi proġetti ffinanzjati mill-JU fir-reġjun, inkluża l-organizzazzjoni tat-12-il Forum tal-EDCTP fir-Rwanda, kif ukoll il-kanċellazzjoni tal-biċċa l-kbira mill-programmi ffinanzjati mill-Aġenzija tal-Istati Uniti għall-Iżvilupp Internazzjonali (USAID), f'mossa li tista' tolqot b'mod avvers lil xi benefiċjarji tal-JU li jiddependu bil-kbir minn dan il-finanzjament.

Opinjonijiet dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet

2.9. Noħorġu opinjonijiet mhux kwalifikati tal-awditjar għall-JUs kollha dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet annwali tagħhom għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024. Fl-opinjoni tagħna, it-tranżazzjonijiet tad-dħul tagħhom kienu legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Opinjonijiet dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

2.10. L-awditu li wettaqna din is-sena kopra kampjun ta' 33 pagament finali u *interim* u approvazzjonijiet ta' pagamenti bil-quddiem li kienu saru mill-JUs għar-riċerka u l-innovazzjoni

taħt Orizzont 2020, Orizzont Ewropa u Ewropa Diġitali (ara t-**Tabella 2.1** għal ħarsa ġenerali lejn il-popolazzjoni tal-pagamenti).

Tabella 2.1 — Pagamenti finali/interim u approvazzjonijiet ta' pagamenti bil-quddiem fl-2024 (f'miljun EUR)

Impriża Konġunta	Orizzont 2020 (a)	% (a)/(e)	Orizzont Ewropa u Ewropa Diġitali (b)	% (b)/(e)	Total Operazzjonali (c) = (a)+(b)	% (c)/(e)	Amministrazzjoni (d)	% (d)/(e)	Total (e) = (c)+(d)
SESAR	5	21 %	9	40 %	13	61 %	9	39 %	22
CA	164	59 %	103	37 %	267	97 %	10	3 %	276
IHI	173	90 %	10	5 %	183	95 %	9	5 %	192
Clean H2	48	53 %	36	40 %	83	93 %	6	7 %	89
JU taċ-Ċipep	75	48 %	75	48 %	151	96 %	7	4 %	158
CBE	84	94 %	0	0 %	84	94 %	6	6 %	90
EU-Rail	96	92 %	4	3 %	100	95 %	5	5 %	105
EuroHPC	151	80 %	31	17 %	183	96 %	7	4 %	190
SNS	M/A	M/A	83	97 %	83	97 %	3	3 %	85
Saħħa Globali EDCTP3	M/A	M/A	1	21 %	1	21 %	4	79 %	5
ECCC	M/A	M/A	1	55 %	1	55 %	1	45 %	2
Total għall-JUs għar-R&I	796	66 %	353	29 %	66	5 %	66	5 %	1 215
F4E	M/A	M/A	M/A	M/A	566	88 %	76	12 %	642
Total	796		353		632	34 %	142	8 %	1 858

Sors: il-QEA, abbażi ta' data pprovduta mill-JUs.

2.11. Bħal fi snin preċedenti, l-awditu li wettaqna żvela żbalji li wrew dgħufijiet fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-JUs fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tan-nefqa operazzjonali. Dawn l-iżbalji kienu prinċipalment jirrigwardaw dikjarazzjonijiet skorretti mill-benefiċjarji tal-JUs rigward il-kostijiet tal-persunal fi tranżazzjonijiet ta' għotjiet:

- kalkolu skorrett tar-rati ta' kull siegħa jew ta' kuljum;
- inklużjoni tal-kostijiet indiretti fil-kalkolu tar-rati fis-siegħa/ta' kuljum ibbażati fuq kostijiet unitarji;
- rappurtar skorrett tal-kostijiet tal-persunal tal-SMEs jew tal-persunal estern issekondat lill-JU;
- dikjarazzjoni ta' kostijiet ta' sottokuntrattar bħala kostijiet għall-persunal;
- kostijiet ineliġibbli għat-tagħmir.

2.12. Rigward il-pagamenti ta' għotjiet taħt Orizzont 2020, ir-rati tal-iżball residwu kkalkulati mis-Servizz tal-Awditjar Komuni tal-Kummissjoni, abbażi tar-riżultati tal-awditi *ex post* speċifiċi għall-JU, kienu taħt is-soll ta' materjalità. L-uniċi riżultati tal-awditjar *ex post* disponibbli sa issa għall-pagamenti taħt Orizzont Ewropa u Ewropa Diġitali jikkonċernaw il-JU Avjazzjoni Nadifa.

2.13. Aħna awditjajna wkoll kampjun ta' 30 tranżazzjoni relatati ma' nefqa operazzjonali awtorizzati mill-F4E, u sibna żball wieħed b'impatt finanzjarju li rriżulta minn modifika sostanzjali f'żewġ kuntratti ta' bini li ma ġiex indirizzat minn proċedura ġdida ta' akkwist.

2.14. Abbażi tar-riżultati tal-awditjar tagħna, noħorġu opinjonijiet mhux kwalifikati tal-awditjar għall-JUs kollha dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali tagħhom għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024. Fl-opinjoni tagħna, it-tranżazzjonijiet ta' pagament tagħhom kienu legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Osservazzjonijiet oħra

2.15. Mingħajr ma nixħtu dubju fuq l-opinjoni tagħna, aħna nagħmlu osservazzjonijiet li jiġbdu l-attenzjoni għal oqsma għal titjib fl-implimentazzjoni tal-programmi u tal-baġit, il-ġestjoni tal-kontrolli fuq il-pagamenti, ir-riskji kbar u r-riżorsi umani. Sommarju ta' dawn l-osservazzjonijiet, li huma spjegati fid-dettall fil-[Kapitolu 3](#), huwa ppreżentat hawn taħt.

Problemi relatati mal-ġestjoni tal-baġit tal-JUs għall-2024

Xi JUs kellhom diffikultà biex jimplimentaw il-baġits operazzjonali tagħhom fl-2024

2.16. Il-[Figura 2.1](#) turi, għal kull JU, il-baġit tal-pagamenti għan-nefqa operazzjonali (f'miljun EUR) u r-rati ta' implimentazzjoni relatati.

Figura 2.1 — Rati ta' implimentazzjoni għall-baġits tal-pagamenti operazzjonali għall-2024



Nota: (1) Tinkludi l-baġit operazzjonali u n-nefqa mill-Kummissjoni qabel l-awtonomija finanzjarja tal-ECCC f'Settembru 2024.

Sors: il-QEA, abbażi ta' data pprovduta mill-JUs.

2.17. Aħna nosservaw li tliet JUs kellhom diffikultajiet partikolari biex jimplimentaw il-baġits tal-pagamenti operazzjonali tagħhom relatati mal-programmi għall-perjodu 2021–2027.

- Fil-JU ta' Ċipep, dan ġara minħabba r-rata baxxa ta' implimentazzjoni għall-baġit ta' Ewropa Diġitali (madwar 6 %) ikkawżata minn dewmien fl-iffirmar ta' ftehimiet ta' hosting


u ta' akkwist konġunt, li kien ifisser li l-ikkuntrattar għax-xiri tal-assi ġie pospost għall-2025.

- o FI-EuroHPC, dan ġara minħabba r-rata baxxa ta' implimentazzjoni għall-baġit ta' Ewropa Diġitali (madwar 19 %) ikkawżata mir-riallokazzjoni tar-riżorsi disponibbli lejn il-pilastru kruċjali l-ġdid tal-intelliġenza artifiċjali fl-2024. Dan fisser li l-JU kellha jew tikkanċella diversi attivitajiet ta' investiment ippjanati oħra (prinċipalment taħt Ewropa Diġitali), jew inkella tipposponihom għall-perjodu 2025–2027. Din is-sitwazzjoni dewmet ukoll l-ipproċessar mill-JU tal-kontrolli *ex ante* tar-rapporti tekniċi u finanzjarji ppreżentati mill-benefiċjarji fl-2024 għall-finijiet ta' kofinanzjament mill-JU għall-attivitajiet taħt Orizzont 2020 li kienu għadhom għaddejjin.
- o Fis-CA, dan kien ġej mir-rata baxxa ta' implimentazzjoni għall-baġit ta' Orizzont Ewropa (madwar 52 %) ikkawżata mill-implimentazzjoni kajmana tal-proġetti tas-sejħa tal-2023 (ara r-[Rapport Annwali 2023 dwar l-Impriżi Konġunti tal-UE](#), il-paragrafu 3.3.4).

Diversi JUs urew dgħufijiet fl-ippjanar u fl-implimentazzjoni tan-nefqa amministrattiva

2.18. Il-[Figura 2.2](#) turi, għal kull JU, il-baġit tal-pagamenti għan-nefqa amministrattiva (f' miljun EUR) u r-rati ta' implimentazzjoni relatati. Fl-2024, il-kostijiet amministrattivi tal-JUs għar-riċerka u l-innovazzjoni kienu jirrappreżentaw, bħala medja, 4 % biss tal-baġits tal-pagamenti tagħhom għall-2024.

Figura 2.2 — Rati ta' implimentazzjoni għall-baġits tal-pagamenti amministrattivi għall-2024



Nota: (1) Il-Kummissjoni refgħet il-kostijiet amministrattivi qabel l-awtonomija finanzjarja tal-ECCC f'Settembru 2024.

Sors: il-QEA, abbażi ta' data pprovduta mill-JUs.

2.19. Aħna sibna li tliet JUs (is-SESAR, il-CleanH2, il-JU Saħħa Globali EDCTP3) kellhom diffikultajiet partikolari biex jimplimentaw il-baġits amministrattivi tagħhom, billi setgħu jużaw biss inqas minn 70 % tal-appropriazzjonijiet disponibbli fl-2024 (ara l-[Figura 2.2](#)). Ir-rata ta' implimentazzjoni ta' dawn il-JUs kienet partikolarment baxxa għall-baġit tan-nefqa infrastrutturali u operatorja (it-Titolu 2).

2.20. Il-JUs attribwewha, din, għal dewmien fil-proċeduri ta' reklutaġġ (il-CleanH2, il-JU Saħħa Globali EDCTP3), id-dewmien fl-implimentazzjoni tal-kuntratti ta' rinnovazzjoni, u/jew il-preżentazzjoni tard tal-fatturi inklużi fl-ippjanar tan-nefqa għall-2024 (is-SESAR 3, il-CleanH2, il-JU Saħħa Globali EDCTP3).

2.21. Madankollu, dan jispjega biss parzjalment għalfejn kien hemm in-nuqqas fl-implimentazzjoni għand dawn il-JUs fl-2024. Barra minn hekk, rati ta' implimentazzjoni ripetutament baxxi fi snin reċenti rriżultaw f'akkumulazzjoni sinifikanti ta' appropriazzjonijiet ta' pagament amministrattivi mhux użati, li jaf jindikaw problemi strutturali bl-ippjanar u/jew l-implimentazzjoni tal-baġit tat-tliet JUs.

Rakkomandazzjoni 1

Meta jippjanaw il-baġit tal-pagamenti amministrattivi tagħhom għall-2027, jenħtieġ li l-JUs SESAR 3, CleanH2 u Saħħa Globali EDCTP3 jieħdu kont b'mod proattiv tal-volum ta' approprjazzjonijiet amministrattivi mhux użati li huma kienu diġà akkumulaw sa tmiem l-2024.

Data ta' skadenza għall-implimentazzjoni: tmiem l-2026 (preżentazzjoni ta' baġits għas-sena finanzjarja 2027).

Problemi rigward il-ġestjoni tar-riżorsi umani

L-EuroHPC ma kinitx laħqet l-oġettiv ta' rekrutaġġ tagħha sa tmiem l-2024

2.22. Fl-2021, il-Kummissjoni tat 39 pożizzjoni addizzjonali tal-persunal lill-komplement sħiħ tal-EuroHPC ta' 54 membru tal-persunal³. Mill-postijiet il-ġodda, 30 kellhom jimtlew sa tmiem l-2022, u d-9 l-oħra kellhom jimtlew sa tmiem l-2023. Fi tmiem l-2024, 14 mid-39 post kienu għadhom vakanti. Dan jista' jipprevieni lill-EuroHPC milli timplimenta l-attivitajiet tagħha kif ippjanat.

Problemi rigward il-kontribuzzjonijiet ta' membri oħra għall-programmi ta' riċerka u innovazzjoni tal-JUs

Xi JUs mhumiex se jilħqu l-miri tal-kontribuzzjonijiet tagħhom fi ħdan l-iskeda ta' żmien ta' Orizzont 2020

2.23. Taħt il-QFP 2014–2020, ir-regolamenti fundaturi tal-JUs jistabbilixxu miri tal-kontribuzzjonijiet li kull kategorija ta' membri (l-UE, il-membri privati, l-Istati Parteċipanti, u l-organizzazzjonijiet internazzjonali) jeħtiġilhom jilħqu għall-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni speċifiċi għall-JU taħt Orizzont 2020. Dawn il-miri, u r-rati korrispondenti ta' lħuq sa tmiem l-2024, jidhru fit-**Tabella 2.2**. Il-kontribuzzjonijiet tal-UE ġejjin minn Orizzont 2020, minbarra EUR 100 miljun f'finanzjament taħt l-FNE1 għall-EuroHPC.

³ Il-proposta tal-Kummissjoni għar-Regolament fundatur il-ġdid tal-EuroHPC, [COM \(2020\) 569](#).

Tabella 2.2 — Kontribuzzjonijiet tal-membri għal Orizzont 2020 u l-FNE (f' miljun EUR)

Miri tal-kontribuzzjonijiet tal-membri (skont Ir-Regolament Fundatur u d-deċiżjonijiet legali)				Kontribuzzjonijiet tal-membri (fil-31.12.2023)						
Flus kontanti tal-UE (a)	IKOP u flus kontanti ta' membri oħra (1) (b)	IKAA ta' membri oħra (2) (c)	Total (d) = (a)+(b)+(c)	JUs taħt Orizzont 2020	Flus kontanti tal-UE €	IKOP invalidati u flus kontanti ta' membri oħra (1) (f)	IKOP irrappurtati iżda mhux invalidati ta' membri oħra (1) (g)	IKAA (h)	Total (i) = (e)+(f)+(g)+(h)	Rata ta' l'huq (j) = (i)/(d)
585.0	790.5	M/A	1 375.5	SESAR	566.0	647.7	0.0	M/A	1 213.7	88 %
1 755.0	1 228.6	965.3	3 948.9	CS2 — CA	1 748.1	1 097.8	0.0	1 344.6	4 190.5	106 %
1 638.0	1 638.0	M/A	3 276.0	IMIZ — IHI	1 211.7	1 282.6	145.5	M/A	2 639.8	81 %
665.0	95.0	285.0	1 045.0	FCH2 — Clean H2	654.9	97.9	48.5	1 039.1	1 840.4	176 %
1 185.0	2 827.5	M/A	4 012.5	ECSEL—JU taċ-Ċipep	1 173.0	1 487.0	1 145.0	M/A	3 805.0	95 %
835.0	285.5	2 444.5	3 565.0	BBI — CBE (4)	783.5	126.2	44.2	2 353.6	3 307.5	93 %
398.0	350.0	120.0	868.0	S2R — EU-RAIL	398.0	375.6	0.0	267.6	1 041.2	120 %
536.0	896.0	M/A	1 432.0	EuroHPC ⁽³⁾	477.4	179.6	71.9	M/A	728.9	51 %
7 597.0	8 111.1	3 814.8	19 522.8	Total	7 012.6	5 294.4	1 455.1	5 004.9	18 767.0	96 %

(1) Jinkludu IKOP u kontribuzzjonijiet fi flus kontanti mingħand l-Istati Parteċipanti (JU taċ-Ċipep, l-EuroHPC) u mingħand organizzazzjonijiet internazzjonali (SESAR).

(2) Kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet addizzjonali li jaqgħu barra mill-pjan ta' ħidma tal-JU.

(3) Għall-EuroHPC, il-kontribuzzjoni tal-UE tinkludi EUR 100 miljun mingħand il-programm FNE.

(4) Għall-miri tal-kontribuzzjonijiet fi flus kontanti tas-CBE, tal-UE u tal-membri privati kif imnaqqsa b'EUR 140 miljun. Miri tal-kontribuzzjonijiet *in natura* tal-membri privati kif stabbiliti fil-programmi ta' ħidma annwali tal-JU.

Sors: il-QEA, abbażi ta' data pprovduta mill-JUs.

2.24. B'mod ġenerali, sa tmiem l-2024, jiġifieri l-istadju finali tal-programmi Orizzont 2020 u FNE1, il-membri tal-JUs kienu laħqu medja ta' 96 % tal-miri tal-kontribuzzjonijiet stabbiliti mir-regolamenti fundaturi rispettivi tagħhom. Madankollu, ir-rati ta' l'huq kienu jvarjaw b'mod konsiderevoli. B'mod partikolari, innutajna nuqqas fil-kontribuzzjonijiet għas-SESAR 3, l-IHI u l-EuroHPC.

- Fis-SESAR 3, l-Eurocontrol kienet ipprovdiet biss 70 % tal-kontribuzzjonijiet mistennija tagħha. Il-JU lestiet l-implimentazzjoni ta' Orizzont 2020 fl-2024.
- Fl-IHI, l-implimentazzjoni b'suċċess tal-proġetti ta' riċerka tiddependi mid-durata twila tal-proġetti. Din id-durata hija meħtieġa minħabba n-natura taż-żona ta' riċerka speċifika għall-JU u minħabba l-iskala kbira ta' konsorzji globali li jimplementaw il-proġetti.
- Fl-EuroHPC, il-problemi prinċipali kienet il-livell baxx ta' kontribuzzjonijiet tal-membri privati (madwar EUR 19.8-il miljun) meta mqabbel mal-mira minima ta' EUR 420 miljun. Bħalma osservajna f'rapporti preċedenti⁴, il-membri privati jistgħu jiġġeneraw biss kontribuzzjonijiet *in natura* għal għotjiet għall-innovazzjoni (li jirrappreżentaw madwar 30 % tal-attivitajiet ta' għotjiet totali tal-JU). Problema oħra kienet ir-rata aktar baxxa ta' kontribuzzjonijiet mill-Istati parteċipanti, li tirrifletti l-fatt li huma jirrikonossu biss il-kostijiet tagħhom u jirrappurtawhom lill-JU meta l-proġetti korrispondenti taħt Orizzont 2020 u FNE1 ikunu tlestew.

⁴ Ir-Rapport Annwali 2023 tal-QEA dwar l-Impriżi Konġunti tal-UE, il-paragrafu 3.9.17.

Xi JUs qabżu l-miri tagħhom taħt Orizzont 2020 minħabba l-attivitajiet addizzjonali tal-membri privati tagħhom

2.25. Taħt ir-regolamenti fundaturi ta' Orizzont 2020, il-membri privati biss tas-CA, il-CleanH2, is-CBE u l-EU-Rail jitħallew jirrappurtaw kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet addizzjonali (IKAA) li ma jkunux relatati direttament mal-proġetti ffinanzjati mill-JUs (ara l-paragrafu 1.11). It-**Tabella 2.2** turi li fil-każ ta' tlieta minn dawn l-erba' JUs (is-CA, il-CleanH2 u l-EU-Rail) il-kontribuzzjonijiet tal-membri privati qabżu l-miri minħabba l-IKAA.

F'xi JUs, il-bidu kajman tal-programmi tal-perjodu 2021–2027 dewwem l-ilhug tal-miri tal-kontribuzzjonijiet tal-membri privati

2.26. Taħt il-programmi tal-perjodu 2021–2027, ir-regolamenti fundaturi l-ġodda tal-JUs jippermettu li l-miri għall-membri privati jintlaħqu permezz ta' IKOP u/jew IKAA. Fil-każ tal-ECCC, il-kontribuzzjonijiet li l-Istati Membri jagħmlu għall-azzjonijiet konġunti huma volontarji. It-**Tabella 2.3** turi li, sa tmiem l-2024, il-JUs kienu laħqu medja ta' 26 % tal-miri tal-kontribuzzjonijiet tal-membri tagħhom għall-programmi l-ġodda ta' riċerka u innovazzjoni.

Tabella 2.3 — Kontribuzzjonijiet tal-membri għal Orizzont Ewropa, Ewropa Diġitali u l-FNE 2 (f'miljun EUR)

Kontribuzzjonijiet tal-membri (skont ir-Regolament Fundatur u d-deċiżjonijiet legali)				Kontribuzzjonijiet tal-membri (fil-31.12.2024)								
Kontribuzzjoni tal-UE fi flus kontanti	Kontribuzzjonijiet tal-membri privati (1)	Kontribuzzjonijiet tal-membri l-oħra (2)	Total	JUs taħt Orizzont Ewropa u Ewropa Diġitali	Flus kontanti tal-UE vvalidati	Flus kontanti tal-UE mhux vvalidati	Kontribuzzjonijiet tal-membri privati, lvalidati	Kontribuzzjonijiet tal-membri privati, irrappurtati mhux lvalidati	Kontribuzzjonijiet oħra tal-membri, lvalidati	Kontribuzzjonijiet oħra tal-membri, irrappurtati mhux lvalidati	Total	Rata ta' l-hug
615.0	529.0	500.0	1 644.0	SESAR 3	183.4	59.0	90.8	98.4	51.5	27.1	510.2	31 %
1 755.0	2 400.0	M/A	4 155.0	CA	482.2	94.7	273.5	302.6	M/A	M/A	1 153.0	28 %
1 200.0	1 200.0	M/A	2 400.0	IHI	155.6	11.4	11.1	51.9	M/A	M/A	230.0	10 %
1 215.0	1 015.0	M/A	2 230.0	Clean H2	369.1	60.5	1 438.0	719.9	M/A	M/A	2 587.5	116 %
4 255.0	2 537.4	4 101.2	10 893.6	JU taċ-Ċipep	729.3	325.4	3.6	312.0	104.4	684.5	2 159.2	20 %
1 026.0	1 026.0	M/A	2 052.0	CBE	214.8	31.9	3.4	120.7	M/A	M/A	370.8	18 %
615.0	615.0	M/A	1 230.0	EU-RAIL	215.7	45.2	171.5	95.3	M/A	M/A	527.7	43 %
3 151.3	900.0	2 989.3	7 040.6	EuroHPC 2	190.3	724.9	0.0	2.8	36.6	103.2	1 057.8	15 %
900.0	900.0	M/A	1 800.0	SNS	416.8	19.1	339.0	24.7	M/A	M/A	799.6	44 %
890.1	400.0	550.0	1 840.1	JU Saħħa Globali EDCTP3 ⁽³⁾	120.9	4.0	0.0	15.6	5.3	394.5	540.3	29 %
1 649.6	M/A	1 649.6	3 299.2	ECCC ⁽⁴⁾	0.0	0.0	M/A	M/A	0.0	0.0	0.0	0 %
17 272.0	11 522.4	9 799.1	38 594.5	Total	3 078.1	1 376.3	2 330.3	1 743.8	197.8	1 209.3	9 936.0	26 %

(1) Jinkludu kontribuzzjonijiet IKOP, IKAA, u fi flus kontanti tal-membri privati.

(2) Jinkludu kontribuzzjonijiet fi flus kontanti mingħand l-Istati Parteċipanti (JU taċ-Ċipep, l-EuroHPC) u mingħand organizzazzjonijiet internazzjonali (SESAR 3).

(3) Jinkludu kontribuzzjonijiet fi flus kontanti mingħand sħab kontribwenti privati.

(4) Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri huma marbuta ma' parteċipazzjonijiet volontarji fi-azzjonijiet konġunti tal-ECCC f'ammont sa EUR 1 649.6 miljun għal Ewropa Diġitali. L-ebda mira stabbilita għal Orizzont Ewropa.

Sors: il-QEA, abbażi ta' data pprovduta mill-JUs.

L-EuroHPC jaf ma tilħaqx il-miri tal-kontribuzzjonijiet tal-membri privati tagħha għal Orizzont Ewropa u Ewropa Diġitali

2.27. Sa tmiem l-2024, il-kontribuzzjonijiet tal-membri privati tal-EuroHPC kienu biss f'livell ta' 0.3 % tal-mira tal-perjodu 2021–2027 ta' EUR 900 miljun. Kif osservajna diġà fl-2022

u fl-2023⁵, dment li l-arranġamenti ta' finanzjament u/jew il-mira tal-kontribuzzjonijiet tal-EuroHPC għall-membri privati jibqgħu l-istess, din mhijiex se tilħaq il-mira sinifikanti ogħla tal-kontribuzzjonijiet tal-membri privati taħt il-QFP 2021–2027. Dan huwa ta' tħeddida għall-ilħuq tal-oġġettivi ġenerali tal-programm tagħha — jiġifieri li jkun hemm kooperazzjoni b'saħħitha mas-sħab privati. Għas-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjoni rilevanti tagħna fl-2023, ara t-[Tabella 2.4](#) (1/2023).

Il-kontribuzzjonijiet tal-Eurocontrol għas-SESAR 3 kienu wkoll taħt il-mira ta' Orizzont Ewropa fi tmiem l-2024

2.28. Fi tmiem l-2024, il-kontribuzzjonijiet tal-Eurocontrol għas-SESAR 3 kienu biss f'livell ta' 16 % tal-mira taħt Orizzont Ewropa ta' EUR 500 miljun. Aħna rrapportajna dwar sitwazzjoni simili matul il-QFP preċedenti.

Rakkomandazzjoni 2

Jenħtieġ li s-SESAR 3 tikkoopera mal-Eurocontrol biex iżżid l-ammont ta' kontribuzzjonijiet tagħhom u timmonitorjahom fuq bażi ta' kull sena biex tara li żgur tkun tista' tintlaħaq il-mira tal-Eurocontrol għall-QFP 2021–2027.

Data ta' skadenza għall-implimentazzjoni: nofs l-2026.

Il-JU Saħħa Globali EDCTP3 għadha lura ferm mill-mira fl-involvement tas-sħab kontribwenti

2.29. Sa tmiem l-2024, it-tielet sena ta' implimentazzjoni tal-programm, il-livell ta' kontribuzzjonijiet fi flus kontanti mingħand is-sħab kontribwenti lill-JU Saħħa Globali EDCTP3 kien għadu baxx ħafna, f'ammont ta' EUR 15.6-il miljun (4 % tal-mira ta' EUR 400 miljun). Fl-2024, il-JU ħadet biss żewġ sħab addizzjonali, li l-kontribuzzjonijiet tagħhom ta' madwar EUR 2.2 miljun se jimmaterializzaw fl-2025 u fl-2026. Dan in-nuqqas fil-kontribuzzjonijiet jaf inaqqas bil-kbir l-effett ta' ingranaġġ tal-attivitajiet tal-JU u għalhekk jippreżenta riskju għall-oġġettivi tal-programm tagħha.

⁵ Ir-Rapport Annwali 2022 dwar l-Impriżi Konġunti tal-UE (il-paragrafu 3.9.17) u r-Rapport Annwali 2023 dwar l-Impriżi Konġunti tal-UE (il-paragrafu 3.9.19).

Rakkomandazzjoni 3

Jenħtieġ li l-JU Saħħa Globali EDCTP3 tfassal pjan ta' azzjoni biex tidentifika u tattira sħab kontribwenti addizzjonali mill-Ewropa u minn madwar id-dinja biex issaħħaħ il-kapaċità ta' riċerka u innovazzjoni tagħha, tiġġenera kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali u tara li żgur tkun tista' tilħaq l-oġġettivi tal-programm tagħha.

Data ta' skadenza għall-implimentazzjoni: tmiem l-2026.

L-ECCC ma għandux informazzjoni dwar il-kontribuzzjonijiet kumulattivi tal-membri tiegħu li waslu qabel l-awtonomija finanzjarja tiegħu

2.30. L-ECCC kiseb l-awtonomija finanzjarja f'Settembru 2024. Madankollu, fil-kontijiet annwali tiegħu għall-2024, ma ddivulga l-ebda informazzjoni dwar il-kontribuzzjonijiet kumulattivi li l-membri tiegħu kienu għamlu qabel l-awtonomija finanzjarja tiegħu fil-livell tal-programmi taħt Orizzont Ewropa u Ewropa Diġitali. Lanqas ma qabbel il-kontribuzzjonijiet li kien irċeva mingħand is-sorsi kollha sa tmiem is-sena mal-miri tal-kontribuzzjonijiet stabbiliti għal kull programm.

Rakkomandazzjoni 4

Biex jara li żgur ikun hemm divulgazzjoni sħiħa ta' tmiem is-sena fil-kontijiet annwali dwar il-kisbiet tiegħu, jenħtieġ li l-ECCC jiġbor data, jimmonitorja u jirrapporta dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji u in natura volontarji tal-Istati Membri għall-azzjonijiet konġunti tiegħu, kif ukoll il-kontribuzzjonijiet finanzjarji relatati tagħhom għall-kostijiet amministrattivi tiegħu.

Data ta' skadenza għall-implimentazzjoni: nofs l-2026.

Dgħufijiet fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll

Xi JUs b'pagamenti sinifikanti ta' għotjiet taħt Orizzont Ewropa fl-2024 għadhom ma implimentawx qafas ta' kontroll ibbażat fuq ir-riskju

2.31. Minħabba l-istrateġija tal-awditjar tas-CAS mibdula għall-programmi Orizzont Ewropa u Ewropa Diġitali (ara l-paragrafu [1.36](#)), u l-implikazzjonijiet tagħha għall-kontrolli interni mill-JUs għar-riċerka u l-innovazzjoni, aħna rrieżaminajna l-livell ta' implimentazzjoni ta' qafas ta' kontroll ibbażat fuq ir-riskju għall-pagamenti ta' għotjiet taħt Orizzont Ewropa u Ewropa Diġitali.

2.32. Huwa mistenni li l-applikazzjoni ta' qafas ta' kontroll ibbażat fuq ir-riskju tippermetti lill-JUs jaraw li żgur il-benefiċjarji u l-proġetti potenzjalment riskjużi jkunu suġġetti għal kontrolli *ex ante* intensifikati jew awditi *ex post* tas-CAS, u li dawn ir-riżultati tal-aħħar jitqiesu kif xieraq fil-valutazzjoni tar-riskju għal kontrolli *ex ante* futuri. Jenħtiegħ li l-kontrolli sistematiċi u ċentralizzati jkunu karatteristika ewlenija tad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tad-Direttur Eżekuttiv dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet relatati ma' pagamenti, li hija parti mir-rapport annwali tal-attività (RAA) ta' kull JU.

2.33. L-implimentazzjoni mill-JUs kollha ta' qafas ta' kontroll sod ibbażat fuq ir-riskju hija importanti wkoll fid-dawl taż-żieda futura fil-pagamenti ta' għotjiet mingħand Orizzont Ewropa u Ewropa Diġitali (ara t-**Tabella 2.1**). Madankollu, sa tmiem l-2024, erba' JUs biss (l-EU-Rail, is-CA, l-IHI, u l-JU taċ-Ċipep) iffinalizzaw qafas ta' kontroll ibbażat fuq ir-riskju għall-pagamenti ta' għotjiet taħt Orizzont Ewropa (ara s-segwitu għar-Rakkomandazzjoni 7/2022 fit-**Tabella 2.4**). Barra minn hekk, is-sena l-oħra s-CA kienet l-ewwel JU li ppreżentat “rata ta' żball f'riskju” għan-nefqa tagħha taħt Orizzont Ewropa, li hija stmat f'livell ta' 1.3 %. Biex tagħmel dan, is-CA applikat gwida mogħtija mid-DĠ BUDG, fl-istruzzjonijiet għar-RAA, dwar il-kalkolu tar-rati tal-iżball maqbud u residwu, l-esponiment finanzjarju bħala ammont f'riskju, il-kriterji ta' materjalità għar-riżervi, u l-impatt fuq id-dikjarazzjoni tad-Direttur Eżekuttiv. Hija bbażat l-istima fuq id-*data* tas-CAS dwar ir-rata ta' żball l-aktar reċenti tal-benefiċjarji tagħha.

Is-sistema ta' ġestjoni tar-riskju tal-F4E ma ħaditx kont biżżejjed tar-riskji b'rabta mar-reviżjoni fl-2024 tal-linji bażi tal-ITER jew mar-riżorsi umani

2.34. F'Ġunju 2024, l-ITER-IO pproponiet pjan ta' proġett rivedut lill-Kunsill ITER, b'sett ġdid ta' linji bażi biex jissostitwixxu dawk maqbula fl-2016. Il-pjan rivedut jipposponi tmiem il-fażi ta' assemblaġġ tal-ITER mill-2025 (l-ewwel plażma) għall-2035 (bidu operazzjonali) u tmiem il-proġett kollu mill-2042 għall-2059 (17-il sena wara d-data tat-tmiem attwali). Il-linji bażi tal-2024 jinkludu wkoll diversi bidliet tekniċi importanti għall-proġett ITER li jaf jolqtu bil-kbir l-ambitu għall-kontribuzzjonijiet *in natura* lill-F4E u l-kontribuzzjonijiet fi flus kontanti lill-ITER-IO.

2.35. Skont il-kontijiet annwali tal-F4E, l-impatt finanzjarju stmat tal-linji bażi tal-2024 huwa l-mutur prinċipali għaż-żieda sinifikanti fl-obbligi ta' konsenja tal-JU għall-proġett ITER (“stima mat-tlestija”) minn EUR 21.2 biljun (tmiem l-2023; EUR 21.6 biljun f'valuri tal-2024) għal EUR 25.8 biljun (tmiem l-2024). Dan se jfisser żieda ta' madwar EUR 4.2 biljun (f'valuri tal-2024) fil-kontribuzzjonijiet mill-Euratom u minn Franza għall-baġits operattivi tal-JU.

2.36. Il-linji bażi l-ġodda proposti żiedu r-riskji għas-sostenibbiltà, ir-riskji legali, kif ukoll ir-riskji tekniċi u ekonomiċi u finanzjarji għall-proġett ITER. Dawn ir-riskji mhumiex riflessi b'mod adegwat fir-reġistru tar-riskji l-aktar reċenti tal-JU. Minflok, u bħal fi snin preċedenti, il-proċess ta' identifikazzjoni tar-riskju tal-F4E jiffoka prinċipalment fuq ir-riskji għall-implimentazzjoni operazzjonali tal-proġett. Ma jindirizzax riskji orizzontali — bħall-ħtieġa li l-JU tiġi ristrutturata li r-riżorsi umani jiġu riallokati biex tagħġusta għal-linji bażi tal-2024, l-użu sproporzjonat ta'

fornituri esterni tas-servizzi, is-suġġetti tal-ippjanar u l-ġestjoni tar-riżorsi, u n-nuqqas ta' konformità mar-[Regolamenti tal-Persunal tal-UE](#) jew mal-qafas etiku tal-JU — b'mod simili. Barra minn hekk, l-għodda tal-IT li l-JU tuża għall-ġestjoni tar-riskju ma tipprovdix informazzjoni kompleta dwar ir-riskji ewlenin rilevanti, bħall-inċidenza attwali u probabbli tagħhom u l-impatt finanzjarju aġġornat.

Rakkomandazzjoni 5

Jenħtieġ li l-F4E ttejjeb aktar l-effettività tas-sistema ta' ġestjoni tar-riskju tagħha, u b'mod partikolari:

- (a) tiegħu kont adegwat, meta tidentifika r-riskji, tar-riskji orizzontali b'rabta mal-linji bażi riveduti tal-2024 u ma' kwistjonijiet ta' riżorsi umani;
- (b) issaħħaħ l-għodda tal-IT tagħha għall-ġestjoni tar-riskju biex b'hekk ikollha informazzjoni kompleta dwar ir-riskji ewlenin rilevanti.

Data ta' skadenza għall-implimentazzjoni: nofs l-2026.

L-ECCC kien implimenta parzjalment il-qafas ta' kontroll intern tiegħu

2.37. Fi tmiem l-2024, l-ECCC kien implimenta parzjalment il-[qafas ta' kontroll intern](#) tiegħu. B'mod partikolari, għadu ma kienx lesta x-xogħol biex jara li żgur jiffunzjonaw b'mod effettiv il-pjan tiegħu għall-kontinwità tal-operat u l-pjan tiegħu ta' rkupru minn diżastri, tiġi stabbilita politika dwar il-ġestjoni ta' funzjonijiet sensitivi, jew jimplimenta l-prinċipji ta' kontroll relatati mal-valutazzjoni tar-riskju, mal-kontroll ibbażat fuq ir-risku, u mal-attivitajiet ta' monitoraġġ.

Rakkomandazzjoni 6

Jenħtieġ li l-ECCC ilesti l-implimentazzjoni tal-qafas ta' kontroll intern tiegħu biex jara li s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tiegħu żgur ikunu effettivi.

Data ta' skadenza għall-implimentazzjoni: nofs l-2026.

Segwitu għall-osservazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet mis-snin preċedenti

2.38. F'din it-taqsimha nagħtu farsa ġenerali lejn is-segwitu mogħti mill-JUs għall-osservazzjonijiet tagħna mis-snin preċedenti — deskritti fid-dettall fit-tabelli ta' segwitu fil-[Kapitolu 3](#) — kif ukoll lejn ir-rakkomandazzjonijiet fil-Kapitolu 2 ta' rapporti annwali preċedenti.

Il-JUs indirizzaw inqas minn nofs l-osservazzjonijiet tagħna tas-snin preċedenti

2.39. B'mod ġenerali, sa tmiem l-2024, aħna nqisu li ttieħdet azzjoni korrettiva b'rispons għal inqas minn nofs l-osservazzjonijiet tagħna fir-rapporti annwali preċedenti dwar il-JUs. Mill-44 osservazzjoni li ma kinux ġew indirizzati biżżejjed sa tmiem l-2023, 18 (41 %) ingħalqu fl-2024 minħabba li l-JUs ħadu azzjoni korrettiva, jew minħabba li l-osservazzjoni ma kinitx għadha applikabbli. Dan ikun il-każ jekk, pereżempju, kuntratt mogħti b'mod irregolari jkun skada jew, minħabba bidla fiċ-ċirkostanzi, l-indirizzar tal-problema ma jkunx kosteffettiv.

2.40. Madankollu, baqgħu miftuħa 26 osservazzjoni (59 %) fi tmiem l-2024. Id-dettalji jistgħu jinstabu fl-annessi tal-[Kapitolu 3](#).

Il-JUs implimentaw il-biċċa l-kbira mir-rakkomandazzjonijiet tagħna

2.41. Fl-2024, aħna bqajna nivvalutaw jekk l-azzjonijiet li rrakkomandajna fil-Kapitolu 2 tar-rapporti annwali l-aktar reċenti tagħna dwar il-JUs (nibdew bir-Rapport tal-2021) kinux ġew implimentati. Ibbażajna l-valutazzjoni tagħna fuq intervisti mal-persunal tal-JU li kien involut fil-monitoraġġ operazzjonali u finanzjarju tal-proġetti, fil-kontroll intern, u fil-ġestjoni tar-riżorsi umani. Eżaminajna wkoll dokumenti ta' sostenn li l-JUs kienu pprovdew.

2.42. It-[Tabella 2.4](#) turi r-riżultati tal-analiżi ta' segwitu li wettaqna tas-sitt rakkomandazzjonijiet fir-Rapport Annwali 2023 tagħna, kif ukoll is-sitt rakkomandazzjonijiet fir-Rapporti Annwali 2021 u 2022 tagħna li kienu għadhom ma ġewx implimentati bis-sħiħ fi tmiem l-2023.

2.43. Minn dawn it-12-il rakkomandazzjoni, 4 kellhom data mmirata għall-implimentazzjoni sa tmiem l-2024. Sa tmiem l-2024, aħna nqisu li:

- o tnejn, dwar il-monitoraġġ tal-finalizzazzjoni tal-proġetti approvati taħt QFP preċedenti u l-ilħuq tal-miri tal-kontribuzzjonijiet tal-membri privati għall-QFP 2021–2027, kienu ġew implimentati bis-sħiħ mill-JUs kollha kkonċernati;
- o it-tielet rakkomandazzjoni, dwar l-implimentazzjoni ta' approċċ ta' kontroll ibbażat fuq ir-riskju għall-pagamenti ta' għotjiet taħt Orizzont Ewropa u Ewropa Diġitali, kienet ġiet implimentata bis-sħiħ minn erba' JUs (l-EU-Rail, is-CA, l-IHI, u l-JU taċ-Ċipep) iżda implimentata biss f'xi wħud aspetti mill-JUs l-oħra kkonċernati;
- o ir-raba' rakkomandazzjoni, dwar ir-riżorsi umani tal-EuroHPC, kienet ġiet implimentata f'xi wħud mill-aspetti fir-rigward tal-ilħuq tal-mira ta' reklutaġġ tal-JU taħt il-QFP 2021–2027, iżda implimentata bis-sħiħ fir-rigward ta' trasparenza akbar tal-proċeduri ta' reklutaġġ.

2.44. Mit-tmien rakkomandazzjonijiet l-oħra b'data mmirata għall-implimentazzjoni wara l-2024, waħda ġiet implimentata bis-sħiħ (dwar l-adozzjoni ta' gwida rigward il-preżentazzjoni tal-ewwel kontijiet annwali ta' JUs ġodda), u sitta ġew implimentati f'xi wħud mill-aspetti. Jirrigwardaw l-użu mill-F4E ta' fornituri esterni tas-servizzi u l-ġestjoni tar-riskju, id-dewmien fil-miri tal-kontribuzzjonijiet tal-membri privati tal-EuroHPC taħt il-QFP 2021–2027, u surplus sinifikanti ta' flus kontanti kemm fl-EuroHPC kif ukoll fil-JU taċ-Ċipep. Ir-rakkomandazzjoni li għadha ma ġiet implimentata xejn tikkonċerna l-adozzjoni ta' gwida dwar l-istima tal-ħtiġijiet tar-riżorsi umani tal-JUs. Ninnutaw li l-JUs jiddependu bil-kbir mill-Kummissjoni għal din ir-rakkomandazzjoni.

Tabella 2.4 — Segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tagħna mis-snin preċedenti

Livell ta' implimentazzjoni:  bis-sħiħ;  fil-biċċa l-kbira mill-aspetti;  f'xi wħud mill-aspetti;  mhux implimentata.

Numru u sena	JUs	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar	
			Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti
6/2021	II-JUs kollha għajr I-F4E	Jenħtieġ li l-JUs jimplimentaw sistema ta' reġistrazzjoni tal-ħin, biex jiksbu <i>data</i> oġġettiva dwar il-ħin li l-persunal ħa għal kull attività.		FI-2024, taħt l-arranġament tal-back-office tal-JUs, id-dipartimenti tar-riżorsi umani, baqgħu jarmonizzaw u jottimizzaw l-għodod tal-IT li kien saru disponibbli għall-JUs kollha (Sysper u Systal). FI-2024, il-Kummissjoni bdiet timplimenta pjattaforma integrata ġdida tar-riżorsi umani (HRT) biex tissostitwixxi l-għodod ta' qabel. Madankollu, FI-2025, il-Kummissjoni kkonfermat li l-għodda l-ġdida ma kinitx se tinkludi sistema ta' ġestjoni tal-ħin ibbażata fuq l-attività. Jekk il-JU jiżviluppaw sistema separata, ammont intensiv ta' riżorsi jkunu meħtieġa u jinħolqu problemi ta' integrazzjoni għal ġewwa l-għodda komuni tal-HR. Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem I-2025.
7/2021	II-JUs kollha għajr I-F4E	Jenħtieġ li l-JUs jiżviluppaw mudell jew gwida formalizzati dwar kif għandhom jiġu stmati l-ħtiġijiet tal-persunal (inklużi l-kompetenzi essenzjali) għal kull attività u unità, bl-objettiv li jiġi ottimizzat l-użu tar-riżorsi tal-persunal.		L-implimentazzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni jeħtieġ li tkun appoġġata bis-sħiħ mill-Kummissjoni (id-DĠ sħab u d-DĠ BUDG, b'mod partikolari), li tiegħu d-deċiżjonijiet finali dwar allokkazzjonijiet futuri tar-riżorsi lill-JUs. Għal din ir-raġuni, jaf ma tiġix implimentata qabel in-negozjati tal-baġit dwar il-QFP il-ġdid (madwar tmiem I-2026). Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem I-2027.

Numru u sena	JUs	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar	
			Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti
8/2021	F4E	Jenħtieġ li l-ġestjoni tal-F4E ssaħħaħ il-miżuri li diġà ttieħdu biex jittaffew ir-riskji relatati mal-użu ta' persunal estern, b'mod partikolari, ir-riskju ta' ġestjoni ineffiċjenti minħabba t-tqassim mhux ċar tar-responsabbiltajiet bejn il-persunal statutorju u dak estern.		FI-2022 ġie stabbilit grupp ta' ħidma biex jivvaluta l-grad għoli ta' serħan fuq ir-riżorsi esterni bl-oġettiv li jkun hemm ippjanar aħjar u ġustifikazzjoni tal-użu tagħhom. Il-grupp ta' ħidma sussegwentement fassal politika dwar l-użu ta' fornituri esterni tas-servizzi (ESPs), li ġiet approvata mid-Direttur fl-2024. Madankollu, din il-politika ma tippredix il-koordinazzjoni u l-ġestjoni ċentralizzati tal-ESPs. FI-2023, awditu li l-IAS wettaq dwar il-ġestjoni tar-riżorsi umani u l-etika tal-F4E żvela problemi serji bil-koordinazzjoni u l-ġestjoni tal-ESPs. L-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni miftiehem għadha għaddejja, u huwa mistenni li titlesta sa tmiem l-2025. Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2025.
1/2022	L-EuroHPC, l-IHI, is-CBE, u l-JU taċ-Ċipep	Jenħtieġ li l-JUs jistabbilixxu pjan ta' azzjoni skedat biż-żmien għall-finalizzazzjoni tal-implimentazzjoni ta' proġetti approvati taħt QFP preċedenti.		Is-sistema aġġornata eGrant (Compass) tinkludi għodod ġodda ta' rappurtar u monitoraġġ, li l-JUs użaw għall-monitoraġġ tal-eliminazzjoni gradwali tal-proġetti ta' għotja taħt Orizzont 2020 u biex jivvalutaw it-talbiet għal estensjonijiet u għal sospensjonijiet tal-pagamenti. Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2024.
2/2022	L-EuroHPC, is-CBE	Biex jiġi żgurat l-ilfuq tal-miri tal-kontribuzzjonijiet tal-membri privati tagħhom għall-QFP 2021–2027, jenħtieġ li l-EuroHPC u s-CBE, abbażi ta' pjan strateġiku ta' implimentazzjoni tal-programmi, jimmonitorjaw il-kisbiet individwali tal-membri privati relatati mal-kontribuzzjonijiet fuq bażi annwali.		Iż-żewġ JUs it-tnejn li huma fasslu programm ta' ħidma pluriennali u baġit għall-attivitajiet tagħhom taħt il-QFP 2021–2027 biex b'hekk ikunu jistgħu jitwettqu stimi tal-ippjanar pluriennali għall-kontribuzzjonijiet tal-membri tagħhom. Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2024.

Numru u sena	JUs	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar	
			Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti
7/2022	L-EU-Rail, is-CA, I-IHI, il-JU taċ-Ċipep	Taħt Orizzont Ewropa, jenħtieġ li l-JUs kollha jimplimentaw approċċ ibbażat fuq ir-riskju, għall-ġestjoni tal-għotjiet li jkopri l-fażijiet prinċipali tal-ġestjoni tal-għotjiet mit-tħejjija tal-ftehim ta' għotja sal-pagament. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li l-JUs inpartikolari jiżguraw li: (a) beneficijarji u proġetti potenzjalment riskjużi jkunu suġġetti għal kontrolli <i>ex ante</i> intensifikati jew awditi <i>ex post</i>; u (b) riżultati importanti tal-awditjar <i>ex post</i> jitqiesu kif xieraq fil-valutazzjoni tar-riskju għal kontrolli <i>ex ante</i> futuri.		L-EU-Rail tuża biss għotjiet ta' somom f'daqqa taħt Orizzont Ewropa. Il-JU diġà ffinalizzat qafas ta' kontroll ibbażat fuq ir-riskju fl-2023 u aġġornat l-istrateġija ta' kontroll tagħha taħt Orizzont Ewropa f'Diċembru 2024 biex tallinjaha mal-linji gwida l-aktar reċenti tal-Kummissjoni dwar rieżamijiet tekniċi <i>ex post</i> f'għotjiet ta' somom f'daqqa taħt Orizzont Ewropa. Fl-2024, is-CA, I-IHI u l-JU taċ-Ċipep iffinalizzaw l-oqfsa ta' kontroll tagħhom ibbażati fuq ir-riskju għall-pagamenti ta' għotjiet taħt Orizzont Ewropa u Ewropa Diġitali. Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmien l-2024.
7/2022	Il-JUs kollha għajr l-F4E, l-EU-Rail, is-CA, I-IHI, il-JU taċ-Ċipep	Taħt Orizzont Ewropa, jenħtieġ li l-JUs kollha jimplimentaw approċċ ibbażat fuq ir-riskju, għall-ġestjoni tal-għotjiet li jkopri l-fażijiet prinċipali tal-ġestjoni tal-għotjiet mit-tħejjija tal-ftehim ta' għotja sal-pagament. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li l-JUs inpartikolari jiżguraw li: (a) beneficijarji u proġetti potenzjalment riskjużi jkunu suġġetti għal kontrolli <i>ex ante</i> intensifikati jew awditi <i>ex post</i>; u (b) riżultati importanti tal-awditjar <i>ex post</i> jitqiesu kif xieraq fil-valutazzjoni tar-riskju għal kontrolli <i>ex ante</i> futuri.		Fi Frar 2024, il-JUs għar-riċerka u l-innovazzjoni żviluppaw approċċ komuni għall-implimentazzjoni u gwida dwar l-istrateġija ta' kontroll – tas-CAS – taħt Orizzont Ewropa li tipprevedi mekkaniżmi ta' aċċertament alternattivi u indikaturi biex ipattu għall-fatt li mhux se jkun hemm awditi <i>ex post</i> ta' kampjun rappreżentattiv ta' beneficijarji u lanqas rata ta' żball għal kull JU. L-SNS għamlet volum kbir ta' pagamenti ta' għotjiet taħt Orizzont Ewropa (madwar EUR 83 miljun) fl-2024, iżda għadha ma implimentatx il-qafas ta' kontroll tagħha bbażat fuq ir-riskju għal tali nefqa. Aħna ninnutaw li l-istabbiliment ta' qafas ta' kontroll effettiv ibbażat fuq ir-riskju huwa komputu li jieħu ħafna ħin. Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmien l-2024.

Numru u sena	JUs	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar	
			Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti
1/2023	EuroHPC	Jenħtieġ li l-EuroHPC tappoġġa r-rivalutazzjoni mill-Kummissjoni tal-mira tal-kontribuzzjonijiet tal-membri privati għall-programmi tal-perjodu 2021–2027 (Orizzont Ewropa u Ewropa Diġitali).		Fl-2024, l-EuroHPC infurmat lill-Bord ta' Tmexxija tagħha, li jinkludi wkoll lill-Kummissjoni, bir-raġunijiet għalfejn il-mira tal-kontribuzzjonijiet attwali għall-membri privati ma tistax tintlaħaq u jeħtieġ li tiġi riveduta. Il-JU avviċinat ukoll ditta tal-awditjar esterna għal parir addizzjonali dwar kif timmassimizza l-kapaċitajiet tagħha ta' monitoraġġ u rappurtar tal-IKOP fi ħdan ir-restrizzjonijiet attwali. Data mmirata għall-implimentazzjoni: sa nofs l-2025.
2/2023	CA	Jenħtieġ li s-CA, l-ewwel nett, tiżviluppa mekkaniżmi ta' korrezzjoni biex tnaqqas is-surpluses ta' flus kontanti tagħha sa livelli raġonevoli u t-tieni nett, b'koordinazzjoni mal-Kummissjoni, tallinja t-talba/talbiet tagħha ta' flus kontanti għal kull sena finanzjarja mal-ħtiġijiet ta' nfiq stmati tagħha.		Is-CA baxxiet bil-bosta s-surplus ta' flus kontanti kumulattiv tagħha minn EUR 237 miljun fi tmiem l-2023 għal EUR 105 miljun fi tmiem l-2024 (tnaqqis ta' 56 %). Is-surplus li jifdal kien meħtieġ biex ikopri l-pagamenti fl-ewwel 4 xhur tal-2025. Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2025.
2/2023	JU taċ-Ċipep, EuroHPC	Jenħtieġ li l-JU taċ-Ċipep u l-EuroHPC l-ewwel nett jiżviluppaw mekkaniżmi ta' korrezzjoni biex inaqqsu s-surpluses ta' flus kontanti tagħhom sa livelli raġonevoli u t-tieni nett, b'koordinazzjoni mal-Kummissjoni, jallinjaw it-talbiet tagħhom ta' flus kontanti għal kull sena finanzjarja mal-ħtiġijiet ta' nfiq stmati tagħhom.		Is-surplus ta' flus kontanti tal-JU taċ-Ċipep żdied matul l-2024. Fi tmiem is-sena kien f'ammont ta' EUR 479 miljun, meta mqabbel ma' EUR 438 miljun fi tmiem l-2023. Fl-2025, abbażi ta' rivalutazzjoni tal-ħtiġijiet tal-baġit tal-pagamenti operazzjonali tagħha, il-JU naqqset il-baġit inizjali taħt Ewropa Diġitali b'EUR 100 miljun. Madankollu, il-Kummissjoni taċċetta emendi ta' dan it-tip biss dment li l-finanzjament liberat ikun meħtieġ minn korpi oħra tal-UE. Is-surplus ta' flus kontanti tal-EuroHPC żdied ukoll matul l-2024, għal EUR 904.7 miljun fi tmiem l-2024 meta mqabbel ma' EUR 840.7 miljun fi tmiem l-2023. Il-JUs bdew jimplimentaw

Numru u sena	JUs	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar	
			Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti
				mekkaniżmi korrettivi fl-2024. Dawn tal-aħħar se jkollhom impatt fuq l-implimentazzjoni tal-baġit tal-2026 biss. Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2025.
3/2023	EuroHPC	Jenħtieġ li l-EuroHPC tuża l-persunal imkattar tagħha biex tistinka ħalli tilħaq il-mira ta' reklutaġġ tagħha sa tmiem l-2024.		Sa tmiem l-2023, l-EuroHPC kellha tirrekluta 39 membru tal-persunal ġdid lejn il-komplement sħiħ ta' 54 li kienet teħtieġ biex timplimenta l-attivitajiet tagħha taħt il-QFP 2021–2027. Fi tmiem l-2024, madankollu, 14 mid-39 post kienu għadhom vakanti.
		Biex tkabbar it-trasparenza tal-proċeduri ta' reklutaġġ tagħha, u biex tissostanzja t-teħid tad-deċiżjonijiet mill-kumitat tal-għażla, jenħtieġ li l-EuroHPC matul il-fażi ta' qabel l-għażla tuża tabella ta' punteġġ li dwarha jkun intlaħaq qbil minn qabel, b'konformità mal-prattika ta' JUs u korpi oħra tal-UE.		Fl-2024, l-EuroHPC implimentat grilja ta' punteġġ għall-użu fil-fażi ta' qabel l-għażla tal-proċeduri ta' reklutaġġ, inkluża ponderazzjoni għal kull kriterju essenzjali. Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2024.
4/2023	F4E	Jenħtieġ li l-F4E tistabbilixxi funzjoni ċentralizzata ta' koordinazzjoni u ġestjoni għall-fornituri esterni tas-servizzi u tadotta metodoloġija komprensiva biex b'mod regolari tivvaluta l-ħtiġijiet totali tar-riżorsi umani tagħha (persunal statutorju u ESPs) abbażi tal-piż tax-xogħol u l-ħiliet meħtieġa. Jenħtieġ ukoll l-l-JU tissupplimenta r-reġistru tar-riskji tagħha bir-riskji l-aktar importanti li ġejjin mil-livell għoli ta' użu tagħha tal-ESPs fit-tul.		Fl-2024 id-Direttur tal-F4E approva politika dwar l-użu tal-ESPs, li kienet tinkludi d-definizzjoni tagħhom u l-ippjanar tal-ħtiġijiet tagħhom. Sussegwentement fl-2025, ittieħdet deċiżjoni dwar iċ-ċentralizzazzjoni tal-koordinazzjoni u ġestjoni tagħhom. L-F4E ma aġġornatx ir-reġistru tar-riskji tagħha kif meħtieġ. Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2025.

Numru u sena	JUs	Rakkomandazzjoni tal-QEA	Analiżi mill-QEA tal-progress li sar	
			Livell ta' implimentazzjoni	Kummenti
5/2023	F4E	Biex timmaniġġja r-riskji tagħha b'mod effettiv, jenħtieġ li l-F4E timplimenta proċess integrat ta' ġestjoni tar-riskju fil-qafas ta' kontroll intern tagħha.		Fl-2024, l-F4E introduċiet laqgħat regolari kull 3 xhur bejn il-funzjoni tal-ġestjoni tar-riskju u l-funzjoni tal-awditjar intern tagħha. Madankollu, għadha ma aġġornatx il-qafas ta' kontroll intern tagħha biex tinkludi proċess integrat ta' ġestjoni tar-riskju. Data mmirata għall-implimentazzjoni: sa nofs l-2025.
6/2023	SNS, JU Saħħa Globali EDCTP3	Jenħtieġ li jiġu żviluppati linji gwida kontabilistiċi li jispeċifikaw ir-regoli għall-preżentazzjoni tal-ewwel kontijiet annwali ta' JUs ġodda. Jenħtieġ li dawn il-linji gwida jinkludu struzzjonijiet dwar kif għandhom jiġu sseparati r-riżorsi finanzjarji implimentati mill-Kummissjoni minn dawk implimentati mill-JU nnifisha wara li tkun kisbet l-awtonomija finanzjarja tagħha.		F'Ġunju 2025, il-Kummissjoni ħarġet dokument ta' struzzjonijiet għat-twettiq tal-kontabbiltà tat-trasferimenti tal-assi u l-obbligazzjonijiet ta' kwalunkwe entità ġdida kostitwita skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u l-korpi ta' sħubija pubblika-privata. Jipprovdu gwida ċara għall-komponenti differenti tal-ewwel sett ta' kontijiet annwali. Data mmirata għall-implimentazzjoni: sa nofs l-2025.

Sors: il-QEA.

Rapporti speċjali reċenti oħra li jittrattaw mal-JUs

2.45. Matul l-2024 u l-ewwel nofs tal-2025, ħriġna tliet rapporti speċjali li jittrattaw mal-JUs (ara l-[Figura 2.3](#)).

Figura 2.3 — Rapporti speċjali oħra relatati mal-JUs, li nħarġu reċentement mill-QEA

Ir-Rapport Speċjali 08/2024 tal-QEA:

L-ambizzjoni tal-UE f'dak li jikkonċerna l-intelliġenza artiċijali — Governanza aktar b'saħħitha u investiment miżjud u aktar iffukat se jkunu essenzjali għall-ġejjieni

Dan l-awditu vvaluta l-effettività tal-kontribuzzjoni li saret mill-Kummissjoni għall-iżvilupp tal-ekosistema tal-IA fl-UE. F'dan il-kuntest, analizzajna l-prestazzjoni tal-pjan tal-UE għall-IA kif ukoll tal-fond ta' Orizzont 2020, Orizzont Ewropa u Ewropa Diġitali li ntefaq fil-perjodu 2014–2022 fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni tat-teknoloġiji tal-IA u l-infrastruttura tal-IA.

Sejbiet tal-awditjar

Filwaqt li l-Kummissjoni stabbiliet faċilitaturi finanzjarji u infrastrutturali għall-iżvilupp u l-użu tal-IA, il-pjanijiet dwar l-IA għall-infrastruttura ffinanzjata mill-UE — bħall-faċilitajiet għall-ittestjar, l-isparzi tad-*data*, jew pjattaforma tal-IA fuq talba — sa issa wasslu biss għal appoġġ kapitali modest tal-UE (bħall-finanzjament mill-bejgħ ta' ishma) għall-innovaturi.

Is-suq uniku għad-*data* għadu fil-fażi tal-bidu, u ma jistax jagħti spinta lill-investiment fl-IA mal-ewwel.

Ir-riżultati tal-proġetti tal-IA ffinanzjati mill-UE ma jiġux immonitorjati b'mod sistematiku.

Il-koordinazzjoni bejn l-UE u l-Istati Membri mhijiex effettiva minħabba nuqqas ta' għodod ta' governanza.

Rakkomandazzjonijiet

Jenħtieġ li l-Kummissjoni:

- Issaħħaħ l-ippjanar u l-koordinazzjoni tal-investiment fl-IA billi tivvaluta mill-ġdid il-mira ta' investiment tal-UE għall-IA u ta' kif l-Istati Membri jistgħu jikkontribwixxu għaliha.
- Tevalwa l-ħtieġa għal strument ta' appoġġ kapitali aktar iffukat fuq l-IA.
- Tiżgura li l-infrastruttura għall-innovazzjoni tal-IA ffinanzjata mill-UE topera b'mod ikkoordinat ma' punt ta' aċċess uniku.
- Issaħħaħ l-appoġġ, il-koordinazzjoni u l-monitoraġġ għall-isfruttament tar-riżultati fl-UE.
- Tappoġġa l-isfruttament fl-UE tar-riżultati tar-R&I fl-ambitu ta' Orizzont Ewropa fil-qasam tal-IA.

Ir-Rapport Speċjali 11/2024 tal-QEA:

Il-politika industrijali tal-UE dwar l-idroġenu rinnovabbli — Il-qafas legali ġie fil-biċċa l-kbira adottat — wasal iż-żmien li ssir verifika tar-realtà

Dan l-awditu vvaluta l-politika industrijali tal-UE dwar l-idroġenu rinnovabbli, filwaqt li ffoka fuq il-qafas legali stabbilit mill-Kummissjoni u l-impatt tiegħu fuq l-iżvilupp ta' suq tal-idroġenu fl-UE.

Sejbiet tal-awditjar

Filwaqt li l-qafas legali tal-Kummissjoni huwa kważi lest u pprova ċertezza għall-istabbiliment ta' suq ġdid, l-għanijiet tal-Kummissjoni għall-2030 għall-produzzjoni u d-domanda tal-idroġenu rinnovabbli kienu ambizzjużi żżejjed.

Il-bini ta' industria tal-idroġenu tal-UE jirrikjedi investiment pubbliku u privat enormi. Madankollu, il-Kummissjoni la għandha stampa ġenerali sħiħa tal-ħtiġijiet u lanqas tal-finanzjament pubbliku disponibbli. Minbarra dan, il-finanzjament mill-UE — li stmajna li jammonta għal EUR 18.8-il biljun għall-perjodu 2021–2027 — huwa mifrux bejn diversi programmi, u b'hekk jagħmilha diffiċli għall-kumpaniji biex jiddeterminaw it-tip ta' finanzjament l-aktar adatt għal proġett partikolari.

Waħda mill-problemi prinċipali b'dan is-suq li għadu hija l-problema tal-“bajda u t-tiġieġa”: il-provvista qed tistenna li d-domanda tiżviluppa u viċi versa.

Rakkomandazzjonijiet

Jenħtieġ li l-Kummissjoni:

- Wara verifika tar-realtà, tagħmel għażliet strateġiċi dwar it-triq 'il quddiem mingħajr ma toħloq dipendenzi strateġiċi ġodda.
- Tistabbilixxi pjan direzzjonali tal-UE u timmonitorja l-progress.
- Tikseb *data* affidabbli dwar il-finanzjament nazzjonali u tivvaluta x-xerqien tal-arranġamenti ta' finanzjament tal-UE kif meħtieġ.
- Timmonitorja l-proċess għall-ħruġ tal-permessi fl-Istati Membri.
- Tieħu deċiżjoni ċara dwar l-azzjonijiet ta' appoġġ u ta' koordinazzjoni ma' u għall-industria tal-idroġenu.

Ir-Rapport Speċjali 12/2025 tal-QEA:

L-istrateġija tal-UE għall-mikroċipep — Progress raġonevoli fl-implimentazzjoni tagħha, iżda l-Att dwar iċ-Ċipep f'tit li xejn għandu probabbiltà li jkun biżżejjed biex tintlaħaq il-mira tad-Deċennju Diġitali ambizzjuża żżejjed

Dan l-awditu vvaluta l-progress fl-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-UE għall-mikroċipep, filwaqt li ffoka fuq kemm kien effettiv l-Att tal-Kummissjoni dwar iċ-Ċipep biex tintlaħaq il-mira ambizzjuża tad-Deċennju Diġitali li żgur ikun hemm 20 % tal-produzzjoni globali tas-semikondutturi sal-2030. Huwa evalwa wkoll l-effettività tal-mekkaniżmi ta' finanzjament, l-istrateġiji industrijali, u l-kapaċità tal-UE li tnaqqas id-dipendenza minn fornituri barranin tas-semikondutturi.

Sejbiet tal-awditjar

L-Att dwar iċ-Ċipep u l-finanzjament relatat x'aktarx li ma jkunux biżżejjed biex jintlaħaq l-għan tad-Deċennju Diġitali minħabba li l-UE tiddependi b'mod qawwi minn fornituri esterni u minħabba vulnerabbiltajiet tal-katina tal-provvista, partikolarment għal teknoloġiji avvanzati tal-manifattura taċ-ċipep.

L-Istati Membri u s-settur privat għadhom jirrappreżentaw il-parti l-kbira tal-investiment.

In-nuqqas ta' ħliet u l-konġestjonijiet fil-produzzjoni għadhom ostakli ewlenin biex jiżdiedu l-kapaċitajiet tas-semikondutturi tal-UE.

L-aċċess insuffiċjenti tal-UE għall-materja prima, il-kostijiet għoljin tal-enerġija, u t-tensjonijiet ġeopolitiċi joħolqu sfidi addizzjonali.

Rakkomandazzjonijiet

Jenħtieġ li l-Kummissjoni:

- Twesttaq verifika tar-realtà urġenti fuq l-istrateġija u tiegħu l-azzjonijiet korrettivi meħtieġa għal żmien qasir.
- Tibda tħejji l-istrateġija li jmiss dwar is-semikondutturi.

Sors: id-dettalji dwar ir-rapporti, ir-rakkomandazzjonijiet relatati u r-risposta tal-entità awditjata jistgħu jiġu kkonsultati fuq is-sit elettroniku tal-QEA eca.europa.eu.

Risposti tal-Impriżi Konġunti għall- Kapitoli 1 u 2

https://www.eca.europa.eu/Lists/ECARepplies/JUS-Replies-SAR-JUS-2024/JUS-Replies-SAR-JUS-2024_MT.pdf



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

Kapitolu 3

**Dikjarazzjonijiet ta' Assigurazzjoni
dwar l-Impriżi Konġunti tal-UE**

3.1. Informazzjoni li tappoġġa d-dikjarazzjonijiet ta' assigurazzjoni

Bażi għal opinjonijiet

3.1.1. Aħna wettaqna l-awditu tagħna skont il-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti (IFAC), l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar (ISAs) u l-Kodiċi tal-Etika u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar (ISSAIs) tal-Intosai. Ir-responsabbiltajiet tagħna skont daww il-standards huma deskritti f'aktar dettall fit-taqsim "Responsabbiltajiet tal-awditur" tar-rapport tagħna. Aħna kkonformajna wkoll mar-rekwiżiti tal-indipendenza u l-obbligi etiċi tagħna fil-Kodiċi ta' Etika għall-Kontabilisti Professionali tal-Bord tal-Istandards Internazzjonali tal-Etika għall-Kontabilisti (IESBA). Nemmnu li l-evidenza għall-awditjar li ksbna hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovd bażi għall-opinjonijiet tagħna.

Approċċ tal-awditjar

3.1.2. Aħna nipprovdu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kif ukoll lil awtoritajiet oħra ta' kwittanza b'dikjarazzjonijiet ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet tal-Impriżi Konġunti (JUs) tal-UE u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati.

3.1.3. L-approċċ tal-awditjar tagħna jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, testijiet diretti tat-tranżazzjonijiet, u valutazzjoni tal-komponenti ewlenin tas-sistemi ta' superviżjoni u kontroll ta' kull JU. Dawn huma ssupplimentati minn evidenza li tirriżulta mix-xogħol ta' awdituri oħra, u minn analiżi tal-informazzjoni pprovduta mill-maniġment tal-entitajiet awditjati.

Responsabbiltajiet tal-maniġment u ta' daww inkarigati mill-governanza

3.1.4. Skont l-Artikoli 310 sa 325 tat-TFUE u r-regolamenti finanzjarji tal-JUs, il-maniġment ta' kull JU huwa responsabbli mit-tnejn u l-preżentazzjoni tal-kontijiet ta' dik il-JU abbażi ta' standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment, u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Din ir-responsabbiltà tinkludi t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' kontrolli interni rilevanti għat-tnejn u l-preżentazzjoni ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba żball. Il-maniġment jerfa' r-responsabbiltà aħħarja wkoll

biex jara li l-attivitajiet, it-tranżazzjonijiet finanzjarji, u informazzjoni oħra riflessi fir-rapporti finanzjarji żgur ikunu jikkonformaw mar-regolamenti rilevanti kollha.

3.1.5. Fit-tnejn tal-kontijiet, il-maniġment huwa responsabbli milli jivvaluta l-kapaċità tal-JU li tkompli bħala negozju avvjat. Huwa jeħtieġu jiddivulga kull kwistjoni li tolgot l-istatus tal-JU bħala negozju avvjat, u jeħtieġu juża l-bażi kontabilistika ta' negozju avvjat, dment li ma jkunx biħsiebu jillikwida l-entità jew itemm l-operazzjonijiet, jew inkella jkun imġiegħel jagħmel dan.

3.1.6. Dawk inkarigati mill-governanza ta' kull JU huma responsabbli mis-sorveljanza tal-proċess ta' rappurtar finanzjarju ta' dik il-JU.

Ir-responsabbiltajiet tal-awditur b'rabta mal-awditu tal-kontijiet u tat-tranżazzjonijiet ta' bażi

3.1.7. Rigward l-informazzjoni finanzjarja rrapportata għal kull JU, niksbu evidenza adegwata u suffiċjenti għall-awditjar biex nesprimu opinjoni b'aċċertament raġonevoli dwar il-kontijiet u t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati.

- Fl-awditjar tal-kontijiet, li jinkludu r-rapporti finanzjarji⁶ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ta' kull JU għas-sena finanzjarja, aħna nqisu x-xogħol tal-awditjar li jkun għamel l-awditur estern indipendenti kif stipulat fl-Artikolu 70(6) tar-Regolament Finanzjarju tal-UE⁷.
- Meta nawditjaw id-dħul, aħna nivverifikaw il-kontribuzzjonijiet li jiġu riċevuti mingħand il-baġit tal-UE, mingħand sħab oħra, jew mingħand il-pajjiżi parteċipanti u nivvalutaw il-proċeduri ta' kull JU għall-ġbir ta' introjtu ieħor, jekk ikun il-każ.
- Meta nawditjaw in-nefqa, neżaminaw it-tranżazzjonijiet ta' pagament ladarba l-kostijiet ikunu ġew imġarrba, irreġistrati u aċċettati. Dan ikopri l-kategoriji kollha ta' pagamenti fil-punt meta jsiru, bl-eċċezzjoni tal-pagamenti bil-quddiem. Neżaminaw il-pagamenti bil-quddiem ladarba r-riċevitur tal-finanzjament jipprovdi ġustifikazzjoni għall-użu xieraq tiegħu u l-JU taċċetta l-ġustifikazzjoni billi tapprova l-pagament bil-quddiem, sew jekk fl-istess sena u sew jew aktar tard. Għall-valutazzjoni kumplessiva tagħna, nieħdu kont ukoll tar-riżultati tal-awditu *ex post* imwettqa mis-Servizz Komuni tal-Awditjar (CAS) tad-DĠ RTD tal-Kummissjoni rigward in-nefqa għall-ġhotjiet tal-JUs taħt Orizzont 2020 u

⁶ Ir-rapporti finanzjarji jinkludu l-karta tal-bilanċ, ir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, ir-rapport tal-flussi tal-flus, ir-rapport tal-bidliet fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁷ Ir-rapporti jaggregaw l-operazzjonijiet baġitarji kollha u jinkludu n-noti ta' spjegazzjoni.

Orizzont Ewropa u l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali (HaDEA) rigward in-nefqa għall-għotja tal-JU taħt Ewropa Diġitali.

3.1.8. Aħna unikament responsabbli mill-opinjoni tal-awditjar li nagħtu. F'konformità mal-ISAs u l-ISSAIs, neżerċitaw għoduzzju professjonali u nżommu xettiċiżmu professjonali tul l-awditu. Inpartikolari, nieħdu l-passi li ġejjin:

- nidentifikaw u nivvalutaw ir-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti legali tal-UE, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Ir-riskju li ma jinqabdux jew dikjarazzjoni skorretta materjali jew inkella nuqqas ta' konformità huwa ogħla għall-frodi milli huwa għall-iżbalji, billi frodi jaf tinvolvi kollużjoni, falsifikazzjoni, ommissjonijiet intenzjonali, rappreżentazzjonijiet żbaljati, jew każijiet fejn jinqabżu l-kontrolli interni. Infasslu u nwettqu proċeduri tal-awditjar li jirrispondu għal dawk ir-riskji.
- Niksbu fehim tal-kontrolli interni rilevanti għall-awditu. Dan nagħmluh mhux biex naslu għal opinjoni dwar l-effettività ta' dawk il-kontrolli, iżda biex inkunu nistgħu nfaslu proċeduri tal-awditjar li jkunu adegwati. Jekk insibu dgħufijiet serji fil-kontroll intern, nippruvaw, jekk ikun possibbli, nikkwantifikaw l-impatt tagħhom u nagħgustaw il-valutazzjoni tar-riskju għas-sena ta' wara. Ma identifikkajniex dgħufijiet ta' dan it-tip matul l-awditu ta' din is-sena.
- Nirrieżaminaw l-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi użati, kif ukoll ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u d-divulgazzjonijiet relatati li jsiru mill-maniġment.
- Nivvalutaw l-adegwatezza tal-użu mill-maniġment tal-bażi kontabilistika ta' negozju avvjat u, abbażi tal-evidenza għall-awditjar li nkunu ksibna, nivvalutaw ukoll jekk tkunx teżisti kwalunkwe inċertezza materjali fil-għamla ta' avvenimenti jew ċirkustanzi li jaf jixħtu dubju sinifikanti fuq il-kapaċità ta' JU li tkompli bħala negozju avvjat. Jekk nikkonkludu li tkun teżisti inċertezza materjali, aħna meħtieġa niġbdu l-attenzjoni, fir-rapport tagħna, għad-divulgazzjonijiet relatati fil-kontijiet jew, jekk dawk id-divulgazzjonijiet ma jkunux adegwati, nimmodifikaw l-opinjoni tagħna. Il-konklużjonijiet tagħna huma bbażati fuq l-evidenza għall-awditjar li nkunu ksibna sad-data tar-rapport tagħna. Madankollu, avvenimenti jew ċirkustanzi li jseħħu wara dik id-data jaf iwasslu biex entità ma tkompli bħala negozju avvjat.
- Fl-aħħar nett, nevalwaw il-preżentazzjoni, l-istruttura u l-kontenut ġenerali tal-kontijiet, inklużi d-divulgazzjonijiet kollha, u jekk il-kontijiet ikunux jirrappreżentaw it-tranżazzjonijiet u l-avvenimenti ta' bażi b'mod ġust.

3.1.9. Nikkomunikaw mal-maniġment dwar kwistjonijiet, bħall-ambitu u t-twaqqit ippjanati tal-awditu u kwalunkwe sejba sinifikanti tal-awditjar, inklużi sejbiet ta' dgħufijiet sinifikanti fil-kontroll intern.

3.1.10. Fir-rapport tagħna, niddeskrivu kwistjonijiet li nqisu li huma tal-akbar sinifikat għall-awditu li wettaqna tal-kontijiet u tat-tranżazzjonijiet ta' bażi tagħhom. Nagħmlu dan dment li d-divulgazzjoni pubblika ma tkunx legalment ipprojbata jew meta, bħalma jiġri rari ferm, niddeterminaw li kwistjoni ma għandhiex tiġi ddivulgata fir-rapport tagħna minħabba li l-konsegwenzi avversi tad-divulgazzjoni jkunu mistennija, b'mod raġonevoli, li jkunu akbar mill-benefiċċji għall-interess pubbliku.

3.1.11. Ma jista' jkun hemm l-ebda garanzija li awditu se jaqbad dejjem il-każijiet kollha ta' dikjarazzjoni skorretta materjali jew ta' nuqqas ta' konformità fil-kontijiet awditjati. Dawn il-każijiet, li jistgħu jiġu kkaġunati minn frodi jew minn żball, jitqiesu materjali jekk, meqjusa individwalment jew flimkien, jistgħu jkunu mistennija, b'mod raġonevoli, li jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet ekonomiċi li l-utenti jieħdu fuq il-bażi ta' daww il-kontijiet.

Impriżi Konġunti li jimplimentaw il-programmi qafas tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni

3.2. L-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR 3)

Introduzzjoni

3.2.1. Il-JU Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3 (SESAR 3), li tinsab fi Brussell, ġiet stabbilita f'Novembru 2021 taħt il-programm Orizzont Ewropa għall-perjodu li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2031⁸. Is-SESAR 3 JU hija l-iterazzjoni attwali tas-SESAR JU, li ġiet stabbilita fi Frar 2007 taħt is-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka (FP7) għal perjodu ta' 8 snin⁹ u ġiet estiża f'Ġunju 2014 biex tkompli topera taħt Orizzont 2020¹⁰.

3.2.2. Is-SESAR 3 JU ġiet stabbilita bħala sħubija pubblika-privata biex tiżviluppa ġestjoni modernizzata tat-traffiku tal-ajru fl-Ewropa u biex permezz tar-riċerka u l-innovazzjoni jitħaffef it-twettiq tal-Ajru Diġitali Ewropew. Il-membri tagħha huma l-UE, irrappreżentata mill-Kummissjoni (id-DĠ MOVE), l-Organizzazzjoni Ewropea għas-Sikurezza tan-Navigazzjoni bl-Ajru (L-Eurocontrol), u aktar minn 50 organizzazzjoni li jkopru l-katina tal-valur tal-avjazzjoni kollha, li tinkludi: l-ajruporti, l-utenti tal-ispazju tal-ajru tal-kategoriji kollha, il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, l-operaturi tad-droni u l-fornituri tas-servizzi, kif ukoll il-manifatturi u l-komunità xjentifika.

⁸ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa.

⁹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 219/2007 dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR).


¹⁰ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 721/2014, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 219/2007.

L-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR 3)

3.2.3. It-*Tabella 3.2.1* tippreżenta ċ-ċifri ewlenin għall-JU.

Figura 3.2.1 — Iċ-ċifri ewlenin għas-SESAR 3

Baġit tal-UE (miljun EUR)*



Persunal (impjegat fil-31 ta' Diċembru)**



* Il-baġit disponibbli jinkludi l-appropriazzjonijiet mhux użati fi snin preċedenti, li l-JU riallokata għall-baġit tas-sena attwali, kif ukoll id-dħul assenjat u r-riallokazzjonijiet għas-sena ta' wara.

** Il-"persunal" jinkludi persunal temporanju, persunal bil-kuntratt, u esperti nazzjonali sekondati.

Sors: data pprovduta mill-JU.

3.2.4. It-tnaqqis fil-baġit għall-pagamenti għall-2024 jirrifletti l-użu ta' sejħiet pluriennali għal proposti. L-ewwel sejhja ta' 3 snin inħarġet fl-2023, u l-biċċa l-kbira mill-pagamenti ta' pefinanzjament relatati saru fl-aħħar xhur ta' dik is-sena. Konsegwentement, fl-2024 il-JU kien għadha ma kinitx qed tistenna li tħallas xi dikjarazzjonijiet tal-kostijiet li kienu saru mill-benefiċjarji.

Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħna lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill — rapport tal-awditur indipendenti

Opinjoni

3.2.5. L-approċċ tal-awditjar tagħna, il-bażi għall-opinjoni tagħna, ir-responsabbiltajiet tal-maniġment tal-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR 3) u ta' daww inkarigati mill-governanza tagħha, kif ukoll ir-responsabbiltajiet tal-awditur għall-awditu tal-kontijiet u tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, huma kollha deskritti fit-Taqsima 3.1. Il-firma fil-paġna 160 tiffirma parti integrali mill-opinjoni.

3.2.6. Aħna awditjajna:

- (a) il-kontijiet tas-SESAR 3, li jinkludu r-rapporti finanzjarji u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024, u
- (b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet, kif meħtieġ mill-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Affidabbiltà tal-kontijiet

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

3.2.7. Fl-opinjoni tagħna, il-kontijiet tas-SESAR 3 għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2024, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-regolament finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni. Dawn huma bbażati fuq standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment.

Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

Dħul

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet

3.2.8. Fl-opinjoni tagħna, id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet tas-SESAR 3 għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Pagamenti

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

3.2.9. Fl-opinjoni tagħna, il-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tas-SESAR 3 għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

3.2.10. L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tagħna.

L-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR 3)

Osservazzjonijiet dwar il-ġestjoni baġitarja

Is-SESAR 3 għalqet il-finanzjament taħt Orizzont 2020 fl-2024, iżda twettqu biss 88 % tal-kontribuzzjonijiet miftiehma

3.2.11. It-**Tabella 3.2.1** tippreżenta ħarsa ġenerali li tqabbel il-miri tal-kontribuzzjonijiet tal-membri tas-SESAR 3 għal Orizzont 2020 mal-kontribuzzjonijiet reali tagħhom (fi flus kontanti u *in natura*) kif irrappurtati fil-kontijiet annwali tal-JU fi tmiem l-2024.

Tabella 3.2.1 — Kontribuzzjonijiet tal-membri għal Orizzont 2020 (f' miljun EUR)

Membri	Kontribuzzjonijiet tal-membri (skont ir-Regolament Fundatur u l-ftehimiet bilaterali)				Kontribuzzjonijiet tal-membri (fil-31.12.2024)					
	Attivitajiet operazzjonali	Kostijiet amministrattivi	Attivitajiet addizzjonali ⁽¹⁾	Total	Fi flus kontanti	<i>In natura</i> vvalidati	<i>In natura</i> , irrappurtati iżda mhux ivalidati	<i>In natura</i> , għall-attivitajiet addizzjonali	Total	Kisba %
UE (DG Move)	555.8	29.3	M/A	585.0	566.0	M/A	M/A	M/A	566.0	97 %
Eurocontrol	467.0	25.0	M/A	492.0	17.1	325.9	0.0	M/A	343.0	70 %
Membri privati	280.0	18.5	M/A	298.5	17.3	287.4	0.0	M/A	304.7	102 %
Total	1 302.8	72.8	M/A	1 375.5	600.4	613.3	0.0	M/A	1 213.7	88 %

(1) L-attivitajiet addizzjonali jaqgħu barra mill-ambitu tal-awditjar tal-QEA.

Sors: il-QEA, abbażi ta' data pprovduta mill-JU u abbażi tar-regolament fundatur tal-istess JU.

3.2.12. Fl-2024, is-SESAR 3 lestiet l-implimentazzjoni ta' Orizzont 2020. B' mod ġenerali, kienet irċeviet madwar 88 % tal-finanzjament ippjanat sa tmiem is-sena. In-nuqqas fil-kontribuzzjonijiet kien partikolarment sinifikanti għall-Eurocontrol, li kienet ipprovdiet biss 70 %.

Il-kontribuzzjonijiet tal-Eurocontrol kienu wkoll taħt il-mira ta' Orizzont Ewropa fi tmiem l-2024

3.2.13. It-**Tabella 3.2.2** tippreżenta ħarsa ġenerali li tqabbel il-miri tal-kontribuzzjonijiet tal-membri tas-SESAR 3 għal Orizzont Ewropa mal-kontribuzzjonijiet reali tagħhom (fi flus kontanti u *in natura*) kif irrappurtati fil-kontijiet annwali tal-JU fi tmiem l-2024.

L-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR 3)

Tabella 3.2.2 — Kontribuzzjonijiet tal-membri għal Orizzont Ewropa (f'miljun EUR)

Membri	Kontribuzzjonijiet tal-membri (skont ir-Regolament Fundatur)			Kontribuzzjonijiet tal-membri (fil-31.12.2024)					
	Attivitajiet operazzjonali	Kostijiet amministrattivi	Total	Kontribuzzjonijiet tal-membri (fil-31.12.2024)	Fi flus kontanti, mhux ivalidati	In natura ⁽¹⁾ vvalidati	In natura ⁽¹⁾ , irrappurtati iżda mhux ivalidati	Total	Kisba %
UE (DG MOVE)	585.0	30.0	615.0	183.4	59.0	M/A	M/A	242.4	39 %
Membri privati	504.0	25.0	529.0	0.0	M/A	90.8	98.4	189.2	36 %
Eurocontrol	475.0	25.0	500.0	11.1	M/A	40.4	27.1	78.6	16 %
Total	1 564.0	80.0	1 644.0	194.5	59.0	131.2	125.5	510.2	31 %

(1) Tikkonsisti f'kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet operazzjonali (IKOP) u kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet addizzjonali (IKAA). IKAA vvalidati, li ġew divulgati biss fir-rapport annwali tal-attività tas-SESAR 3.

(2) Tinkludi kontribuzzjonijiet tar-Renju Unit ta' EUR 29 miljun u t-tnaqqis ta' nofs it-terminu ta' Orizzont Ewropa f'ammont ta' EUR 14-il miljun.

Sors: il-QEA, abbażi ta' *data* pprovduta mill-JU u abbażi tar-regolament fundatur tal-istess JU.

3.2.14. Sa tmiem l-2024, fit-tielet sena tal-programm, l-UE u l-membri privati flimkien kienu laħqu madwar 44 % tal-mira tal-kontribuzzjonijiet totali tagħhom. Il-membri privati u l-Eurocontrol irrappurtaw kontribuzzjonijiet fi flus kontanti u *in natura* ta' madwar EUR 267.8 miljun. Minn dan l-ammont, skont ir-RAA tal-JU, EUR 191 miljun (71 %) kienu jirrigwardaw attivitajiet addizzjonali li kienu barra mill-programm ta' riċerka tas-SESAR 3. L-Eurocontrol kienet għadha lura bil-kontribuzzjonijiet tagħha, billi laħqet biss 16 % tal-ammont miftiehem sa tmiem l-2024.

Dgħufijiet fl-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-baġit għan-nefqa amministrattiva

3.2.15. Is-sena l-oħra, ir-rata ta' implimentazzjoni għall-approprijazzjonijiet ta' pagament taħt il-baġit għall-infrastruttura u l-operat tas-SESAR 3 (it-Titolu 2) niżlet għal 45 % (2023:: 55 %). Dan, il-JU attribwietu parzjalment għall-migrazzjoni lejn is-sistema finanzjarja l-għdida tal-Kummissjoni (SUMMA) meta l-Eurocontrol kienet qed tippreżenta fatturi finali ta' madwar EUR 1 000 000 għal servizzi tal-IT ipprovduti fl-2024. Madankollu, in-nuqqas totali fl-implimentazzjoni tal-approprijazzjonijiet ta' pagament kien ferm aktar sinifikanti, f'ammont ta' EUR 3 miljun.

3.2.16. Meta kienet qed tonfoq fuq servizzi tal-IT, is-SESAR 3 ma użatx l-ewwel l-EUR 1.6 miljun f'approprijazzjonijiet ta' pagament li ġew riportati mis-sena ta' qabel. Dan imur kontra l-Artikolu 6(5) tar-regoli finanzjarji tagħha.

3.2.17. Fl-2024, il-valur tal-approprijazzjonijiet ta' pagament amministrattivi mhux użati li kellhom jiġu riallokati għall-baġit amministrattiv tas-sena ta' wara, jiġifieri tal-2025, kien ta' EUR 3.1 miljun (2023: EUR 2.4 miljun), u kien jirrappreżenta madwar 100 % tal-baġit għall-infrastruttura u l-operat tas-SESAR 3 għall-2025. Il-JU akkumulat ukoll total ta' EUR 11.3-il miljun f'approprijazzjonijiet ta' pagament amministrattivi mhux użati (it-Titoli 1 u 2) fuq linja

L-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR 3)

baġitarja ta' riżerva separata li kellha tintuża għan-nefqa amministrattiva futura ppjanata (2023: EUR 8.2 miljun). Dan l-ammont jirrappreżenta madwar 100 % tal-ħtiġijiet totali tal-JU għall-pagamenti amministrattivi taħt it-Titolu 1 u t-Titolu 2 fl-2025.

3.2.18. Ir-rati persistentement baxxi ta' implimentazzjoni tal-pagamenti għat-Titolu 2 u l-akkumulazzjoni sinifikanti ta' approprjazzjonijiet ta' pagament amministrattivi mhux użati jaf jindikaw problema strutturali fl-ippjanar u/jew l-implimentazzjoni tal-baġit tas-SESAR 3.

Osservazzjonijiet dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet

3.2.19. Awditajna żewġ tranżazzjonijiet relatati ma' Orizzont 2020 u Orizzont Ewropa (permezz ta' kampjuni li ttieħdu b'mod aleatorju mill-pagamenti *interim*/finali kollha u l-approvazzjonijiet kollha li l-JU għamlet fl-2024), fil-livell tal-benefiċjarji finali, biex nivvalutaw l-effettività tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tas-SESAR 3 fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tan-nefqa operazzjonali. Iż-żewġ tranżazzjonijiet kienu ħielsa minn żball.

3.2.20. Abbażi tar-riżultati tal-awditjar *ex post* tas-Servizz tal-Awditjar Komuni tal-Kummissjoni, is-SESAR 3 irrappurtat rata ta' żball rappreżentattiva ta' 3.5 % u rata tal-iżball residwu ta' 0.7 % għan-nefqa tagħha taħt Orizzont 2020 (li kienet tirrappreżenta madwar 21 % tal-pagamenti totali tagħha fl-2024)¹¹. Għadu ma hemm l-ebda riżultat tal-awditjar *ex post* disponibbli għan-nefqa taħt Orizzont Ewropa (madwar 40 % tal-pagamenti kollha tal-2024).

Osservazzjonijiet dwar is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll

3.2.21. Għat-tieni sena konsekuttiva, l-awditur estern tas-SESAR 3 sab dikjarazzjoni skorretta materjali fil-kontijiet annwali proviżorji u ħareġ opinjoni avversa. Dan jindika nuqqasijiet fil-proċedura tal-JU għat-tfassil tal-kontijiet annwali tagħha u għall-verifikazzjoni tal-preċiżjoni tal-kalkoli u l-affidabbiltà tad-*data* ta' bażi. Id-dikjarazzjoni skorretta materjali ġiet ikkoreġuta fil-kontijiet annwali finali.

Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

3.2.22. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjoni li ttieħdet mis-SESAR 3 b'rispons għall-osservazzjonijiet tagħna fis-snin preċedenti tingħata fl-[Anness](#).

¹¹ Ir-Rapport tal-Attività Annwali Konsolidat 2024 tas-SESAR 3 JU, il-Kapitolu 4.1.1.2.3.

L-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR 3)

Anness — Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

Numru	Sena tal-osservazzjoni tal-QEA	Osservazzjoni tal-QEA (sommarju)	Azzjoni korrettiva u żviluppi rilevanti oħra (sommarju)	Status tal-osservazzjoni tal-QEA
1	2023	Rata baxxa ta' implimentazzjoni għall-baġit għall-pagamenti amministrattivi (it-Titolu 2).	Is-sitwazzjoni ppersistiet fl-2024 (ara l-paragrafi 3.2.15 sa 3.2.18).	Miftuħa
2	2023	Pjan għall-kontinwità tal-operat (BCP) u pjan ta' rkupru minn diżastri (DRP) – it-tnejn skaduti.	Iż-żewġ pjanijiet ġew aġġornati u ttestjati fl-2024.	Magħluqa
3	2023	L-ebda politika ta' kontroll intern għal funzjonijiet sensittivi.	Is-SESAR 3 introduċiet politika ta' kontroll intern għal funzjonijiet sensittivi fi Frar 2024.	Magħluqa

L-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR 3)

Risposti tas-SESAR 3

https://www.eca.europa.eu/Lists/ECARepplies/SESAR_3-Replies-SAR-JUS-2024/SESAR_3-Replies-SAR-JUS-2024_MT.pdf

3.3. L-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa (CA JU)

Introduzzjoni

3.3.1. Il-JU Avjazzjoni Nadifa (CA JU), li tinsab fi Brussell, ġiet stabbilita f'Novembru 2021 taħt il-programm Orizzont Ewropa għall-perjodu li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2031¹². Is-CA JU ssostitwiet l-Impriża Konġunta għall-implimentazzjoni tal-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta fl-Ajrunawtika (Clean Sky 1), li ġiet stabbilita f'Diċembru 2007 fil-qafas tas-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka (FP7) għal perjodu ta' 10 snin¹³ u ġiet estiża f'Mejju 2014 taħt il-programm Orizzont 2020¹⁴.

3.3.2. Is-CA JU hija sħubija pubblika-privata b'fokus fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni biex l-avjazzjoni tittrasforma billi taħdem lejn futur sostenibbli u newtrali għall-klima. Il-membri tagħha huma l-UE, irrappreżentata mill-Kummissjoni (id-DĠ RTD) u organizzazzjonijiet mis-settur tal-avjazzjoni¹⁵. Is-CA JU tagħżel ukoll membri assoċjati magħżula permezz ta' sejħiet għal espressjonijiet ta' interess.

¹² Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta fil-qafas ta' Orizzont Ewropa.

¹³ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 71/2007.


¹⁴ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 558/2014.

¹⁵ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085.

3.3.3. Il-Figura 3.3.1 tippreżenta ċ-ċifri ewlenin għall-JU.

Figura 3.3.1 — Iċ-ċifri ewlenin għas-CA JU

Baġit tal-UE (miljun EUR)*



Persunal (impjegat fil-31 ta' Diċembru)**



* Il-baġit disponibbli jinkludi l-appropriazzjonijiet mhux użati fi snin preċedenti, li l-JU riallokata għall-baġit tas-sena attwali, kif ukoll id-dħul assenjat u r-riallokazzjonijiet għas-sena ta' wara.

** "Persunal" jinkludi persunal temporanju u persunal bil-kuntratt.

Sors: data pprovduta mill-JU.

3.3.4. Il-baġit imnaqqas tal-2024 għall-impenji u għall-pagamenti jirrifletti t-tnaqqis sinifikanti fil-valur bejn is-sejħa għal proposti tal-2022 u dik tal-2023 għall-proġetti taħt Orizzont Ewropa, kif ukoll dewmien fl-implimentazzjoni tal-proġetti mis-sejħa tal-2022.

Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħna lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill — rapport tal-awditur indipendenti

Opinjoni

3.3.5. L-approċċ tal-awditjar tagħna, il-bażi għall-opinjoni tagħna, ir-responsabbiltajiet tal-maniġment tal-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa (CA JU) u ta' dawk inkarigati mill-governanza tagħha, u r-responsabbiltajiet tal-awditur għall-awditu tal-kontijiet u tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, huma kollha deskritti fit-Taqsima 3.1. Il-firma fil-paġna 160 tiffirma parti integrali mill-opinjoni.

3.3.6. Aħna awditajna:

- (a) il-kontijiet tas-CA JU, li jinkludu r-rapporti finanzjarji u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024, u
- (b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet, kif meħtieġ mill-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Affidabbiltà tal-kontijiet

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

3.3.7. Fl-opinjoni tagħna, il-kontijiet tas-CA JU għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2024, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha, u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-regolament finanzjarju tiegħu u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni. Dawn huma bbażati fuq standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment.

Osservazzjonijiet

3.3.8. Niġbdu l-attenzjoni għan-Nota 4.12 tal-kontijiet annwali għall-2024, li tiddekrivi s-sitwazzjoni attwali tal-migrazzjoni tas-CA JU lejn sistema baġitarja, kontabilistika u finanzjarja ġdida (SUMMA) bħala proġett pilota għall-iżvilupp u l-ittestjar, imwettqa mill-Kummissjoni Ewropea, ta' din is-sistema. Xi funzjonijiet fis-SUMMA għadhom qed jiġu żviluppati u jirrikjedu pproċessar manwali u verifiki tal-affidabbiltà biex id-*data* tkun korretta żgur. L-opinjoni tagħna fir-rigward ta' din il-kwistjoni mhijiex kwalifikata.

Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

Dħul

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet

3.3.9. Fl-opinjoni tagħna, id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet tas-CA JU għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

L-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa (CA JU)

Pagamenti

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

3.3.10. Fl-opinjoni tagħna, il-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tas-CA JU għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

3.3.11. L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tagħna.

Osservazzjonijiet dwar il-ġestjoni baġitarja

Is-CA JU għalqet il-finanzjament taħt Orizzont 2020 fl-2024, u l-membri kollha laħqu jew qabżu l-miri tal-kontribuzzjonijiet tagħhom

3.3.12. It-**Tabella 3.3.1** tippreżenta ħarsa ġenerali li tqabbel il-miri tal-kontribuzzjonijiet tal-membri tas-CA JU għal Orizzont 2020 mal-kontribuzzjonijiet reali tagħhom (fi flus kontanti u *in natura*) kif irrappurtati fil-kontijiet annwali tal-JU fi tmiem l-2024.

Tabella 3.3.1 — Kontribuzzjonijiet tal-membri għal Orizzont 2020 (f' miljun EUR)

Membri	Kontribuzzjonijiet tal-membri (skont ir-Regolament Fundatur u d-deċiżjonijiet legali)				Kontribuzzjonijiet tal-membri (fil-31.12.2024)					
	Attivitajiet operazzjonali	Kostijiet amministrattivi	Attivitajiet addizzjonali ⁽¹⁾	Total	Fi flus kontanti	In natura vvalidati	In natura, irrappurtati iżda mhux ivvalidati	In natura, għall-attivitajiet addizzjonali	Total	% ta' lħuq
UE (DG RTD)	1 716.0	39.0	M/A	1 755.0	1 748.1	M/A	M/A	M/A	1 748.1	100 %
Membri privati	1 189.6	39.0	965.3	2 193.8	30.8	1 067.0	0.0	1 344.6	2 442.4	111 %
Total	2 905.6	78.0	965.3	3 948.8	1 778.9	1 067.0	0.0	1 344.6	4 190.5	106 %

(1) L-attivitajiet addizzjonali jaqgħu barra mill-ambitu tal-awditjar tal-QEA.

Sors: il-QEA, abbażi ta' *data* pprovduta mill-JU u abbażi tar-regolament fundatur tal-istess JU.

3.3.13. Fl-2024, is-CA JU lestiet l-implimentazzjoni ta' Orizzont 2020. Fi tmiem is-sena, il-kontribuzzjonijiet irrappurtati mingħand il-membri privati kienu 11 % ogħla mill-mira.

L-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa (CA JU)

Il-kontribuzzjonijiet tal-membri privati għal Orizzont Ewropa ġew iġġenerati prinċipalment permezz ta' attivitajiet li kienu barra mill-programm ta' riċerka tas-CA JU

3.3.14. *It-Tabella 3.3.2* tippreżenta ħarsa ġenerali li tqabbel il-miri tal-kontribuzzjonijiet tal-membri tas-CA JU għal Orizzont Ewropa mal-kontribuzzjonijiet reali tagħhom (fi flus kontanti u *in natura*) kif irrappurtati fil-kontijiet annwali tal-JU fi tmiem l-2024.

Tabella 3.3.2 — Kontribuzzjonijiet tal-membri għal Orizzont Ewropa (f' miljun EUR)

Membri	Kontribuzzjonijiet tal-membri (skont ir-Regolament Fundatur)			Kontribuzzjonijiet tal-membri (fil-31.12.2024)					
	Attivitajiet operazzjonali	Kostijiet amministrattivi	Total	Fi flus kontanti, ivvalidati	Fi flus kontanti, mhux ivvalidati	<i>In natura</i> ⁽¹⁾ vvalidati	<i>In natura</i> ⁽¹⁾ , irrappurtati iżda mhux ivvalidati	Total	% ta' l'huq
UE (DĠ RTD) ⁽²⁾	1 715.8	39.2	1 755.0	482.2	94.7	M/A	M/A	576.9	33 %
Membri privati	2 360.8	39.2	2 400.0	7.2	M/A	266.3	302.6	576.1	24 %
Total	4 076.6	78.4	4 155.0	489.4	94.7	266.3	302.6	1 153.0	28 %

(1) Tikkonsisti f'kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet operazzjonali (IKOP) u kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet addizzjonali (IKAA).

(2) Tinkludi kontribuzzjonijiet tar-Renju Unit ta' EUR 96 miljun u t-tnaqqis ta' nofs it-terminu ta' Orizzont Ewropa f'ammont ta' EUR 41 miljun.

Sors: il-QEA, abbażi ta' *data* pprovduta mill-JU u abbażi tar-regolament fundatur tal-istess JU.

3.3.15. Sa tmiem l-2024, l-UE u l-membri privati flimkien kienu laħqu madwar 28 % tal-mira tal-kontribuzzjonijiet totali tagħhom. L-UE kienet għamlet kontribuzzjonijiet totali fi flus kontanti f'ammont ta' EUR 576.9 miljun, filwaqt li l-membri privati rappurtaw kontribuzzjoni fi flus kontanti u kontribuzzjonijiet *in natura* f'ammont ta' madwar EUR 576.1 miljun. Minn dan l-ammont, skont il-kontijiet annwali, EUR 481.3 miljun (84 %) kienu jirrigwardaw l-attivitajiet addizzjonali tagħhom li kienu barra mill-programm ta' riċerka tas-CA JU.

Osservazzjonijiet dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet

3.3.16. Awditajna sitt tranżazzjonijiet relatati ma' Orizzont 2020 u Orizzont Ewropa (permezz ta' kampjuni li ttieħdu b'mod aleatorju mill-pagamenti *interim*/finali kollha u l-approvazzjonijiet kollha li l-JU għamlet fl-2024), fil-livell tal-benefiċjarji finali, biex nivalutaw l-effettività tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tas-CA JU fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tan-nefqa operazzjonali. Sibna żbalji b'impatt finanzjarju fl-iet tranżazzjonijiet relatati mal-pagamenti taħt Orizzont 2020. L-ewwel żball kien jikkonċerna kostijiet ineliġibbli għall-persunal minħabba l-kalkolu skorrett tar-rati ta' kull siegħa. It-tieni kien jikkonċerna kostijiet ineliġibbli għall-persunal estern sekondarjament mal-benefiċjarju. It-tielet kien jikkonċerna kostijiet ineliġibbli għall-persunal minħabba l-inklużjoni, fil-metodu għall-kalkolu tar-rati ta' kull siegħa, ta' kostijiet indiretti li diġà kienu koperti bir-rata fissa ta' 25 %.

L-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa (CA JU)

3.3.17. Abbażi tar-riżultati tal-awditjar *ex post* tas-Servizz tal-Awditjar Komuni (CAS) tal-Kummissjoni, madankollu, is-CA JU rappurtat rata ta' żball rappreżentattiva ta' 1.6 % biss u rata tal-iżball residwu ta' 0.1 % għan-nefqa tagħha taħt Orizzont 2020 (li kienet tirrappreżenta madwar 63 % tal-pagamenti totali tagħha fl-2024)¹⁶.

3.3.18. Fl-2024, is-CA JU ppilotat arranġament ta' rappurtar ġdid li taħtu l-JUs jeħtiġilhom jiddivulgaw rata ta' żball għan-nefqa tagħhom taħt Orizzont Ewropa. Għan-nefqa tagħha taħt Orizzont Ewropa fl-2024 (madwar 34 % tal-pagamenti kollha tal-2024), is-CA JU stmat ir-rata ta' żball f'livell ta' 1.3 %. Biex tagħmel dan, is-CA JU applikat gwida mogħtija mid-DĠ BUDG, fl-istruzzjonijiet tar-rapport annwali tal-attività, dwar il-kalkolu tar-rati tal-iżball maqbud u residwu, l-esponiment finanzjarju bħala ammont f'riskju, il-kriterji ta' materjalità għar-riżervi, u l-impatt fuq id-dikjarazzjoni tad-Direttur Eżekuttiv. Għall-istima li għamlet, is-CA JU kienet qed tuża *data* tas-CAS dwar ir-rata ta' żball l-aktar reċenti tal-benefiċjarji tagħha.

Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

3.3.19. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjoni li ttieħdet mis-CA b'rispons għall-osservazzjonijiet tagħna fis-snin preċedenti tingħata fl-[Anness](#).

¹⁶ Ir-Rapport Annwali tal-Attività Konsolidat 2024 tas-CA JU; il-Kapitolu 4.1.1.

Anness — Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

Numru	Sena tal-osservazzjoni tal-QEA	Osservazzjoni tal-QEA (sommarju)	Azzjoni korrettiva u żviluppi rilevanti oħra (sommarju)	Status tal-osservazzjoni tal-QEA
1	2020	Għadd sinifikanti ta' membri tal-persunal <i>interim</i>	Is-CA JU naqqset bil-bosta l-għadd ta' membri tal-persunal <i>interim</i> minn 12 fi tmiem l-2023 għal 7 fi tmiem l-2024.	Magħluqa
2	2022, 2023	Rata baxxa ta' implimentazzjoni għall-approprijazzjonijiet ta' pagament operazzjonali b'rabta ma' Orizzont 2020.	Ir-rata ta' implimentazzjoni għall-attivitajiet taħt Orizzont 2020 żdiedet sa 93 % fi tmiem l-2024, u b'hekk is-CA JU setgħet tagħlaq il-proġetti tagħha taħt Orizzont 2020.	Magħluqa
3	2022, 2023	Rata baxxa ta' implimentazzjoni għall-baġit għall-pagamenti tal-infrastruttura u dawk operatorji (it-Titolu 2).	Ir-rata ta' implimentazzjoni fl-2024 għall-pagamenti tal-infrastruttura u dawk operatorji (it-Titolu 2) kienet ta' 67 % (2023: 60 %).	Miftuħa
4	2023	Rata baxxa ta' implimentazzjoni għall-baġit għall-pagamenti taħt Orizzont Ewropa.	Ir-rata ta' implimentazzjoni fl-2024 għall-pagamenti taħt Orizzont Ewropa kienet ta' 52 % meta titqies ir-riallokazzjoni għas-sena 2025 (2023: 53 %).	Miftuħa
5	2023	Akkumulazzjoni ta' surplus ta' flus kontanti.	Is-CA JU naqqset bil-bosta s-surplus ta' flus kontanti akkumulat tagħha minn EUR 237 miljun fi tmiem l-2023 għal EUR 105 miljun fi tmiem l-2024 (tnaqqis ta' 56 %). Is-surplus li jifdal huwa meħtieġ biex ikopri l-pagamenti għall-ewwel 4 xhur tal-2025.	Magħluqa

L-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa (CA JU)

Numru	Sena tal-osservazzjoni tal-QEA	Osservazzjoni tal-QEA (sommarju)	Azzjoni korrettiva u żviluppi rilevanti oħra (sommarju)	Status tal-osservazzjoni tal-QEA
6	2023	Pjan għall-kontinwità tal-operat (BCP) u pjan ta' rkupru minn diżastri (DRP) – it-tnejn skaduti.	BCP u DRP komuni u aġġornati ġew approvati fl-2024. L-ittestjar taż-żewġ pjanijiet huwa parti mill-programm ta' ħidma komuni tal-IT għall-2025.	Miftuħa

L-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa (CA JU)

Risposti tas-CA

https://www.eca.europa.eu/Lists/ECARepplies/CA-Replies-SAR-JUS-2024/CA-Replies-SAR-JUS-2024_MT.pdf

3.4. L-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva (IHI)

Introduzzjoni

3.4.1. Il-JU Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva (IHI), li tinsab fi Brussell, ġiet stabbilita f'Novembru 2021 taħt il-programm Orizzont Ewropa għall-perjodu li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2031¹⁷. L-IHI ssostitwiet il-JU għall-Inizjattiva dwar Mediċini Innovattivi (IMI), li ġiet stabbilita f'Diċembru 2007 taħt is-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka (FP7) għal perjodu ta' 10 snin¹⁸ u ġiet estiża f'Mejju 2014, bħala l-IMI 2, taħt il-programm Orizzont 2020¹⁹.

3.4.2. L-IHI hija sħubija pubblika-privata li tiffoka fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni fil-qasam tas-saħħa li jkunu sostenibbli, interdixiplinari, u ċċentrati fuq il-pazjent. Il-membri tagħha huma l-UE, irrappreżentata mill-Kummissjoni (id-DĠ RTD), u l-assoċjazzjonijiet tal-industrija Ewropea.


3.4.3. Il-*Figura 3.4.1* tippreżenta ċ-ċifri ewlenin għall-JU.

¹⁷ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa.

¹⁸ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2008.

¹⁹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 557/2014.

Figura 3.4.1 — Iċ-ċifri ewlenin għall-IHI

Baġit tal-UE (miljun EUR)***Persunal (impjegat fil-31 ta' Diċembru)****

* Il-baġit disponibbli jinkludi l-appropriazzjonijiet mhux użati fi snin preċedenti, li l-JU riallokta għall-baġit tas-sena attwali, kif ukoll id-dħul assenjat u r-riallokazzjonijiet għas-sena ta' wara.

** "Persunal" jinkludi persunal temporanju u persunal bil-kuntratt.

Sors: data pprovduta mill-JU.

3.4.4. Iż-żieda fil-baġit tal-impenji għall-2024 tirrifletti l-fatt li volum sinifikanti ta' appropriazzjonijiet ta' impenn tal-2023 mhux użati ġie riallokta għall-baġit operazzjonali tal-2024 (ara l-paragrafi 3.4.18 sa 3.4.19).

Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħna lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill — rapport tal-awditur indipendenti

Opinjoni

3.4.5. L-approċċ tal-awditjar tagħna, il-bażi għall-opinjoni tagħna, ir-responsabbiltajiet tal-maniġment tal-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva (IHI) u ta' dawk inkarigati mill-governanza tagħna, kif ukoll ir-responsabbiltajiet tal-awditur għall-awditu tal-kontijiet u tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, huma kollha deskritti fit-Taqsima 3.1. Il-firma fil-paġna 160 tiffirma parti integrali mill-opinjoni.

3.4.6. Aħna awditajna:

- (a) il-kontijiet tal-IHI, li jinkludu r-rapporti finanzjarji u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024, u
- (b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet,

kif meħtieġ mill-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Affidabbiltà tal-kontijiet

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

3.4.7. Fl-opinjoni tagħna, il-kontijiet tal-IHI għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2024, ir-risultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha, u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-regolament finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni. Dawn huma bbażati fuq standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment.

Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

Dħul

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet

3.4.8. Fl-opinjoni tagħna, id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet tal-IHI għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Pagamenti

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

3.4.9. Fl-opinjoni tagħna, il-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-IHI għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

3.4.10. L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tagħna.

Osservazzjonijiet dwar il-ġestjoni baġitarja

L-IHI lestiet il-programm FP7 fl-2024, meta l-membri kienu laħqu 90 % tal-miri tal-kontribuzzjonijiet tagħhom

3.4.11. *It-Tabella 3.4.1* tippreżenta ħarsa ġenerali li tqabbel il-miri tal-kontribuzzjonijiet tal-membri tal-IHI għall-FP7 mal-kontribuzzjonijiet reali tagħhom (fi flus kontanti u *in natura*) kif irrappurtati fil-kontijiet annwali tal-JU fi tmiem l-2024.

Tabella 3.4.1 — Kontribuzzjonijiet tal-membri għall-FP7 (f'miljun EUR)

Membri	Kontribuzzjonijiet tal-membri (skont ir-Regolament Fundatur)				Kontribuzzjonijiet tal-membri (fil-31.12.2024)					
	Attivitajiet operazzjonali	Kostijiet amministrattivi	Attivitajiet addizzjonali ⁽¹⁾	Total	Fi flus kontanti	In natura vvalidati	In natura, irrappurtati iżda mhux ivalidati	In natura, għall-attivitajiet addizzjonali	Total	Kisba %
UE (DG RTD)	966.0	34.0	M/A	1 000.0	938.4	M/A	M/A	M/A	938.4	94 %
Membri privati	966.0	34.0	M/A	1 000.0	21.9	836.5	0.2	M/A	858.6	86 %
Total	1 932.0	68.0	M/A	2 000.0	960.3	836.5	0.2	M/A	1 797.0	90 %

(1) L-attivitajiet addizzjonali jaqgħu barra mill-ambitu tal-awditjar tal-QEA.

Sors: il-QEA, abbażi ta' *data* pprovduta mill-JU u abbażi tar-regolament fundatur tal-istess JU.

3.4.12. Fl-2024, l-IHI lestiet l-implimentazzjoni tal-programm FP7. B'mod ġenerali, il-membri pprovdew 90 % tal-miri tal-kontribuzzjonijiet tagħhom.

Il-membri laħqu 81 % tal-miri tal-kontribuzzjonijiet tagħhom għal Orizzont 2020 sa tmiem l-2024

3.4.13. *It-Tabella 3.4.2* tippreżenta ħarsa ġenerali li tqabbel il-miri tal-kontribuzzjonijiet tal-membri tal-IHI għal Orizzont 2020 mal-kontribuzzjonijiet reali tagħhom (fi flus kontanti u *in natura*) kif irrappurtati fil-kontijiet annwali tal-JU fi tmiem l-2024.

Tabella 3.4.2 — Kontribuzzjonijiet tal-membri għal Orizzont 2020 (f'miljun EUR)

Membri	Kontribuzzjonijiet tal-membri (skont ir-Regolament Fundatur)				Kontribuzzjonijiet tal-membri (fil-31.12.2024)					
	Attivitajiet operazzjonali	Kostijiet amministrattivi	Attivitajiet addizzjonali ⁽¹⁾	Total	Fi flus kontanti	In natura vvalidati	In natura, irrappurtati iżda mhux ivalidati	In natura, għall-attivitajiet addizzjonali	Total	% ta' l'huq
UE (DG RTD)	1 595.4	42.6	M/A	1 638.0	1 211.7	M/A	M/A	M/A	1 211.7	74 %
EFPIA u sħab assoċjati	1 595.4	42.6	M/A	1 638.0	41.1	1 241.5	145.5	M/A	1 428.1	87 %
Total	3 190.8	85.2	M/A	3 276.0	1 252.8	1 241.5	145.5	M/A	2 639.8	81 %

(1) L-attivitajiet addizzjonali jaqgħu barra mill-ambitu tal-awditjar tal-QEA.

Sors: il-QEA, abbażi ta' *data* pprovduta mill-JU u abbażi tar-regolament fundatur tal-istess JU.

L-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva (IHI)

3.4.14. Sa tmiem l-2024, l-UE kienet għamlet kontribuzzjonijiet fi flus kontanti li b'kollox ammontaw għal EUR 1 211.7-il miljun (74 % tal-mira). Fl-istess żmien, il-membri privati rrappurtaw kontribuzzjonijiet fi flus kontanti u kontribuzzjonijiet *in natura* f'ammont ta' madwar EUR 1 428.1 miljun (87 % tal-mira). Ir-rata ta' kontribuzzjoni aggregata kienet 81 % fi tmiem l-2024.

3.4.15. Skont il-kontijiet annwali, sa tmiem is-sena l-UE kienet impenjat EUR 1 452 miljun legalment biex tikkofinanzja proġetti taħt Orizzont 2020 (91 % tal-mira għall-attivitajiet operazzjonali). Barra minn hekk, il-membri privati kienu impenjaw EUR 1 510 miljun (95 % tal-mira għall-attivitajiet operazzjonali) legalment fil-għamla ta' kontribuzzjonijiet *in natura*.

Il-bidu kajman tal-programm Orizzont Ewropa laqat il-kisbiet reali tal-kontribuzzjonijiet

3.4.16. *It-Tabella 3.4.3* tippreżenta ħarsa ġenerali li tqabbel il-miri tal-kontribuzzjonijiet tal-membri tal-IHI għal Orizzont Ewropa mal-kontribuzzjonijiet reali tagħhom (fi flus kontanti u *in natura*) kif irrappurtati fil-kontijiet annwali tal-JU fi tmiem l-2024.

Tabella 3.4.3 — Kontribuzzjonijiet tal-membri għal Orizzont Ewropa (f'miljun EUR)

Membri	Kontribuzzjonijiet tal-membri (skont ir-Regolament Fundatur)			Kontribuzzjonijiet tal-membri (fil-31.12.2024)					
	Attivitajiet operazzjonali	Kostijiet amministrattivi	Total	Fi flus kontanti, ivalidati	Fi flus kontanti, mhux ivalidati	<i>In natura</i> ⁽¹⁾ vvalidati	<i>In natura</i> ⁽¹⁾ , irrappurtati iżda mhux ivalidati	Total	% ta' lħuq
UE (DG RTD) ⁽²⁾	1 169.8	30.2	1 200.0	155.6	11.4	M/A	M/A	167.0	14 %
Membri privati u sħab kontribwenti	1 169.8	30.2	1 200.0	4.1	M/A	7.0	51.9	63.0	5 %
Total	2 339.6	60.4	2 400.0	159.7	11.4	7.0	51.9	230.0	10 %

(1) Tikkonsisti f'kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet operazzjonali (IKOP) u kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet addizzjonali (IKAA). Fil-livell tal-JU, l-IKAA ma għandhomx jaqbuż l-40 % tal-kontribuzzjonijiet *in natura* totali tal-membri privati.

Sors: il-QEA, abbażi ta' data pprovduta mill-JU u abbażi tar-regolament fundatur tal-istess JU.

3.4.17. Sa tmiem l-2024, fit-tielet sena ta' Orizzont Ewropa, l-UE u l-membri privati flimkien kienu laħqu madwar 10 % tal-mira tal-kontribuzzjonijiet totali tagħhom. Dan jirrifletti l-bidu kajman tal-implimentazzjoni tal-programm. Skont il-kontijiet annwali tal-JU, il-membri privati prinċipalment jipprovdu kontribuzzjonijiet għal proġetti ffinanzjati mill-IHI. Peress li dawn il-proġetti jirriżultaw minn proċeduri kompetittivi ta' evalwazzjoni ta' sejħiet, inqisu li kontribuzzjonijiet bħal dawn huma effettivi biex l-oġettivi tal-programm tal-JU jintlaħqu.

3.4.18. Sa tmiem l-2024, l-IHI kienet użat biss EUR 168 miljun (65 %) tal-EUR 260 miljun li kienu disponibbli f'approprjazzjonijiet ta' impenn tal-2024 għal Orizzont Ewropa (2023: 93 %).

3.4.19. Il-JU spjegat li bidliet fir-regoli ta' Orizzont Ewropa, akkoppjati ma' għadd akbar ta' sejħiet bi stadju waħdieni, kienu fissru li inqas proposti ta' kwalità għolja ġew ippreżentati taħt l-ewwel tliet sejħiet li nħarġu fl-2022. B'riżultat ta' dan, volum sinifikanti ta' approprjazzjonijiet ta' impenn tal-2023 li ma ntużawx (xi EUR 72 miljun) ġie riallokati għall-baġit operazzjonali tal-2024. Fl-2024, l-użu ta' dawn l-appropriazzjonijiet riallokati ddewwem minħabba l-ftehim ta' assoċjazzjoni fl-2024 rigward Orizzont Ewropa, li skontu r-Renju Unit kien ineliġibbli għal finanzjament taħt Orizzont Ewropa għall-perjodu mill-2021 sal-2023.

Osservazzjonijiet dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet

3.4.20. Awditajna erba' tranżazzjonijiet relatati ma' Orizzont 2020 u Orizzont Ewropa (permezz ta' kampjuni li ttieħdu b'mod aleatorju mill-pagamenti *interim*/finali kollha u l-approvazzjonijiet kollha li l-JU għamlet fl-2024), fil-livell tal-benefiċjarji finali, biex nivvalutaw l-effettività tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-IHI fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tan-nefqa operazzjonali. Sibna żball wieħed b'impatt finanzjarju, li rriżulta parzjalment minn kostijiet ineliġibbli għall-persunal (minħabba l-kalkolu skorrett tar-rati fis-sieġha u l-inklużjoni mhux xierqa ta' kostijiet ta' sottokuntrattar) u parzjalment mill-użu ta' rati tal-kambju skorretti.

3.4.21. L-IHI wettqet l-awditi *ex post* tagħha stess rigward in-nefqa taħt l-FP7 sa tmiem l-2023. Fl-2024, hija rappurtat rata ta' żball rappreżentattiva finali għan-nefqa taħt l-FP7 f'livell ta' 2.1 % u rata tal-iżball residwu ta' 0.8 %. Awditi *ex post* ta' Orizzont 2020 u ta' Orizzont Ewropa jitwettqu mis-Servizz tal-Awditjar Komuni tal-Kummissjoni. Abbażi tar-riżultati tal-awditjar, il-JU rappurtat rata ta' żball rappreżentattiva ta' 3.5 % u rata tal-iżball residwu ta' 0.8 % għan-nefqa taħt Orizzont 2020 (li kienet tirrappreżenta madwar 92 % tal-pagamenti totali tagħha fl-2024)²⁰. Għadu ma hemm l-ebda riżultat tal-awditjar *ex post* disponibbli għan-nefqa taħt Orizzont Ewropa (madwar 8 % tal-pagamenti kollha tal-2024).

Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

3.4.22. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjoni li ttieħdet mill-IHI b'rispons għall-osservazzjonijiet tagħna fis-snin preċedenti tingħata fl-[Annex](#).

²⁰ Ir-Rapport tal-Attività Annwali Konsolidat 2024 tal-IHI JU, il-Kapitolu 4.1.

Anness — Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

Numru	Sena tal-osservazzjoni tal-QEA	Osservazzjoni tal-QEA (sommarju)	Azzjoni korrettiva u żviluppi rilevanti oħra (sommarju)	Status tal-osservazzjoni tal-QEA
1	2023	Rati baxxi ta' implimentazzjoni għall-baġit amministrattiv għan-nefqa fuq l-infrastruttura (it-Titolu 2)	Fi tmiem l-2024 ir-rati ta' implimentazzjoni għall-approprijazzjonijiet ta' impenn u dawk ta' pagament, rispettivament, mill-baġit għan-nefqa infrastrutturali u operatorja (it-Titolu 2) żdiedu għal 91 % u 81 % (2023: 69 % u 67 %).	Magħluqa
2	2023	Dgħufijiet fit-tfassil li jolqtu l-stadju tal-offerti u dak tal-evalwazzjoni fi proċedura ta' akkwist.	Fl-2024, il-JU użat kuntratt qafas interistituzzjonali għal servizzi simili u saħħet il-kontrolli interni tagħha.	Magħluqa
3	2023	Pjan għall-kontinwità tal-operat (BCP) u pjan ta' rkupru minn diżastri (DRP) – it-tnejn skaduti.	BCP u DRP komuni u aġġornati ġew approvati fl-2024. L-ittestjar taż-żewġ pjanijiet huwa parti mill-programm ta' ħidma komuni tal-IT għall-2025.	Miftuħa

L-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva (IHI)

Risposti tal-IHI

https://www.eca.europa.eu/Lists/ECARepplies/IHI-Replies-SAR-JUS-2024/IHI-Replies-SAR-JUS-2024_MT.pdf

3.5. L-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif (Clean H2)

Introduzzjoni

3.5.1. Il-JU [Idroġenu Nadif](#) (Clean H2), li tinsab fi Brussell, ġiet stabbilita f'Novembru 2021 taħt il-programm Orizzont Ewropa għall-perjodu li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2031²¹. Il-Clean H2 issostitwiet l-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu (FCH 1), li ġiet stabbilita f'Mejju 2008 taħt is-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka (FP7) għall-perjodu sal-31 December 2017²² u ġiet estiża f'Mejju 2014, bħala l-FCH 2 taħt Orizzont 2020²³. Għall-perjodu mill-2023 sal-2025, il-Clean H2 hija mistennija li tirċievi EUR 200 miljun mingħand ir-REPowerEU biex jiġdied l-għadd ta' "widien tal-idroġenu" (ekosistemi lokali integrati mill-produzzjoni sal-użu finali) koperti minn Orizzont Ewropa.

3.5.2. Il-Clean H2 hija sħubija pubblika-privata fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni li tirrigwarda t-teknoloġija tal-idroġenu u ċ-ċelloli tal-fjuwil. Il-membri tagħha huma l-UE, irrappreżentata mill-Kummissjoni (id-DĠ RTD), l-assoċjazzjoni tal-industrija Hydrogen Europe, u l-assoċjazzjoni tar-riċerka Hydrogen Europe Research.

3.5.3. Il-[Figura 3.5.1](#) tippreżenta ċ-ċifri ewlenin għall-JU.

²¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa.


²² Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 521/2008.

²³ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 559/2014.

L-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif (Clean H2)

Figura 3.5.1 — Iċ-ċifri ewlenin għall-Clean H2

Baġit tal-UE (miljun EUR)*



Persunal (impjegat fil-31 ta' Diċembru)**



* Il-baġit disponibbli jinkludi l-appropriazzjonijiet mhux użati fi snin preċedenti, li l-JU riallokata għall-baġit tas-sena attwali, kif ukoll id-dħul assenjat u r-riallokazzjonijiet għas-sena ta' wara.

** Il-"persunal" jinkludi persunal temporanju, persunal bil-kuntratt, u esperti nazzjonali sekondati.

Sors: data pprovduta mill-JU.

3.5.4. It-tnaqqis fil-baġit għall-pagamenti għall-2024 (inklużi EUR 23 miljun f'finanzjament taħt REPowerEU) jirrifletti l-fatt li l-JU nediet biss sejħa waħda għal proposti taħt Orizzont Ewropa fl-2023 (meta mqabbla ma' żewġ sejħiet fl-2022). It-tnaqqis fil-baġit għall-impenji huwa riżultat tal-volum iżgħar tas-sejħa għal proposti tal-2024.

Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħna lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill — rapport tal-awditur indipendenti

Opinjoni

3.5.5. L-approċċ tal-awditjar tagħna, il-bażi għall-opinjoni tagħna, ir-responsabbiltajiet tal-maniġment tal-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif (Clean H2) u ta' daww inkarigati mill-governanza tagħha, u r-responsabbiltajiet tal-awditur għall-awditu tal-kontijiet u tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, huma kollha deskritti fit-Taqsima 3.1. Il-firma fil-paġna 160 tiffirma parti integrali mill-opinjoni.

3.5.6. Aħna awditajna:

- (a) il-kontijiet tal-Clean H2, li jinkludu r-rapporti finanzjarji u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024, u

L-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif (Clean H2)

(b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet, kif meħtieġ mill-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Affidabbiltà tal-kontijiet

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

3.5.7. Fl-opinjoni tagħna, il-kontijiet tal-Clean H2 għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2024, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha, u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-regolament finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni. Dawn huma bbażati fuq standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment.

Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

Dħul

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet

3.5.8. Fl-opinjoni tagħna, id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet tal-Clean H2 għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Pagamenti

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

3.5.9. Fl-opinjoni tagħna, il-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-Clean H2 għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

3.5.10. L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tagħna.

Osservazzjonijiet dwar il-ġestjoni baġitarja

Il-kontribuzzjonijiet tal-membri privati qabżu l-mira tal-programm Orizzont 2020 prinċipalment permezz ta’ attivitajiet addizzjonali

3.5.11. It-*Tabella 3.5.1* tippreżenta ħarsa ġenerali li tqabbel il-miri tal-kontribuzzjonijiet tal-membri tal-Clean H2 għal Orizzont 2020 mal-kontribuzzjonijiet reali tagħhom (fi flus kontanti u *in natura*) kif irrappurtati fil-kontijiet annwali tal-JU fi tmiem l-2024.

Tabella 3.5.1 — Kontribuzzjonijiet tal-membri għal Orizzont 2020 (f’miljun EUR)

Membri	Kontribuzzjonijiet tal-membri (skont ir-Regolament Fundatur u d-deċiżjonijiet legali)				Kontribuzzjonijiet tal-membri (fil-31.12.2024)					
	Attivitajiet operazzjonali	Kostijiet amministrattivi	Attivitajiet addizzjonali ⁽¹⁾	Total	Fi flus kontanti	In natura vvalidati	In natura , irrappurtati iżda mhux ivvalidati	In natura , għall-attivitajiet addizzjonali	Total	% ta’ lħuq
UE (DĠ RTD)	646.0	19.0	M/A	665.0	654.9	M/A	M/A	M/A	654.9	98 %
Membri privati	76.0	19.0	285.0	380.0	18.2	79.7	48.5	1 039.1	1 185.5	312 %
Total	722.0	38.0	285.0	1 045.0	673.1	79.7	48.5	1 039.1	1 840.4	176 %

(1) L-attivitajiet addizzjonali jaqgħu barra mill-ambitu tal-awditjar tal-QEA.

Sors: il-QEA, abbażi ta’ *data* pprovduta mill-JU u abbażi tar-regolament fundatur tal-istess JU.

3.5.12. Filwaqt li l-membri privati pprovdew EUR 1 185 miljun f’kontribuzzjonijiet fi flus kontanti u f’kontribuzzjonijiet *in natura*, konsiderevolment aktar mill-mira minima, EUR 1 039.1 miljun (madwar 88 %) ta’ dak l-ammont kienu jikkonċernaw attivitajiet addizzjonali li ma kinux relatati direttament mal-proġetti ffinanzjati mill-CleanH2. Aħna nosservaw li kemm għall-IKAA kif ukoll għall-IKOP, il-JU jeħtiġilha tapplika regoli simili dwar iċ-ċertifikazzjoni, ir-rappurtar u l-validazzjoni tagħhom. Madankollu, peress li attivitajiet addizzjonali mhumix marbuta bl-istess regoli dwar l-evalwazzjoni u l-monitoraġġ bħall-attivitajiet, iffinanzjati mill-JUs, li jirriżultaw mis-sejħiet, inqis li jaf ikun hemm riskju li jkunu inqas effettivi f’termini ta’ lħuq tal-obiettivi tal-programm tal-JU.

Il-kontribuzzjonijiet tal-membri privati għal Orizzont Ewropa diġà qabżu l-mira minħabba kontribuzzjonijiet *in natura* li kienu relatati ma’ attivitajiet addizzjonali

3.5.13. It-*Tabella 3.5.2* tippreżenta ħarsa ġenerali li tqabbel il-miri tal-kontribuzzjonijiet tal-membri tal-Clean H2 għal Orizzont Ewropa mal-kontribuzzjonijiet reali tagħhom (fi flus kontanti u *in natura*) kif irrappurtati fil-kontijiet annwali tal-JU fi tmiem l-2024.

L-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif (Clean H2)

Tabella 3.5.2 — Kontribuzzjonijiet tal-membri għal Orizzont 2020 bl-inklużjoni tar-RePowerEU (f'miljun EUR)

Membri	Kontribuzzjonijiet tal-membri (skont ir-Regolament Fundatur)			Kontribuzzjonijiet tal-membri (fil-31.12.2024)					
	Attivitajiet operazzjonali	Kostijiet amministrattivi	Total	Fi flus kontanti, ivvalidati	Fi flus kontanti, mhux ivvalidati	In natura ⁽¹⁾ vvalidati	In natura ⁽¹⁾ , irrappurtati iżda mhux ivvalidati	Total	% ta' lħuq
UE (DĠ RTD) ⁽²⁾	1 184.8	30.2	1 215.0	369.1	60.5	M/A	M/A	429.6	35 %
Membri privati ⁽²⁾	984.8	30.2	1 015.0	0.0	M/A	1 438.0	719.9	2 157.9	213 %
Total	2 169.6	60.4	2 230.0	369.1	60.5	1 438.0	719.9	2 587.5	116 %

(1) Tikkonsisti f'kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet operazzjonali (IKOP) u kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet addizzjonali (IKAA).

(2) Tinkludi EUR 200 miljun mingħand ir-RePowerEU, kontribuzzjonijiet tar-Renju Unit ta' EUR 39 miljun u t-tnaqqis ta' nofs it-terminu ta' Orizzont Ewropa f'ammont ta' EUR 24 miljun.

Sors: il-QEA, abbażi ta' *data* pprovduta mill-JU u abbażi tar-regolament fundatur tal-istess JU.

3.5.14. Sa tmiem l-2024, it-tielet sena ta' Orizzont Ewropa, l-UE u l-membri privati flimkien kienu laħqu diġà madwar 116 % tal-mira tal-kontribuzzjonijiet totali tagħhom. Il-kontribuzzjonijiet fi flus kontanti u dawk *in natura* tal-membri privati, f'ammont ta' EUR 2 157.9 miljun, qabżu l-mira minima bil-kbir minħabba li — skont il-kontijiet annwali tal-JU — kważi dak l-ammont kollu kien jikkonċerna attivitajiet addizzjonali li ma kinux relatati direttament mal-proġetti ffinanzjati mill-CleanH2.

Dgħufijiet fl-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-baġit għan-nefqa amministrattiva

3.5.15. Kienu baxxi r-rati ta' implimentazzjoni għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament fil-baġit għan-nefqa tal-persunal tal-JU għall-2024 (it-Titolu 1), f'livell ta' 83 % u 73 % rispettivament (2023: 87 % u 86 %). Naqset ukoll ir-rata ta' implimentazzjoni għall-appropriazzjonijiet ta' pagament fil-baġit għall-infrastruttura u l-operat (it-Titolu 2), sa 58 % (2023: 61 %). B'riżultat ta' dan, il-volum ta' appropriazzjonijiet ta' pagament amministrattivi mhux użati li kellhom jiġu riallokati għall-baġit amministrattiv tas-sena ta' wara żdied minn EUR 1.8 miljun għal EUR 3 miljun, bejn wieħed u ieħor terz tal-baġit amministrattiv ippjanat totali (it-Titoli 1 u 2) għall-2025.

3.5.16. Rigward il-baġit għall-infrastruttura u l-operat (it-Titolu 2), il-Clean H2 ma użatx l-ewwel l-appropriazzjonijiet ta' pagament li ġew riportati mis-sena ta' qabel. Dan imur kontra l-Artikolu 6(5) tar-regoli finanzjarji tagħha.

3.5.17. Il-kontijiet annwali għall-2024 jattribwixxu prinċipalment iż-żieda fl-appropriazzjonijiet ta' pagament amministrattivi mhux użati għal dewmien fir-reklutaġġ (it-Titolu 1) u l-implimentazzjoni tard ta' kuntratti ta' rinnovazzjoni u ta' servizzi tekniċi (it-Titolu 2). Madankollu, dan jispjega parzjalment biss għalfejn in-nuqqas fl-implimentazzjoni kien

L-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif (Clean H2)

daqs EUR 3 miljun, li jaf ikun ukoll riżultat ta' problemi strutturali bl-ippjanar u/jew l-implimentazzjoni tal-baġit tal-JU.

Osservazzjonijiet dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet

3.5.18. Awditajna tliet tranżazzjonijiet relatati ma' Orizzont 2020 u Orizzont Ewropa (permezz ta' kampjuni li ttieħdu b'mod aleatorju mill-pagamenti *interim*/finali kollha u l-approvazzjonijiet kollha li l-JU għamlet fl-2024), fil-livell tal-benefiċjarji finali, biex nivvalutaw l-effettività tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-Clean H2 fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tan-nefqa operazzjonali. Sibna żball wieħed b'impatt finanzjarju li rriżulta minn kostijiet ineliġibbli għall-persunal (minħabba l-inklużjoni mhux xierqa ta' kostijiet ta' sottokuntrattar) u minn kostijiet ineliġibbli għat-tagħmir (minħabba l-kalkolu skorrett tad-deprezzament).

3.5.19. Abbażi tar-riżultati tal-awditjar *ex post* tas-Servizz tal-Awditjar Komuni tal-Kummissjoni, il-Clean H2 irrappurtat rata ta' żball rappreżentattiva ta' 2.8 % u rata tal-iżball residwu ta' 0.5 % għan-nefqa tagħha taħt Orizzont 2020 (li kienet tirrappreżenta madwar 53 % tal-pagamenti totali tagħha fl-2024)²⁴. Għadu ma hemm l-ebda riżultat tal-awditjar *ex post* disponibbli għan-nefqa taħt Orizzont Ewropa (madwar 40 % tal-pagamenti kollha tal-2024).

Osservazzjonijiet dwar kwistjonijiet oħra

3.5.20. Fl-2024, ħriġna rapport speċjali²⁵ li fih irrakkomandajna li l-Kummissjoni tqis mill-ġdid l-approċċ tal-UE għall-politika industrijali tagħha dwar l-idroġenu, filwaqt li tiegħu kont taċ-ċirkostanzi li qed jinbidlu. Il-Clean H2 kienet parti mill-awditu għal dak ir-rapport. Is-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS) tal-Kummissjoni wkoll wettaq awditu biex jivvaluta l-fasla u l-implimentazzjoni tal-proċessi stabbiliti mill-CleanH2 biex tidentifika, tisfrutta, timmonitorja u tirrapporta dwar sinerġiji fir-riċerka dwar l-idroġenu. Minħabba ż-żieda fl-għadd, id-daqs u l-komplessità tal-inizjattivi tal-UE u daww nazzjonali b'rabta mal-idroġenu, l-IAS irrakkomanda li l-CleanH2, taħt il-gwida tal-Bord ta' Tmexxija tiegħu, tistabbilixxi proċessi formali u gwida biex tottimizza l-identifikazzjoni u l-isfruttament ta' sinerġiji potenzjali fir-riċerka dwar l-idroġenu.

²⁴ Ir-Rapport Annwali tal-Attività Konsolidat 2024 tal-Clean H2 JU; il-Kapitolu 4.1.

²⁵ Ir-Rapport Speċjali 11/2024 tal-QEA: "Il-politika industrijali tal-UE dwar l-idroġenu rinnovabbli — Il-qafas legali ġie fil-biċċa l-kbira adottat — wasal iż-żmien li ssir verifika tar-realtà".

L-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif (Clean H2)

Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

3.5.21. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjoni li ttieġdet mill-Clean H2 b'rispons għall-osservazzjonijiet tagħna fis-snin preċedenti tingħata fl-[Anness](#).

Anness — Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

Numru	Sena tal-osservazzjoni tal-QEA	Osservazzjoni tal-QEA (sommarju)	Azzjoni korrettiva u żviluppi rilevanti oħra (sommarju)	Status tal-osservazzjoni tal-QEA
1	2022, 2023	Rata baxxa ta' implimentazzjoni għall-baġit għall-pagamenti taħt Orizzont 2020.	Ir-rata ta' implimentazzjoni għall-baġit għall-pagamenti taħt Orizzont 2020 żdiedet għal 72 % fl-2024 (2023: 69 %).	Magħluqa
2	2022, 2023	Rati baxxi ta' implimentazzjoni għall-baġits amministrattivi tal-impenji u tal-pagamenti għall-infrastruttura (it-Titolu 2).	Is-sitwazzjoni ppersistiet fl-2024, u kompliet tmur għall-aġġar fil-każ tal-pagamenti amministrattivi għall-infrastruttura (it-Titolu 2) u n-nefqa fuq is-salarji (it-Titolu 1) — ara l-paragrafi 3.5.15 u 3.5.16 .	Miftuħa
3	2023	Pjan għall-kontinwità tal-operat (BCP) u pjan ta' rkupru minn diżastri (DRP) – it-tnejn skaduti.	BCP u DRP komuni u aġġornati ġew approvati fl-2024. L-ittestjar taż-żewġ pjanijiet huwa parti mill-programm ta' ħidma komuni tal-IT għall-2025.	Miftuħa
4	2023	L-ebda politika ta' kontroll intern għal funzjonijiet sensitivi.	Il-Clean H2 introduċiet politika ta' kontroll intern għal funzjonijiet sensitivi fl-2024.	Magħluqa

L-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif (Clean H2)

Risposti tal-Clean H2

https://www.eca.europa.eu/Lists/ECARepplies/Clean_H2-Replies-SAR-JUS-2024/Clean_H2-Replies-SAR-JUS-2024_MT.pdf

3.6. L-Impriża Konġunta taċ-Ċipep

Introduzzjoni


3.6.1. Il-JU taċ-Ċipep, li tinsab fi Brussell, ġiet stabbilita f'Settembru 2023 taħt il-programmi Orizzont Ewropa u Ewropa Diġitali għall-perjodu li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2031, permezz ta' emenda għall-Att Bażiku Uniku²⁶. Issostitwiet il-JU Teknoloġiji Diġitali Ewlenin (KDT) li ġiet stabbilita f'Novembru 2021 taħt il-programm Orizzont Ewropa²⁷.

3.6.2. Il-JU taċ-Ċipep trawwem l-iżvilupp ta' teknoloġiji innovattivi tas-semikondutturi tal-ġenerazzjoni li jmiss u ssaħħaħ il-kapaċità Ewropea tal-produzzjoni taċ-ċipep taħt l-**Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa**. Il-membri tagħha huma l-UE, irrappreżentata mill-Kummissjoni (id-DĠ CNECT), l-Istati **parteċipanti** u tliet assoċjazzjonijiet industrijali.

3.6.3. Il-**Figura 3.6.1** tippreżenta ċ-ċifri ewlenin għall-JU.

Tabella 3.6.1 — Iċ-ċifri ewlenin għall-JU taċ-Ċipep

Baġit tal-UE (miljun EUR)*



Persunal (impjegat fil-31 ta' Diċembru)**



* Il-baġit disponibbli jinkludi l-approprijazzjonijiet mhux użati fi snin preċedenti, li l-JU riallokata għall-baġit tas-sena attwali, kif ukoll id-dħul assenjat u r-riallokazzjonijiet għas-sena ta' wara.

** "Persunal" jinkludi persunal temporanju u persunal bil-kuntratt.

Sors: data pprovduta mill-JU.

²⁶ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/1782 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2085 li jstabbilixxi l-Impriża Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa, fir-rigward tal-Impriża Konġunta taċ-Ċipep.

²⁷ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085.

L-Impriża Konġunta taċ-Ċipep

3.6.4. Iż-żieda fil-baġit tal-2024 tal-JU taċ-Ċipep għall-impenji u għall-pagamenti tirrifletti 14-il sejħa għal proposti taħt Orizzont Ewropa u Ewropa Diġitali li l-JU ħarġet fl-2024 u l-livell sinifikanti ta' approprjazzjonijiet ta' pagament mhux użati għall-proġetti taħt Orizzont Ewropa, li l-JU riallokata għall-baġit tal-2024 għall-pagamenti.

Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħna lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill — rapport tal-awditur indipendenti

Opinjoni

3.6.5. L-approċċ tal-awditjar tagħna, il-bażi għall-opinjoni tagħna, ir-responsabbiltajiet tal-maniġment tal-Impriża Konġunta taċ-Ċipep u ta' dawk inkarigati mill-governanza tagħha, kif ukoll ir-responsabbiltajiet tal-awditur għall-awditu tal-kontijiet u tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, huma kollha deskritti fit-Taqsima 3.1. Il-firma fil-paġna 160 tiffirma parti integrali mill-opinjoni.

3.6.6. Aħna awditjajna:

- (a) il-kontijiet tal-JU taċ-Ċipep, li jinkludu r-rapporti finanzjarji u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024, u
- (b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet, kif meħtieġ mill-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Affidabbiltà tal-kontijiet

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

3.6.7. Fl-opinjoni tagħna, il-kontijiet tal-JU taċ-Ċipep għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2024, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha, u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-regolament finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni. Dawn huma bbażati fuq standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment.

Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

Dħul

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuq huma bbażati l-kontijiet

3.6.8. Fl-opinjoni tagħna, id-dħul li fuq huma bbażati l-kontijiet tal-JU taċ-Ċipep għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Pagamenti

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

3.6.9. Fl-opinjoni tagħna, il-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-JU taċ-Ċipep għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

3.6.10. L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tagħna.

Osservazzjonijiet dwar il-ġestjoni baġitarja

Hekk kif Orizzont 2020 jidħol fl-istadju finali tiegħu, l-Istati parteċipanti mhux se jkunu jistgħu jilhqqu l-miri tal-kontribuzzjonijiet tagħhom

3.6.11. It-[Tabella 3.6.1](#) tippreżenta ħarsa ġenerali li tqabbel il-miri tal-kontribuzzjonijiet tal-membri tal-JU taċ-Ċipep għal Orizzont 2020 mal-kontribuzzjonijiet reali tagħhom (fi flus kontanti u *in natura*) kif irrappurtati fil-kontijiet annwali tal-JU fi tmiem l-2024.

L-Impriża Konġunta taċ-Ċipep

Tabella 3.6.1 — Kontribuzzjonijiet tal-membri għal Orizzont 2020 (f'miljun EUR)

Membri	Kontribuzzjonijiet tal-membri (skont ir-Regolament Fundatur)				Kontribuzzjonijiet tal-membri (fil-31.12.2024)					
	Attivitajiet operazzjonali	Kostijiet amministrattivi	Attivitajiet addizzjonali ⁽¹⁾	Total	Fi flus kontanti	In natura vvalidati	In natura, stmata iżda mhux ivvalidati	In natura, għall-attivitajiet addizzjonali	Total	% ta' l'huq
UE (DG CNCT)	1 169.7	15.3	M/A	1 185.0	1 173.0	M/A	M/A	M/A	1 173.0	99 %
Membri privati	1 617.5	40.0	M/A	1 657.5	25.6	721.6	973.9	M/A	1 721.1	104 %
Stati Parteċipanti	1 170.0	M/A	M/A	1 170.0	M/A	739.8	171.1	M/A	910.9	78 %
Total	3 957.2	55.3	M/A	4 012.5	1 198.6	1 461.4	1 145.0	M/A	3 805.0	95 %

(1) L-attivitajiet addizzjonali jaqgħu barra mill-ambitu tal-awditjar tal-QEA.

Sors: il-QEA, abbażi ta' data pprovduta mill-JU u abbażi tar-regolament fundatur tal-istess JU.

3.6.12. Sa tmiem l-2024, l-UE u l-membri privati flimkien kienu laħqu 95 % tal-mira tal-kontribuzzjonijiet totali tagħhom. Il-kontribuzzjonijiet fi flus kontanti tal-UE f'ammont ta' EUR 1 173 miljun kienu qrib il-mira (99 %). Il-kontribuzzjonijiet fi flus kontanti u dawk *in natura* tal-membri privati f'ammont ta' EUR 1 721.1 kienu saħnsitra ftit ogħla mill-mira. Madankollu, il-JU għad trid tivvalida EUR 973.9 miljun f'kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet operazzjonali rrapportati mill-membri privati (57 % tal-mira korrispondenti). Dan minħabba li l-JU tista' tikkalkula u tivvalida l-kontribuzzjonijiet *in natura* tal-membri privati biss ladarba jkunu saru l-pagamenti ta' kofinanzjament kollha kemm mill-JU kif ukoll mill-Istati parteċipanti u jkunu ġew riċevuti ċ-ċertifikati kollha ta' tmiem il-proġett.

3.6.13. Sa tmiem l-2024, l-UE u l-Istati parteċipanti kienu laħqu 78 % tal-mira tal-kontribuzzjonijiet aggregati tagħhom. Madankollu, skont id-deċiżjoni l-aktar reċenti tal-JU dwar l-ammont ta' finanzjament nazzjonali għall-ftehimiet ta' għotja taħt Orizzont 2020, l-Istati parteċipanti taw l-impenn tagħhom għal ammont massimu ta' EUR 981.9 miljun biss. Għalhekk, sa tmiem il-programm, se jkunu wettqu biss 84 % tal-mira oriġinali ta' EUR 1 170 miljun.

Il-bidu kajman ta' Ewropa Diġitali dewwem l-ilħuq tal-miri tal-kontribuzzjonijiet

3.6.14. Fl-2024, ir-rata ta' implimentazzjoni għall-pagamenti taħt Ewropa Diġitali kienet għadha baxxa ħafna, f'livell ta' 6 %. Il-JU spjegat li dan kien minħabba dewmien fl-iffirmar ta' ftehimiet ta' hosting u ta' akkwist konġunt, li kien ifisser li l-ikkuntrattar għax-xiri ta' assi u l-eżekuzzjoni tal-pagamenti ġie pospost għall-2025.

3.6.15. It-**Tabella 3.6.2** tippreżenta ħarsa ġenerali li tqabbel il-miri tal-kontribuzzjonijiet tal-membri tal-JU taċ-Ċipep għal Orizzont Ewropa mal-kontribuzzjonijiet reali tagħhom (fi flus kontanti u *in natura*) kif irrappurtati fil-kontijiet annwali tal-JU fi tmiem l-2024.

L-Impriża Konġunta taċ-Ċipep

Tabella 3.6.2 — Kontribuzzjonijiet tal-membri għal Orizzont Ewropa u Ewropa Diġitali (f'miljun EUR)

Membri	Kontribuzzjonijiet tal-membri (skont ir-Regolament Fundatur)			Kontribuzzjonijiet tal-membri (fil-31.12.2024)					
	Attivitajiet operazzjonali	Kostijiet amministrattivi	Total	Fi flus kontanti, ivvalidati	Fi flus kontanti, mhux ivvalidati	In natura ⁽²⁾ vvalidati	In natura, stmati iżda mhux ivvalidati	Total	% ta' lħuq
UE (DG CNECT) ⁽²⁾	4 192.7	62.3	4 255.0	729.3	325.4	M/A	M/A	1 054.7	25 %
Membri privati	2 511.1	26.3	2 537.4	3.6	M/A	0.0	312.0	315.6	12 %
Stati Parteċipanti	4 101.2	M/A	4 101.2	M/A	M/A	104.4	684.5	788.9	19 %
Total	10 805.0	88.6	10 893.6	732.9	325.4	104.4	996.5	2 159.2	20 %

(1) Tinkludi (a) sa EUR 2 720 miljun mingħand Orizzont Ewropa u jitneħħa tnaqqis ta' nofs it-terminu ta' EUR 65 miljun flimkien ma' kontribuzzjoni ta' EUR 145 miljun tar-Renju Unit; (b) sa EUR 1 450 miljun mingħand Ewropa Diġitali.

(2) Tikkonsisti f'kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet operazzjonali (IKOP) biss.

Sors: il-QEA, abbażi ta' *data* pprovduta mill-JU u abbażi tar-regolament fundatur tal-istess JU.

3.6.16. Sa tmiem l-2024, it-tielet sena ta' Orizzont Ewropa u l-ewwel sena tal-implimentazzjoni ta' Ewropa Diġitali, l-UE, il-membri privati u l-Istati parteċipanti kienu laħqu biss madwar 20 % tal-mira tal-kontribuzzjonijiet aggregati tagħhom, b'mod partikolari minħabba r-ritmu kajman tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet taħt Ewropa Diġitali (ara l-paragrafu [3.6.14](#)).

Osservazzjonijiet dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet

3.6.17. Awditjajna erba' tranżazzjonijiet relatati ma' Orizzont 2020, Orizzont Ewropa, u Ewropa Diġitali (permezz ta' kampjuni li ttieħdu b'mod aleatorju mill-pagamenti *interim*/finali kollha u l-approvazzjonijiet kollha li l-JU għamlet fl-2024), fil-livell tal-benefiċjarji finali, biex nivvalutaw l-effettività tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-JU taċ-Ċipep fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tan-nefqa operazzjonali. Sibna żball wieħed b'impatt finanzjarju li rriżulta minn kostijiet ineliġibbli għall-persunal minħabba l-kalkolu skorrett tar-rati fis-siegħa.

3.6.18. Abbażi tar-riżultati tal-awditjar *ex post* tas-Servizz tal-Awditjar Komuni tal-Kummissjoni, il-JU rrapportat rata ta' żball rappreżentattiva ta' 2.2 % u rata tal-iżball residwu ta' 0.9 % għan-nefqa taħt Orizzont 2020 (li kienet tirrappreżenta madwar 48 % tal-pagamenti totali tagħha fl-2024)²⁸. Għadu ma hemm l-ebda riżultat tal-awditjar *ex post* disponibbli għan-nefqa taħt Orizzont Ewropa u taħt Ewropa Diġitali (ukoll madwar 48 % tal-pagamenti kollha tal-2024).

²⁸ Ir-Rapport Annwali tal-Attività Konsolidat 2024 tal-JU taċ-Ċipep; il-Kapitolu 4.1.1.

Osservazzjonijiet dwar kwistjonijiet oħra

3.6.19. Fl-ewwel tliet xhur tal-2025, ħriġna rapport speċjali²⁹ li fih irrakkomandajna li l-Kummissjoni twettaq “verifika tar-realtà” urġenti fuq l-istrateġija attwali dwar il-mikroċipep u tibda tnejji b’ħeffa kbira l-istrateġija li jmiss dwar is-semikondutturi. Jenġtiegħ li l-JU taċ-Ċipep, li ġiet stabbilita biex tavvanza l-kapaċità ta’ tfassil tal-Ewropa għat-teknoloġiji integrati tas-semikondutturi, tassisti lill-Kummissjoni, meta jkun xieraq, fl-implimentazzjoni ta’ din ir-rakkomandazzjoni.

Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

3.6.20. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjoni li ttieħdet mill-JU taċ-Ċipep b’rispons għall-osservazzjonijiet tagħna fis-snin preċedenti tingħata fl-[Anness](#).

²⁹ Ir-Rapport Speċjali 12/2025: “L-istrateġija tal-UE għall-mikroċipep — Progress raġonevoli fl-implimentazzjoni tagħha, iżda l-Att dwar iċ-Ċipep f’it li xejn għandu probabbiltà li jkun biżżejjed biex tintlaħaq il-mira tad-Deċennju Diġitali ambizzjuża żżejjed”.

Anness — Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

Numru	Sena tal-osservazzjoni tal-QEA	Osservazzjoni tal-QEA (sommarju)	Azzjoni korrettiva u żviluppi rilevanti oħra (sommarju)	Status tal-osservazzjoni tal-QEA
1	2022, 2023	Rati baxxi ta' implimentazzjoni għall-approprjazzjonijiet ta' pagament operazzjonali.	Is-sitwazzjoni ppersistiet fl-2024 (ara l-paragrafu 3.6.14).	Miftuħa
2	2023	Akkumulazzjoni ta' surplus ta' flus kontanti.	Is-surplus ta' flus kontanti tal-JU żdied minn EUR 438 miljun fi tmiem l-2023 għal EUR 479 miljun sena wara.	Miftuħa
3	2023	Dgħufijiet fit-tfassil li laqtu l-istadju tal-offerti u dak tal-evalwazzjoni finanzjarja ta' proċedura ta' akkwist.	Fl-2024, il-JU aġġornat id-dokumentazzjoni tal-offerti tagħha, saħħet it-tim tal-akkwist tagħha u bdiet tuża l-għodda komuni tal-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-akkwist pubbliku.	Magħluqa
4	2023	Pjan għall-kontinwità tal-operat (BCP) u pjan ta' rkupru minn diżastri (DRP) – it-tnejn skaduti.	BCP u DRP komuni u aġġornati ġew approvati fl-2024. L-ittestjar taż-żewġ pjanijiet huwa parti mill-programm ta' ħidma komuni tal-IT għall-2025.	Miftuħa
5	2023	L-ebda politika ta' kontroll intern għal funzjonijiet sensitivi.	Il-JU adottat politika dwar il-ġestjoni ta' funzjonijiet sensitivi f'Ġunju 2024.	Magħluqa
6	2023	L-ebda monitoraġġ tal-attività professjonali ta' eks persunal superjuri.	Il-JU għadha ma bdietx il-monitoraġġ tal-attivitajiet ta' wara l-impjeg imwettqa mill-persunal superjuri.	Miftuħa

L-Impriża Konġunta taċ-Ċipep

Risposti tal-JU taċ-Ċipep

https://www.eca.europa.eu/Lists/ECARepplies/Chips-Replies-SAR-JUS-2024/Chips-Replies-SAR-JUS-2024_MT.pdf

3.7. L-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika (CBE)

Introduzzjoni


3.7.1. Il-JU Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika (CBE), li tinsab fi Brussell, ġiet stabbilita f'Novembru 2021 taħt il-programm Orizzont Ewropa għall-perjodu li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2031³⁰. Issostitwiet il-JU dwar l-Industrija b'bażi Bijoloġika, li ġiet stabbilita f'Mejju 2014 taħt il-programm Orizzont 2020³¹.

3.7.2. Is-CBE hija sħubija pubblika-privata li tiffoka fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni għal settur sostenibbli u kompetittiv tal-industrija ċirkolari b'bażi bijoloġika. Il-membri tagħha huma l-UE, irrappreżentata mill-Kummissjoni (id-DĠ RTD, id-DG AGRI u d-DĠ GROW) u s-sħab industrijali rrappreżentati mill-Konsorzju tal-Industrija b'bażi Bijoloġika.

3.7.3. Il-*Figura 3.7.1* tippreżenta ċ-ċifri ewlenin għall-JU.

³⁰ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa.

³¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 560/2014.

Figura 3.7.1 — Iċ-ċifri ewlenin għas-CBE**Baġit tal-UE (miljun EUR)*****Persunal (impjegat fil-31 ta' Diċembru)****

* Il-baġit disponibbli jinkludi l-appropriazzjonijiet mhux użati fi snin preċedenti, li l-JU riallokta għall-baġit tas-sena attwali, kif ukoll id-dħul assenjat u r-riallokazzjonijiet għas-sena ta' wara.

** "Persunal" jinkludi persunal temporanju u persunal bil-kuntratt.

Sors: data pprovduta mill-JU.

3.7.4. Iż-żieda fil-baġit għall-pagamenti għall-2024 tirrifletti l-prefinanzjament tal-proġetti mogħtija għotjiet taħt is-sejħa għal proposti taħt Orizzont Ewropa tal-2023.

Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħna lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill — rapport tal-awditur indipendenti

Opinjoni

3.7.5. L-approċċ tal-awditjar tagħna, il-bażi għall-opinjoni tagħna, ir-responsabbiltajiet tal-maniġment tal-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika (CBE) u ta' daww inkarigati mill-governanza tagħha, kif ukoll ir-responsabbiltajiet tal-awditur għall-awditu tal-kontijiet u tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, huma kollha deskritti fit-Taqsima 3.1. Il-firma fil-paġna 160 tiffirma parti integrali mill-opinjoni.

3.7.6. Aħna awditajna:

- (a) il-kontijiet tas-CBE, li jinkludu r-rapporti finanzjarji u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024, u
- (b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati daww il-kontijiet,

kif meħtieġ mill-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Affidabbiltà tal-kontijiet

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

3.7.7. Fl-opinjoni tagħna, il-kontijiet tas-CBE għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2024, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha, u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-regolament finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni. Dawn huma bbażati fuq standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment.

Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

Dħul

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet

3.7.8. Fl-opinjoni tagħna, id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet tas-CBE għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Pagamenti

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

3.7.9. Fl-opinjoni tagħna, il-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tas-CBE għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

3.7.10. L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tagħna.

Osservazzjonijiet dwar il-ġestjoni baġitarja

Għal Orizzont 2020, il-membri privati serrġu bil-kbir fuq il-kontribuzzjonijiet tagħhom għall-attivitajiet addizzjonali

3.7.11. It-**Tabella 3.7.1** tippreżenta ħarsa ġenerali li tqabbel il-miri tal-kontribuzzjonijiet tal-membri tas-CBE għal Orizzont 2020 mal-kontribuzzjonijiet reali tagħhom (fi flus kontanti u *in natura*) kif irrappurtati fil-kontijiet annwali tal-JU fi tmiem l-2024.

Tabella 3.7.1 — Kontribuzzjonijiet tal-membri għal Orizzont 2020 (f'miljun EUR)

Membri	Kontribuzzjonijiet tal-membri (skont ir-Regolament Fundatur u d-deċiżjonijiet legali)				Kontribuzzjonijiet tal-membri (fil-31.12.2024)					
	Attivitajiet operazzjonali ⁽¹⁾	Kostijiet amministrattivi	Attivitajiet addizzjonali ⁽²⁾	Total	Fi flus kontanti	<i>In natura</i> vvalidati	<i>In natura</i> , stmati iżda mhux ivvalidati	<i>In natura</i> , għall-attivitajiet addizzjonali	Total	% ta' lħuq
UE (DĠ RTD)	816.1	18.9	M/A	835.0	783.5	M/A	M/A	M/A	783.5	94 %
Membri privati	266.6	18.9	2 444.5	2 730.0	22.0	104.2	44.2	2 353.6	2 524.0	92 %
Total	1 082.7	37.8	2 444.5	3 565.0	805.5	104.2	44.2	2 353.6	3 307.5	93 %

(1) Miri tal-kontribuzzjonijiet fi flus kontanti tal-UE u tal-membri privati kif imnaqqsa b'EUR 140 miljun. Miri tal-kontribuzzjonijiet *in natura* tal-membri privati kif stabbiliti fil-programmi ta' 'ħidma annwali tal-JU.

(2) L-attivitajiet addizzjonali jaqgħu barra mill-ambitu tal-awditjar tal-QEA. Il-mira minima tagħhom ta' EUR 1 755 miljun għall-membri privati nżiedet għal EUR 2 444.5 miljun biex b'hekk ikunu jistgħu jilħqu l-obbligu ta' kontribuzzjoni totali minima ta' EUR 2 730 miljun.

Sors: il-QEA, abbażi ta' *data* pprovduta mill-JU u abbażi tar-regolament fundatur tal-istess JU.

3.7.12. Sa tmiem l-2024, l-UE u l-membri privati kienu għamlu kontribuzzjonijiet fi flus kontanti u *in natura* f'ammont ta' EUR 3 307.5 miljun (madwar 93 % tal-mira aggregata totali tagħhom). Madankollu, EUR 2 353.6 miljun (92 %) mill-kontribuzzjonijiet fi flus kontanti u dawk *in natura* rrappurtati mill-membri privati jirrigwardaw attivitajiet addizzjonali li ma kinux marbuta direttament mal-proġetti ffinanzjati mis-CBE. Barra minn hekk stagħna l-ammont ta' kontribuzzjonijiet *in natura* vvalidati tal-membri privati għall-attivitajiet operazzjonali, fil-livell baxx tas-sena ta' qabel ta' EUR 104.2 miljun (40 % tal-mira).

Il-bidu kajman ta' Orizzont Ewropa dewwem l-ilħuq tal-miri tal-kontribuzzjonijiet

3.7.13. It-**Tabella 3.7.2** tippreżenta ħarsa ġenerali li tqabbel il-miri tal-kontribuzzjonijiet tal-membri tas-CBE għal Orizzont Ewropa mal-kontribuzzjonijiet reali tagħhom (fi flus kontanti u *in natura*) kif irrappurtati fil-kontijiet annwali tal-JU fi tmiem l-2024.

L-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika (CBE)

Tabella 3.7.2 — Kontribuzzjonijiet tal-membri għal Orizzont Ewropa (f'miljun EUR)

Membri	Kontribuzzjonijiet tal-membri (skont ir-Regolament Fundatur)			Kontribuzzjonijiet tal-membri (fil-31.12.2024)					
	Attivitajiet operazzjonali	Kostijiet amministrattivi	Total	Fi flus kontanti, ivalidati	Fi flus kontanti, mhux ivalidati	In natura ⁽¹⁾ vvalidati	In natura ⁽¹⁾ , irrappurtati iżda mhux ivalidati	Total	% ta' lħuq
UE (DG RTD) ⁽²⁾	1 002.5	23.5	1 026.0	214.8	31.9	M/A	0.0	246.7	24 %
Membri privati ⁽²⁾	1 002.5	23.5	1 026.0	3.4	M/A		120.7	124.1	12 %
Total	2 005.0	47.0	2 052.0	218.2	31.9	0.0	120.7	370.8	18 %

(1) Tikkonsisti f'kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet operazzjonali (IKOP) u kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet addizzjonali (IKAA).

(2) Tinkludi kontribuzzjonijiet tar-Renju Unit ta' EUR 50 miljun u t-tnaqqis ta' nofs it-terminu ta' Orizzont Ewropa f'ammont ta' EUR 24 miljun.

Sors: il-QEA, abbażi ta' data pprovduta mill-JU u abbażi tar-regolament fundatur tal-istess JU.

3.7.14. Sa tmiem l-2024, it-tielet sena tal-programm, l-UE u l-membri privati flimkien kienu laħqu biss madwar 18 % tal-mira tal-kontribuzzjonijiet aggregati tagħhom. Dan jirrifletti l-bidu kajman li kien sar għall-implimentazzjoni. Barra minn hekk, bħal fil-każ ta' Orizzont 2020, il-JU tiddependi bil-kbir minn kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet addizzjonali li ma jkunux relatati direttament mal-proġetti ffinanzjati mis-CBE, li — skont il-kontijiet annwali tal-JU — jirrappreżentaw EUR 108.8 miljun (88 %) ta' kontribuzzjonijiet tal-membri privati.

Osservazzjonijiet dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet

3.7.15. Awditjajna żewġ tranżazzjonijiet relatati ma' Orizzont 2020 u Orizzont Ewropa (permezz ta' kampjuni li ttieħdu b'mod aleatorju mill-pagamenti *interim*/finali kollha u l-approvazzjonijiet kollha li l-JU għamlet fl-2024), fil-livell tal-benefiċjarji finali, biex nivvalutaw l-effettività tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-JU fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tan-nefqa operazzjonali. Sibna żball wiehded b'impatt finanzjarju li rriżulta minn kostijiet ineliġibbli għall-persunal (minħabba l-kalkolu skorrett tar-rati fis-siegħa u l-inklużjoni ta' sigħat ineliġibbli u kostijiet tad-deprezzament.

3.7.16. Abbażi tar-riżultati tal-awditjar *ex post* tas-Servizz tal-Awditjar Komuni tal-Kummissjoni, is-CBE rappurtat rata ta' żball rappreżentattiva ta' 1.8 % u rata tal-iżball residwu ta' 1.3 % għan-nefqa tagħha taħt Orizzont 2020 (li kienet tirrappreżenta madwar 94 % tal-pagamenti totali tagħha fl-2024)³². Sa tmiem l-2024, il-JU kienet għadha ma għamlet l-ebda pagament *interim* u lanqas ma kienet approvat pagamenti bil-quddiem għal proġetti taħt Orizzont Ewropa.

³² Ir-Rapport tal-Attività Annwali Konsolidat 2024 tas-CBE JU, il-Kapitolu 4.1.2.

Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

3.7.17. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjoni li ttieġdet mis-CBE b'rispons għall-osservazzjonijiet tagħna fis-snin preċedenti tingħata fl-[Anness](#).

Anness — Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

Numru	Sena tal-osservazzjoni tal-QEA	Osservazzjoni tal-QEA (sommarju)	Azzjoni korrettiva u żviluppi rilevanti oħra (sommarju)	Status tal-osservazzjoni tal-QEA
1	2021, 2022, 2023	Reviżjoni 'l fuq tal-mira taħt Orizzont 2020 rigward kontribuzzjonijiet <i>in natura</i> tal-membri privati għall-attivitajiet addizzjonali biex ipattu għat-tnaqqis fil-mira indikattiva tagħhom għall-kontribuzzjonijiet <i>in natura</i> għall-attivitajiet operazzjonali tal-JU.	Sa tmiem l-2024, il-membri privati kienu laħqu 93 % tal-mira tal-kontribuzzjonijiet fi flus kontanti u dawk <i>in natura</i> aggregati tagħhom. Madankollu, madwar 86 % ta' dan l-ammont kien jirrigwarda attivitajiet addizzjonali li kienu barra mill-programm ta' riċerka tal-JU (ara l-paragrafu 3.7.12).	Miftuħa
2	2022, 2023	Rata baxxa ta' implimentazzjoni għall-baġit għall-pagamenti tan-nefqa għall-persunal (it-Titolu 1).	Ir-rata ta' implimentazzjoni għall-baġit għall-pagamenti għan-nefqa tal-persunal għall-2024 (it-Titolu 1) kienet ta' 94 % (2023: 57 %).	Magħluqa
3	2023	Pjan għall-kontinwità tal-operat (BCP) u pjan ta' rkupru minn diżastri (DRP) – it-tnejn skaduti.	BCP u DRP komuni u aġġornati ġew approvati f'Diċembru 2024. L-ittestjar taż-żewġ pjanijiet huwa parti mill-programm ta' ħidma komuni tal-IT għall-2025.	Miftuħa

L-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika (CBE)

Risposti tal-CBE

https://www.eca.europa.eu/Lists/ECARepplies/CBE-Replies-SAR-JUS-2024/CBE-Replies-SAR-JUS-2024_MT.pdf

3.8. L-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea (EU-Rail)

Introduzzjoni


3.8.1. Il-JU Sistema Ferrovjarja Ewropea (EU-Rail), li tinsab fi Brussell, ġiet stabbilita f'Novembru 2021 taħt il-programm Orizzont Ewropa għall-perjodu li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2031³³. Issostitwiet ix-Shift2Rail JU (S2R), li ġiet stabbilita f'Novembru 2014 taħt il-programm Orizzont Ewropa³⁴.

3.8.2. L-EU-Rail hija sħubija pubblika-privata għar-riċerka u l-innovazzjoni fis-settur ferrovjarju. Il-membri tagħha huma l-UE, irrappreżentata mill-Kummissjoni (id-DĠ MOVE u d-DĠ RTD), u s-sħab tal-industrija ferrovjarja (li jinkludu l-manifatturi tat-tagħmir ferrovjarju, il-kumpaniji ferrovjarji, il-manijers tal-infrastruttura u ċ-ċentri tar-riċerka).

3.8.3. Il-Figura 3.8.1 tippreżenta ċ-ċifri ewlenin għall-JU.

Figura 3.8.1 — Iċ-ċifri ewlenin għall-EU-Rail

Baġit tal-UE (miljun EUR)*



Persunal (impjegat fil-31 ta' Diċembru)**



* Il-baġit disponibbli jinkludi l-appropriazzjonijiet mhux użati fi snin preċedenti, li l-JU riallokata għall-baġit tas-sena attwali, kif ukoll id-dħul assenjat u r-riallokazzjonijiet għas-sena ta' wara.

** Il-"persunal" jinkludi persunal temporanju, persunal bil-kuntratt, u esperti nazzjonali sekondati.

Sors: data pprovduta mill-JU.

³³ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa.

³⁴ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 642/2014.

Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħna lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill — rapport tal-awditur indipendenti

Opinjoni

3.8.4. L-approċċ tal-awditjar tagħna, il-bażi għall-opinjoni tagħna, ir-responsabbiltajiet tal-maniġment tal-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea (EU-Rail) u ta' daww inkarigati mill-governanza tagħha, kif ukoll ir-responsabbiltajiet tal-awditur għall-awditu tal-kontijiet u tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, huma kollha deskritti fit-Taqsima 3.1. Il-firma fil-paġna 160 tiffirma parti integrali mill-opinjoni.

3.8.5. Aħna awditjajna:

- (a) il-kontijiet tal-EU-Rail, li jinkludu r-rapporti finanzjarji u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024, u
- (b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati daww il-kontijiet, kif meħtieġ mill-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Affidabbiltà tal-kontijiet

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

3.8.6. Fl-opinjoni tagħna, il-kontijiet tal-EU-Rail għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2024, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha, u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-regolament finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni. Dawn huma bbażati fuq standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment.

Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

Dħul

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet

3.8.7. Fl-opinjoni tagħna, id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet tal-EU Rail għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Pagamenti

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

3.8.8. Fl-opinjoni tagħna, il-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-EU Rail għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

3.8.9. L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tagħna.

Osservazzjonijiet dwar il-ġestjoni baġitarja

L-EU-Rail għalqet il-finanzjament taħt Orizzont 2020 fl-2024, u l-membri kollha laħqu jew qabżu l-miri tal-kontribuzzjonijiet tagħhom

3.8.10. It-**Tabella 3.8.1** tippreżenta ħarsa ġenerali li tqabbel il-miri tal-kontribuzzjonijiet tal-membri tal-EU-Rail għal Orizzont 2020 mal-kontribuzzjonijiet reali tagħhom (fi flus kontanti u *in natura*) kif irrappurtati fil-kontijiet annwali tal-JU fi tmiem l-2024.

Tabella 3.8.1 — Kontribuzzjonijiet tal-membri għal Orizzont 2020 (f' miljun EUR)

Membri	Kontribuzzjonijiet tal-membri (skont ir-Regolament Fundatur)				Kontribuzzjonijiet tal-membri (fil-31.12.2024)					
	Attivitajiet operazzjonali	Kostijiet amministrattivi	Attivitajiet addizzjonali ⁽¹⁾	Total	Fi flus kontanti	<i>In natura</i> vvalidati	<i>In natura</i> , irrappurtati iżda mhux ivalidati	<i>In natura</i> , għall-attivitajiet addizzjonali	Total	% ta' l-huq
UE (DG Move)	384.5	13.5	0.0	398.0	398.0	0.0	0.0	0.0	398.0	100 %
Membri privati	336.5	13.5	120.0	470.0	13.5	362.1	0.0	267.6	643.2	137 %
Total	721.0	27.0	120.0	868.0	411.5	362.1	0.0	267.6	1 041.2	120 %

(1) L-attivitajiet addizzjonali jagħgu barra mill-ambitu tal-awditjar tal-QEA.

Sors: il-QEA, abbażi ta' *data* pprovduta mill-JU u abbażi tar-regolament fundatur tal-istess JU.

L-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea (EU-Rail)

3.8.11. Fi tmiem l-2024, is-sena tal-għeluq tal-programm, il-kontribuzzjonijiet tal-membri privati kienu ferm ogħla mill-mira. Meħuda flimkien, il-membri kollha kkontribwew 20 % aktar mill-mira aggregata stabbilita fir-regolament dwar il-finanzjament.

L-EU-Rail tinsab fi stadju avanzat fl-implimentazzjoni ta' Orizzont Ewropa u fil-kontribuzzjonijiet tal-membri

3.8.12. It-**Tabella 3.8.2** tippreżenta ħarsa ġenerali li tqabbel il-miri tal-kontribuzzjonijiet tal-membri tal-EU-Rail għal Orizzont Ewropa mal-kontribuzzjonijiet reali tagħhom (fi flus kontanti u *in natura*) kif irrappurtati fil-kontijiet annwali tal-JU fi tmiem l-2024.

Tabella 3.8.2 — Kontribuzzjonijiet tal-membri għal Orizzont Ewropa (f' miljun EUR)

Membri	Kontribuzzjonijiet tal-membri (skont ir-Regolament Fundatur)			Kontribuzzjonijiet tal-membri (fil-31.12.2024)					
	Attivitajiet operazzjonali	Kostijiet amministrattivi	Total	Fi flus kontanti, invalidati	Fi flus kontanti, mhux invalidati	<i>In natura</i> ⁽¹⁾ vvalidati	<i>In natura</i> ⁽¹⁾ , irrappurtati iżda mhux invalidati	Total	% ta' l'huq
UE (DĠ RTD) ⁽²⁾	591.0	24.0	615.0	215.7	45.2	M/A	M/A	260.9	42 %
Membri privati ⁽²⁾	591.0	24.0	615.0	8.4	M/A	163.1	95.3	266.8	43 %
Total	1 182.0	48.0	1 230.0	224.1	45.2	163.1	95.3	527.7	43 %

(1) Tikkonsisti f'kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet operazzjonali (IKOP) u kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet addizzjonali (IKAA).

(2) Tinkludi kontribuzzjonijiet tar-Renju Unit ta' EUR 29 miljun u t-tnaqqis ta' nofs it-terminu ta' Orizzont Ewropa f'ammont ta' EUR 14-il miljun.

Sors: il-QEA, abbażi ta' data pprovduta mill-JU u abbażi tar-regolament fundatur tal-istess JU.

3.8.13. Sa tmiem l-2024, t-tielet sena tal-programm, l-UE u l-membri privati kienu laħqu diġà madwar 43 % tal-mira tal-kontribuzzjonijiet aggregati tagħhom. L-UE kienet għamlet kontribuzzjonijiet totali fi flus kontanti f'ammont ta' EUR 260.9 miljun (42 % tal-mira). Il-membri privati rrappurtaw kontribuzzjonijiet fi flus kontanti u *in natura* ta' madwar EUR 266.8 miljun (43 %). Minn dan l-ammont, skont il-kontijiet annwali tal-JU, EUR 166.8 miljun (63 %) kienu jirrigwardaw attivitajiet addizzjonali li kienu barra mill-programm ta' riċerka tal-EU-Rail.

Osservazzjonijiet dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet

3.8.14. Awditajna żewġ tranżazzjonijiet relatati ma' Orizzont 2020 u Orizzont Ewropa (permezz ta' kampjuni li ttieħdu b'mod aleatorju mill-pagamenti *interim*/finali kollha u l-approvazzjonijiet kollha li l-JU għamlet fl-2024), fil-livell tal-benefiċjarji finali, biex nivvalutaw l-effettività tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-JU fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tan-nefqa operazzjonali. Iż-żewġ tranżazzjonijiet kienu ħielsa minn żball.

L-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea (EU-Rail)

3.8.15. Abbażi tar-riżultati tal-awditjar *ex post* tas-Servizz tal-Awditjar Komuni tal-Kummissjoni, l-EU-Rail irrappurtat rata ta' żball rappreżentattiva ta' 1.9 % u rata tal-iżball residwu ta' 0.7 % għan-nefqa tagħha taħt Orizzont 2020 (li kienet tirrappreżenta madwar 92 % tal-pagamenti totali tagħha fl-2024)³⁵. Għadu ma hemm l-ebda riżultat tar-rieżaminar *ex post* disponibbli għan-nefqa taħt Orizzont Ewropa (madwar 3 % tal-pagamenti kollha tal-2024), fejn l-EU-Rail eskużivament tuża għotjiet ta' somom f'daqqa. L-awditu li wettaqna tal-pagamenti ta' somom f'daqqa li saru fi snin reċenti ma żvela l-ebda żball.

Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

3.8.16. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjoni li ttieħdet mill-EU-Rail b'rispons għall-osservazzjonijiet tagħna fis-snin preċedenti tingħata fl-[Anness](#).

³⁵ Ir-Rapport Annwali tal-Attività Konsolidat 2024 tal-EU-Rail JU,, il-Kapitolu 4.

Anness — Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

Numru	Sena tal-osservazzjoni tal-QEA	Osservazzjoni tal-QEA (sommarju)	Azzjoni korrettiva u żviluppi rilevanti oħra (sommarju)	Status tal-osservazzjoni tal-QEA
1	2021, 2022, 2023	Rata baxxa ta' implimentazzjoni għall-approprijazzjonijiet ta' pagament operazzjonali għal Orizzont 2020.	Fi tmiem l-2024, ir-rata ta' implimentazzjoni għal Orizzont 2020 kienet ta' 88 % (2023: 67 %), u b'hekk l-EU-Rail setgħet tagħlaq il-proġetti tagħha taħt Orizzont 2020.	Magħluqa
2	2023	Pjan għall-kontinwità tal-operat (BCP) u pjan ta' rkupru minn diżastri (DRP) – it-tnejn skaduti.	BCP u DRP komuni u aġġornati ġew approvati f'Diċembru 2024. L-ittestjar taż-żewġ pjanijiet huwa parti mill-programm ta' ħidma komuni tal-IT għall-2025.	Miftuħa

L-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea (EU-Rail)

Risposti tal-EU-Rail

https://www.eca.europa.eu/Lists/ECARepplies/EU-Rail-Replies-SAR-JUS-2024/EU-Rail-Replies-SAR-JUS-2024_MT.pdf

3.9. L-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew (EuroHPC)

Introduzzjoni

3.9.1. Il-JU għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew (EuroHPC), li tinsab fil-Lussemburgu, ġiet stabbilita f'Ottubru 2018 għall-perjodu li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2026³⁶. F'Lulju 2021, il-Kunsill adotta regolament fundatur ġdid li jestendi l-ħajja tal-JU u jespandi l-mandat tagħha taħt il-programmi tal-QFP 2021–2027, għall-perjodu li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2033³⁷. Fl-2024, filwaqt li aġixxa fuq proposta tal-Kummissjoni, il-Kunsill emenda r-regolament fundatur tal-JU, billi introduċa objettiv ulterjuri li jkopri l-iżvilupp ta' fabbriki biex tingħata spinta lit-tmexxija Ewropea fil-qasam tal-intelliġenza artifiċjali³⁸.

3.9.2. L-EuroHPC JU hija sħubija pubblika-privata li tippermetti l-aggregazzjoni ta' riżorsi għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' computing ta' prestazzjoni għolja fl-Ewropa. Il-membri tagħha huma l-UE, irrappreżentata mill-Kummissjoni (id-DĠ CNECT), l-Istati Parteċipanti u tliet membri privati: il-Pjattaforma Ewropea tat-Teknoloġija għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja, l-Assoċjazzjoni tal-Valur tal-Big Data, u l-European Quantum Industry Consortium.

³⁶ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1488 li jistabbilixxi l-JU għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew.

³⁷ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/1173 dwar l-istabbiliment tal-JU għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/1488.


³⁸ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/1732 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1173 fir-rigward ta' inizjattiva EuroHPC għan-negozji ġodda sabiex tingħata spinta lit-tmexxija Ewropea f'Intelliġenza Artifiċjali affidabbli.

L-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew (EuroHPC)

3.9.3. Il-Figura 3.9.1 tippreżenta ċ-ċifri ewlenin għall-JU.

Figura 3.9.1 — Iċ-ċifri ewlenin għall-EuroHPC

Baġit tal-UE (miljun EUR)*



Persunal (impjegat fil-31 ta' Diċembru)**



* Il-baġit disponibbli jinkludi l-appropriazzjonijiet mhux użati fi snin preċedenti, li l-JU riallokata għall-baġit tas-sena attwali, kif ukoll id-dħul assenjat u r-riallokazzjonijiet għas-sena ta' wara.

** "Persunal" jinkludi persunal temporanju u persunal bil-kuntratt.

Sors: data pprovduta mill-JU.

3.9.4. Il-baġit tal-2024 ferm imnaqqas għall-impenji u l-pagamenti jirrifletti x-xogħol li sar fit-tnejn għal proġetti ġodda ta' investiment fl-IA. F'Settembru 2024, il-JU nediet żewġ sejħiet ewlenin għal espressjonijiet ta' interess fl-istabbiliment ta' fabbriki tal-IA. Biex tiffinanzja dawn il-proġetti kienet obligata tipposponi jew tikkanċella proġetti ta' investiment li kienu diġà ppjanati u bbaġitjati taħt Ewropa Diġitali u taħt il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE).

Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħna lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill — rapport tal-awditur indipendenti

Opinjoni

3.9.5. L-approċċ tal-awditjar tagħna, il-bażi għall-opinjoni tagħna, ir-responsabbiltajiet tal-maniġment tal-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew (EuroHPC) u ta' dawk inkarigati mill-governanza tagħha, kif ukoll ir-responsabbiltajiet tal-awditur għall-awditu tal-kontijiet u tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, huma kollha deskritti fit-Taqsima 3.1. Il-firma fil-paġna 160 tiffirma parti integrali mill-opinjoni.

3.9.6. Aħna awditjajna:

- (a) il-kontijiet tal-EuroHPC, li jinkludu r-rapporti finanzjarji u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024, u
- (b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet, kif meħtieġ mill-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Affidabbiltà tal-kontijiet

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

3.9.7. Fl-opinjoni tagħna, il-kontijiet tal-EuroHPC għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2024, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha, u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-regolament finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni. Dawn huma bbażati fuq standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment.

Osservazzjonijiet

3.9.8. Niġbdu l-attenzjoni għan-Nota 4.2 tal-kontijiet annwali tal-EuroHPC għall-2024, li tiddekrivi valutazzjoni tal-impatt preliminari li l-JU kienet wettqet kif ukoll l-inċertezza relatata fir-rigward ta' pagamenti bil-quddiem li tħallsu lil fornitur, fid-dawl ukoll ta' divulgazzjonijiet pubbliċi reċenti rigward is-sitwazzjoni finanzjarja tal-fornitur. Wara li analizzat il-valur totali tar-relazzjonijiet kuntrattwali tagħha mal-fornitur, b'fokus fuq il-pagamenti bil-quddiem li tħallsu għall-kuntratti u għall-ftehimiet ta' għotja, l-EuroHPC tistma li l-impatt potenzjalment ikun daqs EUR 88 miljun. L-opinjoni tagħna fir-rigward ta' din il-kwistjoni mhijiex modifikata.

Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

Dħul

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet

3.9.9. FI-opinjoni tagħna, id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet tal-EuroHPC għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Pagamenti

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

3.9.10. FI-opinjoni tagħna, il-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-EuroHPC għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

3.9.11. L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tagħna.

Osservazzjonijiet dwar il-ġestjoni baġitarja

FI-2024, kompiet tonqos ir-rata ta' implimentazzjoni għall-baġit tal-EuroHPC għall-pagamenti ta' għotjiet taħt Orizzont 2020

3.9.12. FI-2024, ir-rata ta' implimentazzjoni għall-baġit għall-pagamenti ta' għotjiet taħt Orizzont 2020 naqset għal 27 % (2023: 36 %). Il-JU spjegat li dan kien minħabba dewmien fl-ipproċessar tal-kontroll *ex ante* tar-rapporti tekniċi u dawk finanzjarji ppreżentati mill-benefiċjarji fl-2024 għall-finijiet ta' kofinanzjament mingħand il-JU. Il-pagamenti b'rabta mar-rapporti mhux ipproċessati ġew posposti għall-2025.

Għall-kuntrarju tal-UE u tal-Istati parteċipanti, il-membri privati mhumiex se jilħqu l-mira tal-kontribuzzjonijiet tagħhom għal Orizzont 2020

3.9.13. It-[Tabella 3.9.1](#) tippreżenta ħarsa ġenerali li tqabbel il-miri tal-kontribuzzjonijiet tal-membri tal-EuroHPC għal Orizzont 2020 u għall-FNE1 mal-kontribuzzjonijiet reali tagħhom (fi flus kontanti u *in natura*) kif irrappurtati fil-kontijiet annwali tal-JU fi tmiem l-2024.

L-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew (EuroHPC)

Tabella 3.9.1 — Kontribuzzjonijiet tal-membri għal Orizzont 2020 u l-FNE1 (f'miljun EUR)

Membri	Kontribuzzjonijiet tal-membri (skont ir-Regolament Fundatur)				Kontribuzzjonijiet tal-membri (fil-31.12.2024)					
	Attivitajiet operazzjonali	Kostijiet amministrattivi	Attivitajiet addizzjonali ⁽²⁾	Total	Fi flus kontanti	In natura vvalidati	In natura, irrappurtati iżda mhux ivalidati	In natura, għall-attivitajiet addizzjonali	Total	% ta' l'huq
UE (DG CNECT) ⁽¹⁾	526.0	10.0	M/A	536.0	477.4	M/A	M/A	M/A	477.4	89 %
Stati Parteċipanti ⁽³⁾⁽⁴⁾	476.0	0.0	M/A	476.0	179.6	0.0	51.9	M/A	231.5	49 %
Membri privati ⁽³⁾	420.0	0.0	M/A	420.0	0.0	0.0	20.0	M/A	20.0	5 %
Total	1 422.0	10.0	M/A	1 432.0	657.0	0.0	71.9	M/A	728.9	51 %

(1) Tinkludi EUR 100 miljun mingħand il-FNE1.

(2) L-attivitajiet addizzjonali jaqgħu barra mill-ambitu tal-awditjar tal-QEA.

(3) Ir-regolament fundatur il-ġdid ħassar l-obbligu li l-Istati Parteċipanti u l-membri privati jikkontribwixxu għall-kostijiet amministrattivi.

(4) Mhumiex inklużi l-kontribuzzjonijiet fi flus kontanti tal-Istati Parteċipanti mħallsa direttament lill-kuntratturi/benefiċjarji.

Sors: il-QEA, abbażi ta' data pprovduta mill-JU u abbażi tar-regolament fundatur tal-istess JU.

3.9.14. L-UE kienet għamlet kontribuzzjonijiet totali fi flus kontanti f'ammont ta' EUR 477.4 miljun (89 % tal-mira). L-Istati parteċipanti kienu għamlu kontribuzzjonijiet finanzjarji f'ammont ta' EUR 179.6 miljun għal supercomputers akkwistati mill-JU u rrappurtaw EUR 51.9 miljun oħra f'kontribuzzjonijiet *in natura* għall-kostijiet operatorji tal-entitajiet tal-hosting (49 % tal-mira). Ir-raġuni prinċipali għar-rata aktar baxxa ta' kontribuzzjoni tal-Istati parteċipanti hija li huma jirrikonoxxu biss il-kostijiet tagħhom u jirrappurtawhom lill-JU meta jkunu tlestew il-proġetti korrispondenti taħt Orizzont 2020 u l-FNE1 li huma jappoġġaw b'fondi nazzjonali.

3.9.15. Filwaqt li l-impenji legali li saru kemm mill-UE kif ukoll mill-Istati parteċipanti huma konformi mal-miri tal-kontribuzzjonijiet tagħhom taħt Orizzont 2020, l-ilħuq tal-kontribuzzjonijiet tal-membri privati huwa f'livell baxx. Il-kontribuzzjonijiet *in natura* tagħhom għall-attivitajiet operazzjonali (EUR 20 miljun) għadhom ferm taħt il-mira minima ta' EUR 420 miljun miftiehma għall-membri privati fir-regolament fundatur tal-JU. Kif osservajna f'rapporti preċedenti (pereżempju r-[Rapport Annwali 2023 dwar l-Impriża Konġunti tal-UE](#), il-paragrafu 3.9.16), din is-sitwazzjoni tirriżulta mill-arranġamenti tal-EuroHPC³⁹ għall-finanzjament tal-attivitajiet tagħha. Skont dawk l-arranġamenti, il-membri privati jistgħu jipprovdur biss kontribuzzjonijiet *in natura* għal għotjiet għall-innovazzjoni (li jirrappreżentaw madwar 30 % tal-attivitajiet ta' għotjiet totali tal-JU). Inqis li dan jillimita l-kapaċità tal-JU li twettaq il-missjoni tagħha ta' kooperazzjoni b'saħħitha mas-settur privat u ma jħallix lill-JU tikkwantifika l-kontribuzzjonijiet tas-settur privat għall-oġettivi tagħha taħt Orizzont 2020.

³⁹ Ara l-Artikolu 15(3)(f) tal-Istatuti mehmużin bħala annessi mar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1488.

L-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew (EuroHPC)

Il-Pilastru l-ġdid tal-IA naqqas ir-ritmu tal-implimentazzjoni tal-baġit ta' Ewropa Diġitali għall-2024 u l-kontribuzzjonijiet tal-membri

3.9.16. Minħabba l-importanza strateġika kbira tal-pilastru l-ġdid tal-IA għall-EuroHPC u l-Istati parteċipanti tagħha, il-JU allokat mill-ġdid ir-riżorsi disponibbli lill-ewwel sejħiet kruċjali għal espressjoni ta' interess fl-istabbiliment ta' fabbriki tal-IA. F'Diċembru 2024, għażlet seba' entitajiet tal-hosting tal-IA u aġġudikat kofinanzjament għall-proġetti ta' investiment tagħhom (madwar EUR 653 miljun mingħand Ewropa Diġitali u EUR 112-il miljun mingħand Orizzont Ewropa). Dan kien ifisser li diversi attivitajiet ta' investiment ipplanjati oħra jew ġew ikkanċellati jew inkella posposti għall-perjodu 2025–2027, u dan dewwem l-implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-EuroHPC relatati mal-infrastruttura taħt Ewropa Diġitali fl-2024.

3.9.17. Dan jispjega għalfejn, fl-2024, ir-rati ta' implimentazzjoni baqgħu baxxi ħafna kemm għall-impenji kif ukoll għall-pagamenti għall-attivitajiet ta' investiment taħt Ewropa Diġitali, f'livell ta' 22 % u 19 % rispettivament (2023: 89 % u 18 %).

3.9.18. It-**Tabella 3.9.2** tippreżenta ħarsa ġenerali li tqabbel il-miri tal-kontribuzzjonijiet tal-membri tal-EuroHPC għal programmi ta' riċerka taħt il-QFP 2021–2027 mal-kontribuzzjonijiet reali tagħhom (fi flus kontanti u *in natura*) kif irrappurtati fil-kontijiet annwali tal-JU fi tmiem l-2024.

Tabella 3.9.2 — Kontribuzzjonijiet tal-membri għal Orizzont Ewropa, Ewropa Diġitali u l-FNE2 (f' miljun EUR)

Membri	Kontribuzzjonijiet tal-membri (skont ir-Regolament Fundatur)			Kontribuzzjonijiet tal-membri (fil-31.12.2024)					
	Attivitajiet operazzjonali	Kostijiet amministrattivi	Total	Fi flus kontanti, ivalidati	Fi flus kontanti, mhux ivalidati	<i>In natura</i> ⁽³⁾ vvalidati	<i>In natura</i> ⁽³⁾ , irrappurtati iżda mhux ivalidati	Total	% ta' lħuq
UE (DG CNECT) ⁽¹⁾	3 059.3	92.0	3 151.3	190.3	724.9	M/A	M/A	915.2	29 %
Stati Parteċipanti ⁽²⁾	2 989.3	0.0	2 989.3	36.6	103.2	0.0	0.0	139.8	5 %
Membri privati	900.0	0.0	900.0	0.0	M/A	0.0	2.8	2.8	0 %
Total	6 948.6	92.0	7 040.6	226.9	828.0	0.0	2.8	1 057.8	15 %

(1) Tinkludi a) sa EUR 900 miljun mingħand Orizzont Ewropa u jitneħħa tnaqqis ta' nofs it-terminu ta' EUR 21 miljun flimkien ma' kontribuzzjoni ta' EUR 91 miljun tar-Renju Unit; b) sa EUR 1 981.3 miljun mingħand Ewropa Diġitali; (c) sa EUR 200 miljun mingħand il-FNE2.

(2) Mhumiex inklużi l-kontribuzzjonijiet fi flus kontanti tal-Istati Parteċipanti mħallsa direttament lill-kuntratturi/benefiċjarji.

(3) Tikkonsisti f'kontribuzzjonijiet *in natura* tal-Istati Parteċipanti għall-kostijiet operazzjonali tal-entitajiet ospitanti u f'kontribuzzjonijiet *in natura* tal-membri privati għall-attivitajiet operazzjonali tal-JU.

Sors: il-QEA, abbażi ta' data pprovduta mill-JU u abbażi tar-regolament fundatur tal-istess JU.

3.9.19. Sa tmiem l-2024, it-tielet sena ta' Orizzont Ewropa u Ewropa Diġitali, l-UE u l-Istati parteċipanti flimkien kienu laħqu biss madwar 17 % tal-mira tal-kontribuzzjonijiet totali tagħhom. Dan jirrifletti, fost oħrajn, ir-riallokazzjoni tar-riżorsi, prinċipalment mingħand attivitajiet ta' investiment taħt Ewropa Diġitali, għall-attivitajiet taħt il-pilastru l-ġdid tal-IA (ara l-paragrafu **3.9.16**).

3.9.20. Filwaqt li l-miri tal-kontribuzzjonijiet tal-membri privati kienu ogħla aktar mid-doppju ta' dawk fil-QFP ta' qabel (żieda minn EUR 420 miljun għal EUR 900 miljun), fl-2024 inkisbu biss EUR 2.8 miljun f'kontribuzzjonijiet *in natura*. Din is-sitwazzjoni rriżultat mill-istess raġunijiet strutturali kif deskritti b'rabta ma' Orizzont 2020 (ara l-paragrafu **3.9.15**). Barra minn hekk, taħt il-programmi tal-perjodu 2021–2027, il-membri privati huma esklużi milli jipparteċipaw fi proġetti ta' investiment ffinanzjati taħt Ewropa Diġitali bħax-xiri jew l-aġġornament ta' superkompjuters u l-istabbiliment ta' fabbriki tal-IA (madwar 70 % tal-attivitajiet tal-JU), u huma limitati għal proġetti ta' għotjiet għall-innovazzjoni, li jirrappreżentaw 3 % biss mit-30 % li jifdal li jimmiraw lejn l-attivitajiet ta' għotjiet taħt Orizzont Ewropa. Dan inaqqas ferm il-possibbiltà tagħhom li jiġġeneraw kontribuzzjonijiet *in natura*.

3.9.21. Kif osservajna fir-rapport annwali tas-sena l-oħra dwar l-Impriża Konġunti tal-UE (il-paragrafu 3.9.19), dment li l-arranġamenti ta' finanzjament⁴⁰ u/jew il-mira tal-kontribuzzjonijiet tal-EuroHPC għall-membri privati jibqgħu l-istess, din mhijiex se tilħaq il-mira tal-kontribuzzjonijiet tal-membri privati ferm ogħla taħt il-QFP 2021–2027. Dan huwa ta' tħeddida għall-ilħuq tal-oġġettivi ġenerali tal-programm tagħha — jiġifieri li jkun hemm kooperazzjoni b'saħħitha mas-sħab privati.

Osservazzjonijiet dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet

3.9.22. Awditajna ħames tranżazzjonijiet relatati ma' Orizzont 2020 u Orizzont Ewropa (permezz ta' kampjuni li ttieħdu b'mod aleatorju mill-pagamenti finali/*interim* kollha u l-approvazzjonijiet kollha li l-JU għamlet fl-2024), fil-livell tal-benefiċjarji finali biex nivvalutaw l-effettività tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-JU fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tan-nefqa operazzjonali. Sibna dgħufijiet fil-kontroll u s-superviżjoni tal-iskedi bil-ħinijiet tax-xogħol tal-persunal li kien qed jaħdem għal proġett wieħed li l-kampjun tagħna kien jikkonċerna. F'każ ieħor, sibna żball b'impatt finanzjarju li rriżulta minn kostijiet ineliġibbli għall-persunal minħabba metodu skorrett għall-kalkolu tar-rati fis-sieġha.

3.9.23. Abbażi tar-riżultati tal-awditjar *ex post* tas-Servizz tal-Awditjar Komuni (CAS) tal-Kummissjoni, il-JU rappurtat rata ta' żball rappreżentattiva ta' 0.84 % u rata tal-iżball residwu ta' 0 % għan-nefqa tagħha taħt Orizzont 2020 (li kienet tirrappreżenta madwar 80 % tal-pagamenti totali tagħha fl-2024)⁴¹. Għadu ma hemm l-ebda riżultat tal-awditjar *ex post*

⁴⁰ Ara l-Artikolu 15(3)(g) tal-Istatuti meħmużin bħala annessi mar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/1173 flimkien mal-Artikolu 7(1) u 11(2) tal-istess regolament.

⁴¹ Ir-Rapport Annwali tal-Attività Konsolidat 2024 tal-EuroHPC JU, il-kapitolu dwar il-Kontroll Intern (il-paġna 104).

L-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew (EuroHPC)

disponibbli għan-nefqa taħt Orizzont Ewropa u taħt Ewropa Diġitali (madwar 17 % tal-pagamenti kollha tal-2024).

Osservazzjonijiet dwar kwistjonijiet oħra

L-EuroHPC ma kinitx laħqet il-miri ta' rekrutaġġ tagħha sa tmiem l-2024

3.9.24. Fl-2021 lill-EuroHPC, il-Kummissjoni tatha 39 pożizzjoni oħra tal-persunal bħala kontribut lejn l-għadd sfiż ta' 54 membru tal-persunal li kienet teħtieġ biex timplimenta madwar EUR 7 biljun f'fondi taħt il-QFP 2021–2027. Mill-postijiet il-ġodda, 30 kellhom jimtew sa tmiem l-2022, u d-9 l-oħra kellhom jimtew sa tmiem l-2023. Fi tmiem l-2024, 14 mid-39 post kienu għadhom vakanti. Dan jista' jipprevieni lill-EuroHPC milli timplimenta l-attivitajiet tagħha kif ippjanat.

Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

3.9.25. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjoni korrettiva li ttieħdet mill-EuroHPC b'rispons għall-osservazzjonijiet tagħna fis-snin preċedenti tingħata fl-[Anness](#).

Anness — Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

Numru	Sena tal-osservazzjoni tal-QEA	Osservazzjoni tal-QEA (sommarju)	Azzjoni korrettiva u żviluppi rilevanti oħra (sommarju)	Status tal-osservazzjoni tal-QEA
1	2023	Pjan għall-kontinwità tal-operat (BCP) u pjan ta' rkupru minn diżastri (DRP) — it-tnejn inkompleti.	Il-JU adottat il-BCP u d-DRP aġġornati tagħha fl-2024, u ttestjathom f'Mejju 2025.	Magħluqa
2	2023	L-ebda politika ta' kontroll intern għal funzjonijiet sensittivi.	Il-JU adottat politika dwar il-ġestjoni ta' funzjonijiet sensittivi fl-2024.	Magħluqa
3	2021, 2022, 2023	L-arranġamenti ta' finanzjament tal-JU, li permezz tagħhom il-membri privati setgħu jipprovdu kontribuzzjonijiet <i>in natura</i> għal tip wieħed biss ta' proġett (proġetti ta' innovazzjoni li kienu jirrappreżentaw xi 30 % tal-fondi totali taħt Orizzont Ewropa) żammew lill-membri privati milli jilħqu l-miri tal-kontribuzzjonijiet minimi tagħhom.	Is-sitwazzjoni ppersistiet fl-2024 (ara l-paragrafu 3.9.20).	Miftuħa
4	2022, 2023	Rati baxxi ta' implimentazzjoni għall-approprijazzjonijiet ta' impenn u dawk ta' pagament relatati ma' Ewropa Diġitali.	Is-sitwazzjoni ppersistiet fl-2024 fir-rigward tal-attivitajiet ta' investiment taħt Ewropa Diġitali (ara l-paragrafu 3.9.16).	Miftuħa
5	2023	Akkumulazzjoni ta' surplus ta' flus kontanti.	Fi tmiem l-2024, is-surplus ta' flus kontanti tal-EuroHPC JU żdied minn EUR 840.7 miljun fi tmiem l-2023 għal EUR 904.7 miljun fi tmiem l-2024.	Miftuħa

L-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew (EuroHPC)

Numru	Sena tal-osservazzjoni tal-QEA	Osservazzjoni tal-QEA (sommarju)	Azzjoni korrettiva u żviluppi rilevanti oħra (sommarju)	Status tal-osservazzjoni tal-QEA
6	2020, 2021, 2022, 2023	Meta kien qed jiġi ppjanat il-baġit amministrattiv għall-impenji u l-pagamenti (it-Titoli 1 u 2), ma tteħidx kont biżżejjed tar-riallokazzjoni ta' ammonti sinifikanti f'approprjazzjonijiet ta' pagament mhux użati mis-snin ta' qabel.	Filwaqt li fl-2024, ir-rata ta' implimentazzjoni għall-baġit għan-nefqa tal-persunal (it-Titolu 1) kienet ta' 95 %, is-sitwazzjoni ppersistiet għall-baġit tal-pagamenti għall-bini, it-tagħmir u n-nefqa operatorja (it-Titolu 2). Minħabba li ma ngħatatx biżżejjed kunsiderazzjoni għar-riallokazzjoni għall-baġit amministrattiv tal-2024 għall-appropriazzjonijiet ta' pagament kumulattivi mhux użati, ir-rata ta' implimentazzjoni għall-baġit tal-pagamenti għat-Titolu 2 baqgħet baxxa, f'livell ta' 61 % (2023: 26 %).	Miftuħa
7	2021, 2022, 2023	Il-miri tar-reklutaġġ ma ntlaħqux.	Fi tmiem l-2024, il-JU kienet għadha ma laħqitx il-mira tagħha li tirrekluta 39 membru tal-persunal ġdid sa tmiem l-2023 (ara l-paragrafu 3.9.24).	Miftuħa
8	2023	Dgħufijiet fil-fażi ta' qabel l-għażla fir-rigward tal-proċeduri ta' reklutaġġ.	Fl-2024, għall-fażi ta' qabel l-għażla fir-rigward tal-proċeduri ta' reklutaġġ tagħha, l-EuroHPC implimentat l-użu ta' grilja ta' punteġġ b'ponderazzjoni għal kull wieħed mill-kriterji essenzjali.	Magħluqa

L-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew (EuroHPC)

Risposti tal-EuroHPC

https://www.eca.europa.eu/Lists/ECARepplies/EuroHPC-Replies-SAR-JUS-2024/EuroHPC-Replies-SAR-JUS-2024_MT.pdf

3.10. L-Impriża Konġunta Networks u Servizi Intelliġenti (SNS JU)

Introduzzjoni


3.10.1. Il-JU Networks u Servizi Intelliġenti (SNS JU), li tinsab fi Brussell, ġiet stabbilita f'Novembru 2021 taħt il-programm Orizzont Ewropa għall-perjodu li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2029⁴². Kisbet l-awtonomija finanzjarja tagħha fl-24 ta' Ottubru 2023.

3.10.2. L-SNS JU hija sħubija pubblika-privata li għandha l-għan li tiffaċilita u tiżviluppa t-tmexxija industrijali fl-Ewropa fin-networks u s-servizzi tal-5G u tas-6G. Il-membri tagħha huma l-UE, irrappreżentata mill-Kummissjoni (id-DĠ CNECT), u l-Assoċjazzjoni għall-Industrija tan-Networks u s-Servizzi Intelliġenti tas-6G (6G-IA).

3.10.3. Il-Figura 3.10.1 tippreżenta ċ-ċifri ewlenin għall-JU.

Figura 3.10.1 — Iċ-ċifri ewlenin għas-SNS JU

Baġit tal-UE (miljun EUR)*



Persunal (impjegat fil-31 ta' Diċembru)**



* Il-baġit disponibbli jinkludi l-appropriazzjonijiet mhux użati fi snin preċedenti, li l-JU riallokata għall-baġit tas-sena attwali, kif ukoll id-dħul assenjat u r-riallokazzjonijiet għas-sena ta' wara.

** "Persunal" jinkludi persunal temporanju u persunal bil-kuntratt.

Sors: data pprovduta mill-JU.

⁴² Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta fil-qafas ta' Orizzont Ewropa.

Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħna lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill — rapport tal-awditur indipendenti

Opinjoni

3.10.4. L-approċċ tal-awditjar tagħna, il-bażi għall-opinjoni tagħna, ir-responsabbiltajiet tal-maniġment tal-Impriża Konġunta Ewropa Networks u Servizzi Intelliġenti (SNS JU) u ta' dawk inkarigati mill-governanza tagħha, kif ukoll ir-responsabbiltajiet tal-awditur għall-awditu tal-kontijiet u tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, huma kollha deskritti fit-Taqsima **3.1**. Il-firma fil-paġna **160** tiffirma parti integrali mill-opinjoni.

3.10.5. Aħna awditjajna:

- (a) il-kontijiet tal-SNS JU, li jinkludu r-rapporti finanzjarji u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024, u
- (b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet, kif meħtieġ mill-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Affidabbiltà tal-kontijiet

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

3.10.6. Fl-opinjoni tagħna, il-kontijiet tas-SNS JU għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2024, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha, u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-regolament finanzjarju tiegħu u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni. Dawn huma bbażati fuq standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment.

Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

Dħul

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet

3.10.7. Fl-opinjoni tagħna, id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet tas-SNS JU għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Pagamenti

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

3.10.8. Fl-opinjoni tagħna, il-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-SNS JU għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

3.10.9. L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tagħna.

Osservazzjonijiet dwar il-ġestjoni baġitarja

Il-membri privati laħqu l-miri tagħhom, pemezz tal-attivitajiet addizzjonali

3.10.10. *It-Tabella 3.10.1* tippreżenta ħarsa ġenerali li tqabbel il-miri tal-kontribuzzjonijiet tal-membri tas-SNS JU għal Orizzont Ewropa mal-kontribuzzjonijiet reali tagħhom (fi flus kontanti u *in natura*) kif irrappurtati fil-kontijiet annwali tal-JU fi tmiem l-2024.

L-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti (SNS JU)

Tabella 3.10.1 — Kontribuzzjonijiet tal-membri għal Orizzont Ewropa (f'miljun EUR)

Membri	Kontribuzzjonijiet tal-membri (skont ir-Regolament Fundatur)			Kontribuzzjonijiet tal-membri (fil-31.12.2024)					
	Attivitajiet operazzjonali	Kostijiet amministrattivi	Total	Fi flus kontanti, invalidati	Fi flus kontanti, mhux invalidati	In natura ⁽¹⁾ vvalidati	In natura ⁽¹⁾ , irrappurtati iżda mhux invalidati	Total	% ta' lħuq
UE (DĠ RTD) ⁽²⁾	881.5	18.5	900.0	416.8	19.1	M/A	M/A	435.9	48 %
Membri privati ⁽²⁾	881.5	18.5	900.0	1.7	0.0	337.3	24.7	363.7	40 %
Total	1 763.0	37.0	1 800.0	418.5	19.1	337.3	24.7	799.6	44 %

(1) Tikkonsisti f'kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet operazzjonali (IKOP) u kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet addizzjonali (IKAA).

(2) Tinkludi kontribuzzjonijiet tar-Renju Unit ta' EUR 21 miljun u t-tnaqqis ta' nofs it-terminu ta' Orizzont Ewropa f'ammont ta' EUR 21 miljun.

Sors: il-QEA, abbażi ta' *data* pprovduta mill-JU u abbażi tar-regolament fundatur tal-istess JU.

3.10.11. Sa tmiem l-2024, l-UE u l-membri privati flimkien kienu laħqu madwar 44 % tal-mira tal-kontribuzzjonijiet totali tagħhom (48 % u 40 % rispettivament). Skont il-kontijiet annwali tal-JU, EUR 337.3 miljun f'kontribuzzjonijiet tal-membri privati (93 %) kienu jikkonċernaw attivitajiet addizzjonali mhux marbuta direttament mal-proġetti ffinanzjati mill-SNS JU. Aħna nosservaw li kemm għall-IKAA kif ukoll għall-IKOP, il-JU jeħtiġilha tapplika regoli simili dwar iċ-ċertifikazzjoni, ir-rappurtar u l-validazzjoni tagħhom. Madankollu, peress li attivitajiet addizzjonali mhumiex marbuta bl-istess regoli dwar l-evalwazzjoni u l-monitoraġġ bħall-attivitajiet, iffinanzjati mill-JUs, li jirriżultaw mis-sejthiet, inqis li jaf ikun hemm riskju li jkunu inqas effettivi f'termini ta' lħuq tal-oġġettivi tal-programm tal-JU.

Osservazzjonijiet dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet

3.10.12. Awditajna żewġ tranżazzjonijiet relatati ma' Orizzont Ewropa (permezz ta' kampjuni li ttieħdu b'mod aleatorju mill-pagamenti *interim* kollha u l-approvazzjonijiet kollha li l-JU għamlet fl-2024), fil-livell tal-benefiċjarji finali, biex nivvalutaw l-effettività tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-SNS JU fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tan-nefqa operazzjonali. Sibna żball wieħed b'impatt finanzjarju, li rriżulta minn kostijiet ineliġibbli għall-persunal minħabba rappurtar skorrett ta' tali spejjeż għas-sid ta' intrapriża żgħira u medja u minħabba metodu skorrett għall-kalkolu tal-kostijiet reali.

3.10.13. Is-servizz tal-Awditjar Komuni tal-Kummissjoni għadu ma kiseb l-ebda riżultat tal-awditjar *ex post* għal Orizzont Ewropa, u għalhekk ma stajniex nieħduhom inkunsiderazzjoni għall-valutazzjoni kumplessiva tagħna.

Osservazzjonijiet dwar is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll

L-SNS JU għadha ma implimentatx qafas ta' kontroll ibbażat fuq ir-riskju għall-pagamenti ta' għotjiet taħt Orizzont Ewropa

3.10.14. L-SNS JU għadha ma implimentax kontrolli bbażati fuq ir-riskju fir-rigward tan-nefqa taħt Orizzont Ewropa. L-użu ta' qafas ta' kontroll sistematiku u ċentralizzat huwa parti ewlenija mid-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tad-Direttur Eżekuttiv dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' pagament tal-JU. L-istabbiliment ta' qafas ta' kontroll ibbażat fuq ir-riskju se jinvolti ammont sinifikanti ta' xogħol li għalih l-SNS JU se jkollha tagħmel disponibbli r-riżorsi meħtieġa.

Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

3.10.15. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjoni korrettiva li ttieħdet mill-SNS JU b'rispons għall-osservazzjonijiet tagħna fis-snin preċedenti tingħata fl-[Anness](#).

Anness — Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

Numru	Sena tal-osservazzjoni tal-QEA	Osservazzjoni tal-QEA (sommarju)	Azzjoni korrettiva u żviluppi rilevanti oħra (sommarju)	Status tal-osservazzjoni tal-QEA
1	2023	Implimentazzjoni parzjali biss tal-qafas ta' kontroll intern tal-Kummissjoni. B'mod partikolari, għadha meħtieġa azzjoni biex żgur ikun hemm: il-funzjonament effettiv tal-pjan għall-kontinwità tal-operat (BCP) u l-pjan ta' rkupru minn diżastri (DRP), il-politika dwar il-ġestjoni ta' funzjonijiet sensittivi, u l-prinċipji ta' kontroll għall-valutazzjoni tar-riskju u l-attivitajiet ta' kontroll u monitoraġġ.	Il-JU adottat politika dwar il-ġestjoni ta' funzjonijiet sensittivi f'Ġunju 2024. BCP u DRP komuni u aġġornati ġew approvati fl-2024. L-ittestjar taż-żewġ pjanijiet huwa parti mill-programm ta' ħidma komuni tal-IT għall-2025. Sa tmiem l-2024, il-JU kienet għadha ma implimentatx qafas ta' kontroll ibbażat fuq ir-riskju għan-nefqa taħt Orizzont Ewropa (ara l-paragrafu 3.10.14).	Miftuħa

L-Impriża Konġunta Networks u Servizi Intelliġenti (SNS JU)

Risposti tal-SNS

https://www.eca.europa.eu/Lists/ECARepplies/SNS-Replies-SAR-JUS-2024/SNS-Replies-SAR-JUS-2024_MT.pdf

3.11. L-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3

Introduzzjoni

3.11.1. Il-JU Saħħa Globali EDCTP3, li tinsab fi Brussell, ġiet stabbilita f'Novembru 2021 taħt il-programm Orizzont Ewropa għall-perjodu li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2031⁴³. Bniet fuq l-ewwel u t-tieni programmi tas-Sħubija għall-Provi Kliniċi bejn Pajjiżi Ewropej u Pajjiżi li qed Jiżviluppaw (EDCTP). Kisbet l-awtonomija finanzjarja tagħha fit-23 ta' Novembru 2023.


3.11.2. Il-JU Saħħa Globali EDCTP3 hija sħubija bejn l-UE u l-Assoċjazzjoni tal-EDCTP, li l-membri attwali tagħha huma [15-il pajjiż Ewropew](#) u [30 pajjiż Afrikan](#). Għandha l-għan li tipprovdi soluzzjonijiet għodda biex jitnaqqas il-piż tal-mard infettiv fl-Afrika sub-Saħarjana u biex jissaħħu l-kapaċitajiet ta' riċerka għat-tnejn u r-rispons għat-tfaċċar mill-għdid ta' mard infettiv emerġenti mill-għdid f'dak ir-reġjun u fil-livell dinji. Il-membri tagħha huma l-UE, irrappreżentata mill-Kummissjoni (id-DĠ RTD), u l-Assoċjazzjoni tal-EDCTP.

⁴³ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa.

3.11.3. Il-*Figura 3.11.1* tippreżenta ċ-ċifri ewlenin għall-JU.

Tabella 3.11.1 — Iċ-ċifri ewlenin għall-JU Saħħa Globali EDCTP3

Baġit tal-UE (miljun EUR)*



Persunal (impjegat fil-31 ta' Diċembru)**



* Il-baġit disponibbli jinkludi l-appropriazzjonijiet mhux użati fi snin preċedenti, li l-JU riallokata għall-baġit tas-sena attwali, kif ukoll id-dħul assenjat u r-riallokazzjonijiet għas-sena ta' wara.

** "Persunal" jinkludi persunal temporanju u persunal bil-kuntratt.

Sors: data pprovduta mill-JU.

3.11.4. Iż-żieda fil-baġit tal-JU għall-2024 għall-impenji u l-pagamenti tirrifletti l-ħruġ ta' sejħa importanti għal proposti u ta' pagamenti ta' prefinanzjament fuq ftehimiet ta' għotja skont is-sejħa tal-2023. Fi tmiem l-2024, l-Impriża Konġunta kienet temmet ir-reklutaġġ għall-postijiet previsti fit-tabella tal-persunal tagħha.

Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħna lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill — rapport tal-awditur indipendenti

Opinjoni

3.11.5. L-approċċ tal-awditjar tagħna, il-bażi għall-opinjoni tagħna, ir-responsabbiltajiet tal-maniġment tal-JU Saħħa Globali EDCTP3 u ta' daww inkarigati mill-governanza tagħha, kif ukoll ir-responsabbiltajiet tal-awditur għall-awditu tal-kontijiet u tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, huma kollha deskritti fit-Taqsima 3.1. Il-firma fil-paġna 160 tiffirma parti integrali mill-opinjoni.

3.11.6. Aħna awditajna:

- (a) il-kontijiet tal-JU Saħħa Globali EDCTP3, li jinkludu r-rapporti finanzjarji u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024, u
- (b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet, kif meħtieġ mill-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Affidabbiltà tal-kontijiet

3.11.7. Fl-opinjoni tagħna, il-kontijiet tal-JU Saħħa Globali EDCTP3 għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2024, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha, u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-regolament finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni. Dawn huma bbażati fuq standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment.

Kwistjonijiet oħra

3.11.8. Niġbdu l-attenzjoni għal avvenimenti importanti li seħħew mill-perjodu ta' rapportar 'il hawn u li jaf ikollhom impatt sinifikanti fuq l-attivitajiet tal-JU. B'mod partikolari:

- L-eskalazzjoni attwali tal-kunflitt fil-Lvant tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo tista' thedded diversi proġetti ffinanzjati mill-JU fir-reġjun.
- Il-JU u l-Assoċjazzjoni tal-EDCTP kienu organizzaw it-12-il Forum tal-EDCTP fir-Rwanda bejn il-15 u l-20 ta' Ġunju 2025, fi sħubija mal-Ministeru tas-Saħħa Rwandiż u ċ-Ċentru Bijomediku tar-Rwanda. Fl-2024, il-JU impenjat madwar EUR 1 000 000 kompletament għall-ispejjeż operazzjonali ta' dan l-avveniment. –
- Fit-13 ta' Frar 2025, il-Parlament Ewropew ħareġ riżoluzzjoni fil-kuntest tal-vjolenza eskalata fil-Lvant tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo.
- Fi Frar 2025, is-Segretarju tal-Istat tal-Istati Uniti ħabbar il-kanċellazzjoni tal-biċċa l-kbira mill-programmi ffinanzjati mill-Aġenzija tal-Istati Uniti għall-Iżvilupp Internazzjonali (USAID), f'mossa li tista' tolqot b'mod avvers lil xi benefiċjarji tal-JU li jiddependu bil-kbir minn dan il-finanzjament.

L-opinjoni tagħna fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet mhijiex modifikata.

Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

Dħul

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet

3.11.9. Fl-opinjoni tagħna, id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet tal-JU Saħħa Globali EDCTP3 għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Pagamenti

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

3.11.10. Fl-opinjoni tagħna, il-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-JU Saħħa Globali EDCTP3 għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

3.11.11. L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tagħna.

Osservazzjonijiet dwar il-ġestjoni baġitarja

Il-JU Saħħa Globali EDCTP3 għadha lura ferm mill-mira fl-involviment tas-sħab kontribwenti

3.11.12. It-[Tabella 3.11.1](#) tippreżenta ħarsa ġenerali li tqabbel il-miri tal-kontribuzzjonijiet tal-membri u tas-sħab kontribwenti tal-JU Saħħa Globali EDCTP3 mal-kontribuzzjonijiet reali tagħhom (fi flus kontanti u *in natura*) kif irrappurtati fil-kontijiet annwali tal-JU fi tmiem l-2024.

L-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3

Tabella 3.11.1 — Kontribuzzjonijiet tal-membri għal Orizzont Ewropa (f'miljun EUR)

Membri	Kontribuzzjonijiet tal-membri (skont ir-Regolament Fundatur)			Kontribuzzjonijiet tal-membri (fil-31.12.2024)					
	Attivitajiet operazzjonali	Kostijiet amministrattivi	Total	Fi flus kontanti, ivalidati	Fi flus kontanti, mhux ivalidati	In natura vvalidati	In natura, irrappurtati iżda mhux ivalidati	Total	% ta' lħuq
UE (DĠ RTD) ⁽²⁾	830.3	59.8	890.1	120.9	4.0	M/A	M/A	124.9	14 %
EDCTP — Stati Parteċipanti ⁽¹⁾⁽²⁾	550.0	0.0	550.0	5.3	M/A	0.0	394.5	399.8	73 %
Sħab kontribwenti ⁽¹⁾	400.0	0.0	400.0	0.0	15.6	M/A	M/A	15.6	4 %
Total	1 780.3	59.8	1 840.1	126.2	19.6	0.0	394.5	540.3	29 %

(1) Il-kontribuzzjonijiet tal-assoċjazzjoni tal-EDCTP jikkonsistu f'kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet addizzjonali (IKAA). Il-kontribuzzjonijiet tas-sħab kontribwenti jikkonsistu f'kontribuzzjonijiet fi flus kontanti għall-attivitajiet tal-JU.

(2) Tinkludi kontribuzzjonijiet tar-Renju Unit ta' EUR 110.1 miljun u t-tnaqqis ta' nofs it-terminu ta' Orizzont Ewropa f'ammont ta' EUR 20 miljun.

Sors: il-QEA, abbażi ta' *data* pprovduta mill-JU u abbażi tar-regolament fundatur tal-istess JU.

3.11.13. Sa tmiem l-2024, l-Assoċjazzjoni tal-EDCTP kienet diġà rrapportat EUR 399.8 miljun (73 % tal-mira) f'kontribuzzjonijiet fi flus kontanti u kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet addizzjonali, filwaqt li l-kontribuzzjonijiet fi flus kontanti tal-UE kienu biss f'rata ta' 14 % tal-mira. Fil-kontijiet annwali tagħha, il-JU tistma li permezz tal-kontribuzzjonijiet tal-Assoċjazzjoni tal-EDCTP, flimkien ma' EUR 110.1 miljun f'impenji għall-attivitajiet addizzjonali min-naħa tar-Renju Unit, żgur li l-kontribuzzjonijiet *in natura* totali għall-attivitajiet addizzjonali jkunu jammontaw għal EUR 550 miljun (100 % tal-mira tal-kontribuzzjoni minima tal-Assoċjazzjoni tal-EDCTP) sa tmiem il-programm.

3.11.14. Skont il-Premessa 69 [tar-regolament fundatur](#) tas-Saħħa Globali EDCTP3, jenħtieġ li l-JU Saħħa Globali EDCTP3 tteġġeġ finanzjaturi internazzjonali oħra tar-riċerka, bħal filantropi, l-industrija farmaċewtika, u pajjiżi oħra mhux tal-UE, biex jagħmlu kontribuzzjonijiet fi flus kontanti lis-sħubija bħala sħab kontribwenti. L-Artikolu 102 tar-Regolament jirrikjedi li l-JU timmira kontribuzzjonijiet fi flus kontanti f'ammont ta' EUR 400 miljun sa tmiem l-implimentazzjoni tal-programm. Madankollu, sa tmiem l-2024, it-tielet sena ta' implimentazzjoni, il-livell ta' kontribuzzjonijiet fi flus kontanti mingħand is-sħab kontribwenti kien għadu baxx ħafna, f'ammont ta' EUR 15.6-il miljun (4 % tal-mira). Fl-2024, il-JU ħadet biss sieħeb addizzjonali, li l-kontribuzzjonijiet tiegħu ta' madwar EUR 2.2 miljun se jimmaterjalizzaw fl-2025 u fl-2026. In-nuqqas ta' kontribuzzjonijiet bħal dawn jaf inaqqas bil-kbir l-effett ta' ingranaġġ tal-attivitajiet tal-JU u għalhekk jippreżenta riskju għall-ilħuq tal-oġġettivi tal-programm tagħha.

Dgħufijiet fl-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-baġit għan-nefqa amministrattiva

3.11.15. Sa tmiem l-2024, il-JU Saħħa Globali EDCTP3 kienet għamlet pagamenti ta' EUR 3 miljun biss (75 %) mill-baġit għan-nefqa tal-persunal tagħha li kien jammonta għal madwar EUR 4 miljun (it-Titolu 1), u EUR 1 000 000 biss (37 %) mill-baġit amministrattiv għall-infrastruttura li kien jammonta għal EUR 2.7 miljun (it-Titolu 2). B'riżultat ta' dan, il-volum ta'

L-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3

approprjazzjonijiet ta' pagament amministrattivi mhux użati li kellhom jiġu riallokati għall-baġit amministrattiv tas-sena ta' wara kien ta' EUR 2.7 miljun, jew 40 % tal-baġit amministrattiv totali (it-Titolu 1 u 2) għall-2025. Skont il-JU, iż-żieda fl-appropriazzjonijiet ta' pagament amministrattivi mhux użati ġrat prinċipalment minħabba dewmien fir-reklutaġġ (it-Titolu 1) u l-implimentazzjoni tard tal-kuntratti ta' rinnovazzjoni (it-Titolu 2) li għalihom in-nefqa kienet skedata għall-2024.

Osservazzjonijiet dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet

3.11.16. Awditajna tranżazzjoni waħda relatata ma' Orizzont Ewropa (permezz ta' kampjuni li ttieħdu b' mod aleatorju mill-pagamenti *interim*/finali kollha u l-approvazzjonijiet kollha li l-JU għamlet fl-2024), fil-livell tal-benefiċjarji finali, biex nivvalutaw l-effettività tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-JU fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tan-nefqa operazzjonali. It-tranżazzjoni kienet ħielsa minn żball.

3.11.17. Is-servizz tal-Awditjar Komuni tal-Kummissjoni għadu ma kiseb l-ebda riżultat tal-awditjar *ex post* għal Orizzont Ewropa, u għalhekk ma stajniex nieħduhom inkunsiderazzjoni għall-valutazzjoni kumplessiva tagħna.

Osservazzjonijiet dwar kwistjonijiet oħra

Nuqqasijiet fl-għażla ta' membru tal-persunal superjuri

3.11.18. Fl-2024, il-JU Saħħa Globali EDCTP3 mexxiet proċedura tal-għażla għal pożizzjoni maniġerjali. Kandidati mingħajr l-esperjenza maniġerjali u l-għarfien espert minimi meħtieġa kif stipulat fl-avviż ta' post vakanti ma ġewx esklużi b' mod sistematiku. Madankollu, dan ma laqatx l-eżitu tal-proċedura billi l-kandidat magħżul issodisfa l-kriterji kollha tal-għażla.

Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

3.11.19. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjoni korrettiva li ttieħdet mill-JU Saħħa Globali EDCTP3 b'rispons għall-osservazzjonijiet tagħna mis-snin preċedenti tingħata fl-[Anness](#).

Anness — Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

Numru	Sena tal-osservazzjoni tal-QEA	Osservazzjoni tal-QEA (sommarju)	Azzjoni korrettiva u żviluppi rilevanti oħra (sommarju)	Status tal-osservazzjoni tal-QEA
1	2023	Implimentazzjoni parzjali biss tal-qafas ta’ kontroll intern tal-Kummissjoni. B’mod partikolari, għadha meħtieġa azzjoni biex żgur ikun hemm: il-funzjonament effettiv tal-pjan għall-kontinwità tal-operat (BCP) u l-pjan ta’ rkupru minn diżastri (DRP), il-politika dwar il-ġestjoni ta’ funzjonijiet sensittivi, u l-prinċipji ta’ kontroll għall-attivitajiet ta’ monitoraġġ.	Il-JU adottat politika dwar il-ġestjoni ta’ funzjonijiet sensittivi f’ Mejju 2024. BCP u DRP komuni u aġġornati ġew approvati fl-2024. L-ittestjar taż-żewġ pjanijiet huwa parti mill-programm ta’ ħidma komuni tal-IT għall-2025.	Miftuħa

L-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3

Risposti tal-JU Saħħa Globali EDCTP3

https://www.eca.europa.eu/Lists/ECARepplies/Global_Health_EDCTP3-Replies-SAR-JUS-2024/Global_Health_EDCTP3-Replies-SAR-JUS-2024_MT.pdf

3.12. Iċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà (ECCC)

Introduzzjoni

3.12.1. Iċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà (ECCC), li jinsab fi Brussell, ġie stabbilit f'Novembru 2021 taħt il-programm Ewropa Diġitali għall-perjodu li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2029⁴⁴. Kiseb l-awtonomija finanzjarja tiegħu fl-24 ta' Settembru 2024. Qabel dik id-data, il-Kummissjoni kienet responsabbli mill-baġit tal-ECCC għall-2024 u implimentat EUR 74.2 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament u EUR 2.1 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn.

3.12.2. L-ECCC jaħdem flimkien man-Network ta' Ċentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni biex jappoġġa l-innovazzjoni u l-politika industrijali fiċ-ċibersigurtà b'kooperazzjoni mal-industrija, l-SMEs, l-organizzazzjonijiet Ewropej tar-riċerka u tal-istandardizzazzjoni, l-entitajiet pubbliċi, u l-partijiet ikkonċernati li jittrattaw iċ-ċibersigurtà.


3.12.3. Il-*Figura 3.12.1* tippreżenta ċ-ċifri ewlenin għall-ECCC għall-perjodu bejn l-24 ta' Settembru u l-31 ta' Diċembru 2024.

⁴⁴ Ir-Regolament (UE) 2021/887 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi ċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà u n-Network ta' Ċentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni.

Iċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-
Ċibersigurtà (ECCC)

Figura 3.12.1 — Iċ-ċifri ewlenin għall-ECCC

Baġit tal-UE (miljun EUR)*



Persunal (impjegat fil-31 ta' Diċembru)**



* Il-baġit disponibbli jinkludi l-appropriazzjonijiet mhux użati fi snin preċedenti, li l-ECCC riallokata għall-baġit tas-sena attwali, kif ukoll id-dħul assenjat u r-riallokkazzjonijiet għas-sena ta' wara.

** "Persunal" jinkludi persunal temporanju u persunal bil-kuntratt.

Sors: data pprovduta mill-ECCC.

Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħna lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill — rapport tal-awditur indipendenti

Opinjoni

3.12.4. L-approċċ tal-awditjar tagħna, il-bażi għall-opinjoni tagħna, ir-responsabbiltajiet tal-maniġment taċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà (ECCC) u ta' daww inkarigati mill-governanza tiegħu, kif ukoll ir-responsabbiltajiet tal-awditur għall-awditu tal-kontijiet u tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, huma kollha deskritti fit-Taqsima 3.1. Il-firma fil-paġna 160 tiffirma parti integrali mill-opinjoni.

3.12.5. Aħna awditajna:

- (a) il-kontijiet tal-ECCC, li jinkludu r-rapporti finanzjarji u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit, għall-perjodu mill-24 ta' Settembru sal-31 ta' Diċembru 2024, u
- (b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati daww il-kontijiet, kif meħtieġ mill-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Affidabbiltà tal-kontijiet

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

3.12.6. Fl-opinjoni tagħna, il-kontijiet tal-ECCC għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tiegħu fil-31 ta' Diċembru 2024, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tiegħu, il-flussi tal-flus tiegħu, u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-regolament finanzjarju tiegħu u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni. Dawn huma bbażati fuq standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment.

Osservazzjonijiet

3.12.7. Niġbdu l-attenzjoni għan-Nota 4.1.2 tal-kontijiet tal-ECCC għall-2024, li tispjega li l-ECCC kiseb l-awtonomija finanzjarja fl-24 ta' Settembru 2024. Qabel dik id-data, il-Kummissjoni kienet responsabbli mill-istabbiliment u l-operat inizjali tal-ECCC. Niġbdu l-attenzjoni wkoll għan-Nota 4.3.3, li tispjega li, fl-2024, l-ammont totali mħallas fi prefinanzjament għall-attivitajiet operazzjonali kien ta' EUR 276.2 miljun, li minnhom EUR 195.6 miljun ingħataw mill-Kummissjoni qabel ma l-ECCC kiseb l-awtonomija finanzjarja. L-opinjoni tagħna fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet mhijiex modifikata.

Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

Dħul

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet

3.12.8. Fl-opinjoni tagħna, id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet tal-ECCC għall-perjodu mill-24 ta' Settembru sal-31 ta' Diċembru 2024 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Osservazzjonijiet

3.12.9. Niġbdu l-attenzjoni wkoll għan-Nota 5.1.3 tal-kontijiet annwali tal-ECCC għall-2024 li tispjega li, sal-31 ta' Diċembru 2024, l-Istati Membri għadhom ma għamlux kontribuzzjonijiet volontarji għall-azzjonijiet konġunti u l-baġit amministrattiv tal-ECCC. L-opinjoni tagħna fir-rigward ta' din il-kwistjoni mhijiex modifikata.

Iċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-
Ċibersigurtà (ECCC)

Pagamenti

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

3.12.10. Fl-opinjoni tagħna, il-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-ECCC għall-perjodu mill-24 ta' Settembru sal-31 ta' Diċembru 2024 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

3.12.11. L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tagħna.

Osservazzjonijiet dwar il-ġestjoni baġitarja

L-ECCC ma għandux informazzjoni dwar il-kontribuzzjonijiet kumulattivi tal-membri tiegħu li waslu qabel l-awtonomija finanzjarja tiegħu

3.12.12. Fil-kontijiet annwali tiegħu għall-2024, l-ECCC ma ddivulga l-ebda informazzjoni dwar il-kontribuzzjonijiet kumulattivi li l-membri tiegħu kienu għamlu qabel l-awtonomija finanzjarja tal-ECCC fil-livell tal-programmi taħt Orizzont Ewropa u Ewropa Diġitali. Lanqas ma qabbel il-kontribuzzjonijiet li kien irċeva mingħand is-sorsi kollha sa tmiem is-sena mal-miri tal-kontribuzzjonijiet stabbiliti għal kull programm. B'riżultat ta' dan, ma kien hemm l-ebda divulgazzjoni sħiħa ta' tmiem is-sena dwar il-kisbiet tal-ECCC.

Osservazzjonijiet dwar is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll

L-ECCC kien implimenta parzjalment il-qafas ta' kontroll intern tiegħu

3.12.13. Fi tmiem l-2024, l-ECCC kien implimenta parzjalment il-qafas ta' [kontroll intern tiegħu](#), li huwa bbażat fuq 17-il prinċipju. B'mod partikolari, għadu ma kienx lesta x-xogħol biex jara li żgur jiffunzjonaw b'mod effettiv il-pjan tiegħu għall-kontinwità tal-operat u l-pjan tiegħu ta' rkupru minn diżastri, tiġi stabbilita politika dwar il-ġestjoni ta' funzjonijiet sensittivi, jew jimplimenta l-prinċipji ta' kontroll relatati mal-valutazzjoni tar-riskju, mal-kontroll ibbażat fuq ir-risku, u mal-attivitajiet ta' monitoraġġ.

Iċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam ta' Ċibersigurtà (ECCC)

Osservazzjonijiet dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet

3.12.14. Awditjajna tranżazzjoni waħda relatata ma' Ewropa Diġitali (permezz ta' kampjuni li ttieħdu b' mod aleatorju mill-pagamenti *interim* kollha u l-approvazzjonijiet kollha li l-ECCC għamel fl-2024), fil-livell tal-benefiċjarji finali, biex nivvalutaw l-effettività tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-ECCC fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tan-nefqa operazzjonali. Sibna żball wieħed b'impatt finanzjarju, li rriżulta minn kostijiet ineliġibbli għall-persunal minħabba l-użu ta' kostijiet unitarji skorretti waqt il-kalkolu tar-rati ta' kuljum.

3.12.15. Is-Servizz tal-Awditjar Komuni (CAS) tal-Kummissjoni jwettaq awditi *ex post* tal-pagamenti taħt Orizzont Ewropa. Fil-każ ta' Ewropa Diġitali, dawn l-awditi jsiru mill-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali (HaDEA). Għad ma hemm l-ebda riżultat tal-awditjar *ex post* disponibbli, u għalhekk ma stajniex nieħduhom inkunsiderazzjoni għall-valutazzjoni kumplessiva li wettaqna.

Iċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-
Ċibersigurtà (ECCC)

Risposti tal-ECCC

https://www.eca.europa.eu/Lists/ECARepplies/ECCC-Replies-SAR-JUS-2024/ECCC-Replies-SAR-JUS-2024_MT.pdf



Impriża Konġunta li topera taħt l-Euratom

3.13. L-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (F4E)


Introduzzjoni

3.13.1. Il-JU Ewropea għar-Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali (ITER) u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (F4E) ġiet stabbilita f'April 2007 għal perjodu ta' 35 sena⁴⁵. Wieħed mill-kompiti prinċipali tagħha huwa li ttipprovdi l-kontribuzzjoni tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) lill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER (ITER-IO), li hija inkarigata mill-implimentazzjoni tal-proġett ITER. Il-faċilitajiet prinċipali tal-fużjoni jinsabu f'Cadarache fi Franza, iżda l-F4E nnifisha tinsab f'Barċellona. Il-membri tagħha huma l-Euratom, irrappreżentata mill-Kummissjoni, u l-Istati Membri tal-Euratom.

3.13.2. Il-Figura 3.13.1 tippreżenta ċ-ċifri ewlenin għall-JU.

Tabella 3.13.1 — Iċ-ċifri ewlenin għall-F4E JU

Baġit tal-UE (miljun EUR)*



Persunal (impjegat fil-31 ta' Diċembru)**



* Il-baġit disponibbli jinkludi l-appropriazzjonijiet mhux użati fi snin preċedenti, li l-JU riallokata għall-baġit tas-sena attwali, kif ukoll id-dħul assenjat u r-riallokazzjonijiet għas-sena ta' wara.

** Il-"persunal" jinkludi uffiċjali, persunal temporanju, persunal bil-kuntratt, u esperti nazzjonali sekondati.

Sors: data pprovduta mill-JU.

⁴⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/198/Euratom li tistabbilixxi l-JU Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferilha vantaġġi.

Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħna lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill — rapport tal-awditur indipendenti

Opinjoni

3.13.3. L-approċċ tal-awditjar tagħna, il-bażi għall-opinjoni tagħna, ir-responsabbiltajiet tal-maniġment tal-JU Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (F4E) u ta' daww inkarigati mill-governanza tagħha, kif ukoll ir-responsabbiltajiet tal-awditur għall-awditu tal-kontijiet u tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, huma kollha deskritti fit-Taqsima **3.1**. Il-firma fil-paġna **160** tiffirma parti integrali mill-opinjoni.

3.13.4. Aħna awditjajna:

- (a) il-kontijiet tal-F4E, li jinkludu r-rapporti finanzjarji u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024, u
- (b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati daww il-kontijiet, kif meħtieġ mill-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Affidabbiltà tal-kontijiet

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

3.13.5. Fl-opinjoni tagħna, il-kontijiet tal-F4E għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2024 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2024, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha, u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-regolament finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni. Dawn huma bbażati fuq standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment.

Osservazzjonijiet

3.13.6. Niġbdu l-attenzjoni għan-Nota 6.4.2 tal-kontijiet annwali tal-F4E JU għall-2024, li fiha l-kost totali għat-tlestija tal-obbligi ta' konsenja tagħha għall-proġett ITER ("stima mat-tlestija") huwa vvalutat f'ammont ta' EUR 25.8 biljun (f'valuri tal-2024). Din l-istima tirrifletti żieda fil-kostijiet li tirriżulta mil-linji bażi riveduti tal-ITER, li ġew proposti mill-ITER-IO f'Lulju 2024 iżda li għadhom ma ġewx adottati formalment mill-Kunsill ITER (ara l-paragrafi **3.13.12** u **3.13.15**).

3.13.7. Niġbdu l-attenzjoni wkoll għall-punt (d) fil-parti introduttorja tal-kontijiet annwali tal-JU għall-2024 (“Impatt tas-sitwazzjoni internazzjonali”), li jiddeskrivi l-impatt inflazzjonarju sinifikanti u twil li l-problemi fil-katina tal-provvista, skattati mill-COVID-19 u mill-gwerra ta’ aggressjoni kontra l-Ukrajna, kellhom fuq l-operazzjonijiet tal-F4E. L-F4E JU tistma li l-impatt totali fuq l-istima tagħha mat-tlestija se jkun ta’ EUR 246 miljun (f’valuri tal-2008).

L-opinjoni tagħna fir-rigward ta’ dawn il-kwistjonijiet mhijiex modifikata.

Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

Dħul

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet

3.13.8. Fl-opinjoni tagħna, id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet tal-F4E għas-sena li ntemmet fil-31 ta’ Diċembru 2024 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Pagamenti

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

3.13.9. Fl-opinjoni tagħna, il-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-F4E għas-sena li ntemmet fil-31 ta’ Diċembru 2024 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

3.13.10. L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tagħna.

Osservazzjonijiet dwar kwistjonijiet oħra

Ir-reviżjoni fl-2024 tal-linji bażi tal-ITER żiedet b’mod konsiderevoli l-esponiment tal-F4E għar-riskju

3.13.11. Il-Ftehim ITER li jstabbilixxi l-ITER-IO fost l-Istati parteċipanti (l-Istati Membri tal-Euratom, ir-rappreżentati mill-Kummissjoni, kif ukoll iċ-Ċina, l-Indja, il-Ġappun, il-Korea t’Isfel, ir-Russja u l-Istati Uniti) daħal fis-seħħ f’Ottubru 2007. L-F4E ġiet stabbilita fl-2007 bħala l-“aġenzija domestika” inkarigata mill-kontribuzzjoni Ewropea għall-proġett ITER. Kemm l-ITER-IO kif ukoll l-F4E għandhom tul ta’-ħajja ta’ 35 sena, li tintemm fl-2042. Il-Ftehim ITER jista’ jiġi estiż għal 10 snin oħra b’deċiżjoni tal-Kunsill ITER.

3.13.12. F'Ġunju 2024, l-ITER-IO pproponiet pjan ta' proġett rivedut lill-Kunsill ITER, b'sett ġdid ta' linji bażi biex jissostitwixxu daww maqbula fl-2016. Il-pjan rivedut jipposponi tmiem il-fażi ta' assemblaġġ tal-ITER mill-2025 (l-ewwel plażma) għall-2035 (bidu tal-operazzjonijiet ta' riċerka) u tmiem il-proġett kollu mill-2042 għall-2059 (17-il sena wara d-data tat-tmiem attwali). Il-Kunsill ITER ħa nota tal-linji bażi riveduti u approva l-użu tagħhom mill-ITER-IO u l-aġenziji domestiċi (bħall-F4E) bħala pjan ta' ħidma għall-monitoraġġ tal-progress u l-ġestjoni operazzjonali tal-proġett ITER, mingħajr preġudizzju għall-kostijiet ġenerali u l-proċeduri baġitarji annwali. Madankollu, il-Kunsill ITER ma approva l-linji bażi tal-2024 formalment⁴⁶.

3.13.13. Fit-tieni nofs tal-2024, l-F4E bdiet tagħgħusta l-ippjanar operazzjonali tagħha għal-linji bażi riveduti, b'segwitu għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ITER. Skont id-digriet tal-Gvern Franċiż fl-2012 li jstabbilixxi l-ITER, ir-reattur ta' Cadarache jrid ikun qed jopera fi żmien 25 sena (qabel April 2037) sakemm Franza ma tagħtix estensjoni.

3.13.14. Il-linji bażi tal-2024 jinkludu diversi bidliet tekniċi importanti għall-proġett ITER li jaf jolqtu bil-kbir l-ambitu għall-kontribuzzjonijiet *in natura* lill-F4E). Il-bidliet prinċipali huma dawn li ġejjin:

- Separazzjoni tal-proċess ta' assemblaġġ f'żewġ stadji, bl-akkwiżizzjoni ta' partijiet aktar kumplessi tal-għodda pospost għall-istadju ta' wara.
- L-użu tat-tungstenu minflok il-berillju fl-ewwel ħajt li jħares lejn il-plażma, u b'hekk tittejjeb is-sikurezza u jitnaqqsu l-kostijiet li jkunu għal żmien twil.
- Żieda sinifikanti fl-enerġija tat-tiġin mill-frekwenzi tar-radju minħabba l-bidla fil-materjal tal-ewwel ħajt, li teħtieġ 48 ġirotona addizzjonali. L-F4E pproponiet li twassal sa 16 minn dawn it-48 ġirotona bi skambju tal-possibbiltà ta' tnaqqis ekwivalenti fil-kontribuzzjonijiet tagħha fi flus kontanti għall-ITER biex issaħħaħ ir-reżiljenza industrijali tal-UE f'dan il-qasam kritiku tal-teknoloġija tal-fużjoni.
- Fasla ta' faċilitajiet taċ-ċelloli sħan f'żewġ stadji għar-rimi ta' komponenti tal-ITER ikkontaminati, b'faċilitajiet aktar sempliċi u ferm iżgħar matul il-fażi ta' attivazzjoni baxxa li ddum sal-2050.

3.13.15. Fl-aħħar nett, il-linji bażi l-ġodda proposti se jirrikjedu li l-aġenziji domestiċi kollha jagħtu kontribuzzjonijiet akbar fi flus kontanti u *in natura* lill-ITER-IO. Skont il-kontijiet annwali tal-F4E, l-impatt finanzjarju stmat tal-linji bażi tal-2024 huwa l-mutur prinċipali għaż-żieda sinifikanti fl-obbligi ta' konsenja tal-JU għall-proġett ITER ("stima mat-tlestija") minn

⁴⁶ Ara d-deċiżjonijiet tal-Kunsill ITER mill-34 laqgħa tiegħu (l-20 ta' Ġunju 2024).

L-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (F4E)

EUR 21.2 biljun (tmien l-2023; EUR 21.6 biljun f'valuri tal-2024) għal EUR 25.8 biljun (tmien l-2024). Dan se jfisser żieda ta' madwar EUR 4.2 biljun (f'valuri tal-2024) fil-kontribuzzjonijiet mill-Euratom u minn Franza għall-baġits operattivi tal-JU.

3.13.16. Nirrikonoxxu li kien meħtieġ aġġustament għal-linji bażi tal-2016, biex jiġi indirizzat id-dewmien sinifikanti sa issa, prinċipalment permezz ta' simplifikazzjoni fl-implimentazzjoni tal-proġett. Madankollu, il-linji bażi riveduti kif proposti mill-ITER-IO żiedu l-esponiment tal-F4E għal għadd ta' riskji li ma jintwerewx b'mod adegwat fir-reġistru tar-riskju l-aktar reċenti tagħha.

- Riskju għas-sostenibbiltà: ir-rilevanza tal-proġett ITER tista' tiġi mminata, minħabba ċ-ċaqliq ta' stadji importanti (bħall-ewwel kisba fil-plażma) eqreb lejn id-data tat-tmien tal-proġett u l-kompetizzjoni akbar ikkawżata mill-iżvilupp ta' proġetti ta' fużjoni f'pajjiżi terzi.
- Riskju legali: il-membri jaf jirrifjutaw li jiffirmaw l-estensjoni għall-Ftehim ITER (li tintemm fl-2042), jew id-digriet Franċiż jaf jiskadi qabel ma r-reattur ikun jista' jibda jitħaddem.
- Riskju tekniku u ekonomiku: il-bidliet sinifikanti fl-ambitu tar-riżultati tanġibbli tekniċi tal-F4E (bħal dawk li jolqtu l-faċilitajiet taċ-ċelloli sħan) jaf ikollhom impatt fuq l-innovazzjoni.
- Riskju finanzjarju: il-kontribuzzjonijiet ferm oġhla tal-F4E jaf ma jiġux iffinanzjati b'mod sostenibbli mill-Euratom taħt QFP futuri jew mill-pajjiż ospitanti, Franza.

Osservazzjonijiet dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet

3.13.17. Awditajna kampjun aleatorju ta' 30 tranżazzjoni (pagamenti finali/*interim* u approvazzjonijiet) li kienu ġew approvati fl-2024, biex nivvalutaw l-effettività tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-F4E dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa operazzjonali. Sibna żball wieħed b'impatt finanzjarju li rriżulta minn modifika sostanzjali għal żewġ kuntratti ta' bini u li ma ġiex indirizzat minn proċedura ta' akkwist ġdida.

Osservazzjonijiet dwar is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll

Dgħufijiet fis-sistema tal-ġestjoni tar-riskju tal-F4E u fl-għodda tal-IT tagħha

3.13.18. Meta tidentifika riskju, l-F4E tiffoka prinċipalment fuq ir-riskji għall-implimentazzjoni operazzjonali tal-proġett. Hija ma tindirizzax riskji kollha tar-riżorsi umani — bħall-ħtieġa li l-JU tiġi ristrutturata biex taġġusta għal-linji bażi tal-2024, l-użu intensiv

L-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (F4E)

ta' fornituri esterni tas-servizzi, is-suġġetti tal-ippjanar u l-ġestjoni tar-riżorsi (b'mod partikolari l-kapaċità tal-JU li żżomm jew tirrekluta persuni bil-ħiliet meħtieġa), u n-nuqqas ta' konformità mar-[Regolamenti tal-Persunal tal-UE](#) jew mal-qafas etiku tal-JU — b'mod simili.

3.13.19. Barra minn hekk, l-għodda tal-IT li l-F4E tuża għall-ġestjoni tar-riskju ma tipprovdix informazzjoni dwar l-impatt finanzjarju fi prezzijiet attwali tar-riskji ewlenin rilevanti, u lanqas dwar l-inċidenza attwali tagħhom.

Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

3.13.20. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjoni korrettiva li ttieħdet mill-F4E b'rispons għall-osservazzjonijiet tagħna mis-snin preċedenti tingħata fl-[Anness](#).

Anness — Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

Numru	Sena tal-osservazzjoni tal-QEA	Osservazzjoni tal-QEA (sommarju)	Azzjoni korrettiva u żviluppi rilevanti oħra (sommarju)	Status tal-osservazzjoni tal-QEA
1	2019, 2023	L-ebda funzjoni ċentralizzata għall-koordinazzjoni u l-ġestjoni tal-fornituri esterni tas-servizzi (ESPs) u lanqas metodoloġija għall-valutazzjoni tal-ħtiġijiet aggregati tar-riżorsi umani tal-F4E (bl-ESPs inklużi). L-ippjanar tal-ħtiġijiet aggregati tar-riżorsi umani (inklużi l-ESPs) mhux ibbażat fuq stima xierqa tal-ammont ta' xogħol jew tal-ħiliet u l-kapaċitajiet meħtieġa. L-ebda definizzjoni formali unika tal-ESPs sabiex l-impatt tagħhom fuq il-ħtiġijiet tal-persunal statutorju jkun jista' jiġi vvalutat b'mod korrett.	FI-2022 twaqqaf grupp ta' ħidma biex jivvaluta d-dipendenza qawwija mir-riżorsi esterni ħalli l-użu tagħhom ikun jista' jiġi ppjanat u ġġustifikat aħjar. FI-2024 l-F4E approva politika dwar l-użu tal-ESPs, li kienet tinkludi d-definizzjoni tagħhom u l-ippjanar tal-ħtiġijiet tagħhom. Sussegwentement fl-2025, ittieħdet deċiżjoni dwar iċ-ċentralizzazzjoni tal-koordinazzjoni u ġestjoni tagħhom.	Miftuħa
2	2021, 2023	Ir-reġistru tar-riskju l-aktar reċenti tal-F4E jkopri r-riskju ta' assimilazzjoni insuffiċjenti tal-ESPs, iżda l-ebda riskju potenzjali ieħor relatat ma' dipendenza qawwija mill-ESPs għal żmien twil.	L-F4E qed tippjana li tivvaluta fl-2025 jekk riskji oħra relatati mal-ESPs jeħtiġux li jiġu inklużi fir-reġistru tar-riskju.	Miftuħa
3	2022, 2023	Rata baxxa ta' implimentazzjoni għall-baġit tal-impenji operazzjonali. Rata baxxa ta' implimentazzjoni għall-baġit għall-pagamenti amministrattivi (it-Titolu 2), u l-	Is-sitwazzjoni tjiebet fl-2024. Fi tmiem l-2024, l-F4E kienet implimentat 91 % tal-appropriazzjonijiet ta' impenn disponibbli (2023: 70 %) u 68 % tal-baġit għall-pagamenti	Magħluqa

L-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (F4E)

Numru	Sena tal-osservazzjoni tal-QEA	Osservazzjoni tal-QEA (sommarju)	Azzjoni korrettiva u żviluppi rilevanti oħra (sommarju)	Status tal-osservazzjoni tal-QEA
		kanċellazzjoni ta' ħafna impenji riportati mis-sena preċedenti.	amministrattivi (2023: 65 %) u kkanċellat 19 % tal-impenji riportati mis-sena ta' qabel (2023: 21 %).	
4	2022, 2023	Il-maniġment superjuri tal-F4E ilu fi stat ta' tranżizzjoni sa minn tmien l-2022, u riorganizzazzjoni sinifikanti fl-2023 li rriżultat f'tibdil fir-rwoli u fir-responsabbiltajiet tal-maniġment intermedju.	Fl-2024, l-F4E nediet il-proċeduri ta' reklutaġġ pendenti kollha għal pożizzjonijiet vakanti ta' maniġment superjuri u intermedju u ffinalizzathom f'Marzu 2025.	Magħluqa
5	2022	Il-valutazzjoni tar-riskju l-aktar reċenti tal-F4E ma kinitx tirrifletti r-riskji maħluqa minn avvenimenti sinifikanti magħrufa li kienu qed jolqtu l-attivitajiet tagħha.	L-F4E introduċiet kunċett ta' identifikazzjoni tar-riskju ġdid biex tappoġġa l-konsolidazzjoni rapida fil-livell sommarju tar-riskju u żid il-viżibbiltà tal-attivitajiet kollha ta' ġestjoni tar-riskju. Madankollu, ir-riskji ewlenin li jirriżultaw mil-linji bażi proposti tal-2024 ma jintwerewx b'mod adegwat fil-valutazzjoni tar-riskju tal-JU (ara l-paragrafu 3.13.16). L-F4E qed tippjana li tivvaluta fl-2025 jekk dawn ir-riskji jeħtiġux li jiġu inklużi fir-reġistru tar-riskju.	Miftuħa
6	2023	L-istimi tal-ippjanar tal-F4E għal żmien twil fil-kontijiet annwali għall-2023 ("stima mat-tlestija") kienu sostanzjalment sottovalutati, billi kienu għadhom ibbażati fuq stadji importanti u	Fil-kontijiet annwali tal-F4E għall-2024, l-istima mat-tlestija kienet ibbażata fuq il-linji bażi proposti tal-2024 (ara l-paragrafu 3.13.15).	Magħluqa

L-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (F4E)

Numru	Sena tal-osservazzjoni tal-QEA	Osservazzjoni tal-QEA (sommarju)	Azzjoni korrettiva u żviluppi rilevanti oħra (sommarju)	Status tal-osservazzjoni tal-QEA
		suppożizzjonijiet tal-kostijiet tal-2016 li ma kinux jirriflettu kont ta' bidliet tekniċi sinifikanti u aktar reċenti.		
7	2023	Ir-rapporti annwali tal-F4E ma kinux jirriflettu b'mod preċiż is-sitwazzjoni fir-rigward tal-persunal permanenti, inkluż il-persunal temporanju b'kuntratti indefiniti u b'hekk il-persunal permanenti <i>de facto</i> .	Ir-Rapporti Annwali tal-F4E għall-2024 ma pprovdew l-ebda informazzjoni dwar il-persunal temporanju li kien inħatar f'postijiet permanenti.	Miftuħa
8	2023	Il-kapaċità tal-awditjar intern tal-JU ma pprovdiet l-ebda evidenza sodisfaċenti dwar l-użu regolari tal-informazzjoni dwar il-ġestjoni tar-riskju meta ppjanat l-attivitajiet tal-awditjar intern tagħha. Il-qafas ta' kontroll intern kien għadu ma jinkludix proċess integrat ta' ġestjoni tar-riskju.	FI-2024, l-F4E introduċiet laqgħat regolari kull tliet xhur bejn it-tim tal-ġestjoni tar-riskju u t-tim tal-awditjar intern tagħha. L-eżitu ta' dawn il-laqgħat għadu ma ttehdix inkunsiderazzjoni fil-proċess ta' kontroll intern.	Miftuħa
9	2023	L-ebda politika dwar il-ġestjoni ta' funzjonijiet sensittivi.	L-F4E adottat il-politika tagħha dwar il-ġestjoni ta' funzjonijiet sensittivi f'April 2025. F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-politika, hija ddefiniet lista ta' karigi sensittivi u miżuri ta' mitigazzjoni korrispondenti.	Magħluqa

L-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (F4E)

Risposti tal-F4E

https://www.eca.europa.eu/Lists/ECARepplies/F4E-Replies-SAR-JUS-2024/F4E-Replies-SAR-JUS-2024_MT.pdf

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija mis-Sur Petri Sarvamaa, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-23 ta' Settembru 2025.

Għall-Qorti Ewropea tal-Awdituri



Tony Murphy
Il-President

Abbrevjazzjonijiet

BBI	L-Impriża Konġunta dwar l-Industrija b'bażi Bijoloġika
BCP	Pjan għall-kontinwità tal-operat
CA	L-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa
CAS	Servizz tal-Awditjar Komuni tal-Kummissjoni Ewropea
CBE	L-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika
Clean H2	L-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif
CS	Impriża Konġunta "Clean Sky"
DĠ CNECT	Id-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għan-Networks tal-Komunikazzjonijiet, il-Kontenut u t-Teknoloġija
DĠ MOVE	Id-Direttorat Ġenerali għall-Mobbilità u t-Trasport
DĠ RTD	Id-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni tal-Kummissjoni
DRP	Pjan ta' rkupru minn diżastri
ECCC	Ċentru Ewropew ta' Kompetenza fil-qasam ta' Ċibersigurtà
ECSEL	L-Impriża Konġunta Komponenti u Sistemi Elettroniċi
EDCTP	Sħubija għall-Provi Kliniċi bejn Pajjiżi Ewropej u Pajjiżi li qed Jiżviluppaw
ESP	Fornitur estern tas-servizzi
EU-Rail	L-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea
Euratom	Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika
EuroHPC	L-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew
F4E	L-Impriża Konġunta Fużjoni għall-Enerġija
FCH	L-Impriża Konġunta ta' Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu
FNE	Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa
FP7	Is-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka u l-Iżvilupp teknoloġiku (2007–2013)
HaDEA	L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali
IA	Intelliġenza artifiċjali
IAS	Servizz tal-awditjar intern
IHI	L-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva
IKA	Kontribuzzjonijiet <i>in natura</i> għall-attivitajiet addizzjonali

IKOP	Kontribuzzjonijiet <i>in natura</i> għall-attivitajiet operazzjonali
IMI	L-Impriża Konġunta għall-Inizjattiva dwar il-Mediċini Innovattivi
ISAs	Standards Internazzjonali tal-Awditjar
ISSAIs	Standards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar
ITER	Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali
ITER-IO	L-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER
JU	Impriża Konġunta
JU Saħħa Globali EDCTP3	Il-JU Saħħa Globali u s-Sħubija għall-Provi Kliniċi bejn Pajjiżi Ewropej u Pajjiżi li qed Jiżviluppaw 3
KDT	L-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin
QFP	Qafas finanzjarju pluriennali
S2R	L-Impriża Konġunta Shift2Rail (Inizjattiva Ferrovjarja Ewropea)
SESAR	L-Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew
SNS	L-Impriża Konġunta Networks u Servizzi Intelliġenti
TFUE	Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

DRITTJIJET TAL-AWTUR

© Unjoni Ewropea, 2025

Il-politika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-użu mill-ġdid hija stabbilita fid-
[Deċiżjoni Nru 6–2019 tal-QEA](#) dwar il-politika tad-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid ta' dokumenti.

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor (eż. f'avviżi individwali dwar id-drittijiet tal-awtur), il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA li jkun proprjetà tal-UE huwa liċenzjat taħt il-[liċenzja tal-Creative Commons Attribution 4.0 International \(CC BY 4.0\)](#). Għalhekk, bħala regola ġenerali, l-użu mill-ġdid huwa awtorizzat dment li jingħata kreditu xieraq u li kwalunkwe bidla tiġi indikata. Dawk li jużaw mill-ġdid il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA ma jistgħux ibiddlu s-sinifikat jew il-messaġġ oriġinali. Il-QEA ma għandhiex tkun responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza relatata mal-użu mill-ġdid.

Irid jinkiseb permess addizzjonali jekk kontenut speċifiku juri individwi privati identifikabbli, eż. f'ritratti li jkun fihom il-membri tal-persunal tal-QEA, jew jekk ikun jinkludi xogħlijiet ta' parti terza.

Fejn ikun inkiseb tali permess, dan għandu jikkancelła u jissostitwixxi l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar kwalunkwe restrizzjoni dwar l-użu.

Għal użu jew riproduzzjoni ta' kontenut li ma jkunx proprjetà tal-UE, jaf ikun meħtieġ li jintalab il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Software jew dokumenti li jkunu koperti mid-drittijiet ta' proprjetà industrijali, bħal privattivi, trademarks, disinni rreġistrati, logos u ismijiet, huma esklużi mill-politika tal-QEA dwar l-użu mill-ġdid.

Il-familja ta' siti elettroniċi istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, fid-dominju europa.eu, tipprovdi links għal siti ta' partijiet terzi. Peress li l-QEA ma għandha l-ebda kontroll fuqhom, dawn, inti mħeġġeġ taqra l-politiki tagħhom dwar il-privatezza u dwar id-drittijiet tal-awtur.


Użu tal-logo tal-QEA

Ma jistax isir użu mil-logo tal-QEA mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tagħha minn qabel.

PDF	ISBN 978-92-849-5362-2	ISSN 2812-0116	doi:10.2865/5311343	QJ-01-25-035-MT-N
-----	------------------------	----------------	---------------------	-------------------

KIF TIKKWOTA

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ir-[Rapport Annwali dwar l-Impriżi Konġunti tal-UE għas-sena finanzjarja 2024](#), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025.



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea